IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJIET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 25.9.2017
JOIN(2017) 37 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta Konġunta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra.

FTEHIM TA' SĦUBIJA KOMPRENSIV U MSAĦĦAĦ

BEJN L-UNJONI EWROPEA

U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA,

U R-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA, MIN-NAĦA L-OĦRA

PREAMBOLU

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn ‘il quddiem imsejħa l-”Istati Membri”,

L-UNJONI EWROPEA, u

Il-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “Euratom”

minn naħa, u

IR-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA

min-naħa l-oħra,

minn hawn ’il quddiem imsejħa flimkien bħala "il-Partijiet",

F’KUNSIDERAZZJONI TAR-rabtiet b’saħħithom bejn il-Partijiet u l-valuri kondiviżi, kif ukoll ix-xewqa tagħhom li jsaħħu r-rabtiet stabbiliti fil-passat permezz tal-Ftehim ta’ Sħubija u Kooperazzjoni u biex jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib u intensiva bbażata fuq sħubija ugwali fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u s-Sħubija tal-Lvant kif ukoll fi ħdan dan il-Ftehim;

WARA LI GĦARFU l-kontribuzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV konġunt bejn l-UE u l-Armenja, inklużi dispożizzjonijiet introduttorji, u l-importanza tal-prijoritajiet ta’ sħubija fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja u sabiex jgħinu biex jimxi ‘l quddiem il-proċess tar-riforma u l-approssimazzjoni, kif imsemmi minn hawn ’il quddiem, fir-Repubblika tal-Armenja, biex b’hekk jikkontribwixxu għal kooperazzjoni politika u ekonomika msaħħa;

IMPENJATI li jkomplu jsaħħu r-rispett għal-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt kif ukoll il-governanza tajba;

FILWAQT li jirrikonoxxu li r-riformi interni lejn it-tisħiħ tad-demokrazija u l-ekonomija tas-suq, minn naħa waħda, u r-riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitti, min-naħa l-oħra, huma marbuta. Għalhekk, proċessi ta' riforma demokratika sostenibbli fir-Repubblika tal-Armenja sem jgħinu fil-bini tal-fiduċja u l-istabbiltà fir-reġjun kollu;

IMPENJATI li jkomplu jippromwovu l-iżvilupp politiku, soċjoekonomiku u istituzzjonali tar-Repubblika tal-Armenja permezz ta', pereżempju, l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, il-bini tal-istituzzjonijiet, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizz ċivili, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kummerċ u kooperazzjoni ekonomika msaħħa, inkluża l-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, it-tnaqqis tal-faqar, u firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni, inkluż fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà;

IMPENJATI għall-implimentazzjoni sħiħa tal-għanijiet, il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1948, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-1950 ("il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem") u l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-OSKE);

WARA LI FAKKRU r-rieda tagħhom li jsaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll jimpenjaw ruħhom fil-multilateraliżmu effettiv u s-soluzzjoni paċifika għat-tilwim fi ħdan il-formati miftiehma, b'mod partikolari billi jikkooperaw għal dan l-għan fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE);

F'IMPENN lejn l-obbligi internazzjonali fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva ("AQMs") u l-mezzi ta' fornitura tagħhom u għall-kooperazzjoni dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, kif ukoll is-sigurtà u s-sikurezza nukleari;

WARA LI GĦARFU l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tar-Repubblika tal-Armenja f'formati ta' kooperazzjoni reġjonali, inkluż dawk appoġġati mill-Unjoni Ewropea; wara li għarfu l-importanza li r-Repubblika tal-Armenja tagħti għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u formati ta' kooperazzjoni eżistenti tagħha u l-obbligi li jirriżultaw minnhom;

F'XEWQA li jkomplu jiżviluppaw id-djalogu politiku regolari dwar kwistjonijiet bilaterali u internazzjonali ta' interess reċiproku, inklużi aspetti reġjonali, fil-kunsiderazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, inkluż il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, tal-Unjoni Ewropea u l-politiki relevanti tar-Repubblika tal-Armenja; wara li għarfu l-importanza li r-Repubblika tal-Armenja tagħti għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u formati ta' kooperazzjoni eżistenti tagħha u l-obbligi li jirriżultaw minnhom;

WARA LI GĦARFU l-importanza tal-impenn tar-Repubblika tal-Armenja lejn soluzzjoni paċifika u dejjiema tal-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh, u l-ħtieġa li tinkiseb soluzzjoni mill-iktar fis possibbli, fi ħdan il-qafas tan-negozjati mmexxija mill-kopresidenti tal-Grupp OSKE Minsk; wara li għarfu wkoll il-ħtieġa li dik is-soluzzjoni tinkiseb fuq il-bażi tal-għanijiet u l-prinċipji mħaddna fil-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-OSKE, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-evitar tat-theddid jew l-użu tal-forza, l-integrità territorjali tal-Istati, u d-drittijiet ugwali u awtodeterminazzjoni tal-popli u riflessi fid-dikjarazzjonijiet kollha maħruġa fi ħdan il-qafas tal-mill-kopresidenza tal-Grupp OSKE Minsk mis-16-il Kunsill Ministerjali tal-OSKE tal-2008; filwaqt li jinnutaw ukoll l-impenn dikjarat tal-Unjoni Ewropea li tappoġġja dan il-proċess ta' riżoluzzjoni;

F’IMPENN li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u li jżidu l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

F'IMPENN biex iżidu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-mobbilità, il-migrazzjoni, l-ażil u l-ġestjoni tal-fruntieri b’approċċ komprensiv li jagħti attenzjoni għall-migrazzjoni legali u għal kooperazzjoni mmirata biex tittratta l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ftehim ta’ riammissjoni;

FILWAQT LI JIKKONFERMAW MILL-ĠDID li l-mobbiltà msaħħa taċ-ċittadini tal-Partijiet f’ambjent sikur u ġestit sew tibqa’ għan ewlieni u f’kunsiderazzjoni fi żmien debitu tal-ftuħ ta’ djalogu dwar il-viżi mar-Repubblika tal-Armenja, sakemm il-kundizzjonijiet għal mobilità ġestita tajjeb u sikura, inkluż l-implimentazzjoni effettiva ta’ ftehimiet ta’ faċilitazzjoni u ta’ riammissjoni bejn il-Partijiet, huma fis-seħħ;

F’IMPENN lejn il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq ħieles u wara li kkonfermaw ir-rieda tal-Unjoni Ewropea li tikkontribwixxi għar-riformi ekonomiċi fir-Repubblika tal-Armenja;

WARA LI GĦARFU r-rieda tal-Partijiet li japprofondixxu l-kooperazzjoni ekonomika, inkluż f’oqsma relatati mal-kummerċ, f’konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tal-Partijiet mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u permezz tal-applikazzjoni trasparenti u nondiskriminatorja ta’ dawn id-drittijiet u l-obbligi;

KONVINTI li dan il-Ftehim se joħloq klima ġdida għar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet, u fuq kollox għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment, u se jistimola l-kompetizzjoni, fatturi li huma kruċjali għar-ristrutturar ekonomiku u l-modernizzazzjoni;

F’IMPENN lejn ir-rispett tal-prinċipji ta’ żvilupp sostenibbli;

F’IMPENN lejn l-iżgurar tal-protezzjoni ambjentali, inkluż kooperazzjoni transfruntiera u l-implimentazzjoni ta’ ftehimiet internazzjonali multilaterali;;

F’IMPENN li jsaħħu s-sigurtà u s-sikurezza tal-provvista tal-enerġija, jiffaċilitaw l-iżvilupp ta’ infrastruttura xierqa, iżidu l-integrazzjoni tas-suq u l-approssimazzjoni regolatorja mal-elementi ewlenin tal-acquis tal-UE msemmija minn hawn ’il quddiem, inkluż fost l-oħrajn, billi jippromwovu l-effiċjenza tal-enerġija u l-użu ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, filwaqt li jieħdu in kunsiderazzjoni l-impenji tar-Repubblika tal-Armenja għall-prinċipji ta’ trattament ugwali ta’ pajjiżi fornituri tal-enerġija, il-pajjiżi ta’ tranżitu tal-enerġija kif ukoll il-pajjiżi konsumaturi;

F’IMPENN għal livelli għolja ta’ sikurezza nukleari u sigurtà nukleari, kif imsemmi minn hawn ’il quddiem;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħtieġa għal kooperazzjoni mtejba fil-qasam tal-enerġija, u l-impenn tal-Partijiet li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija;

LESTI li jtejbu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, jirrispettaw il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku;

F'IMPENN għat-tisħiħ tal-kuntatti fuq livell personali, inkluż permezz ta’ kooperazzjoni u skambji fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija, l-edukazzjoni u l-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport;

F’IMPENN li jippromwovu kooperazzjoni transkonfinali u interreġjonali;

WARA LI GĦARFU l-impenn tar-Repubblika tal-Armenja li progressivament tapprossima l-leġiżlazzjoni tagħha fis-setturi relevanti ma' dik tal-Unjoni Ewropea, biex timplimentaha b'mod effettiv bħala parti minn riforma usa' tagħha u tiżviluppa l-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħha safejn meħtieġ biex issaħħaħ dan il-Ftehim, u wara li għarfu l-appoġġ sostnut tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-istrumenti kollha disponibbli ta' kooperazzjoni, inkluż għajnuna teknika, finanzjarja u ekonomika f'konnessjoni ma' dak l-impenn, li jirrifletti l-pass tar-riforma u l-ħtiġijiet ekonomiċi tar-Repubblika tal-Armenja;

FILWAQT LI JINNUTAW li, jekk il-Partijiet jiddeċiedu, fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu f'arranġamenti speċifiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja konklużi mill-Unjoni Ewropea skont it-titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet futuri ma jkunux vinkolanti għar-Renju Unit u/jew l-Irlanda sakemm l-Unjoni Ewropea, simultanjament mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti rispettivi tagħhom, ma jinnotifikawx lir-Repubblika tal-Armenja li r-Renju Unit u/jew l-Irlanda sar/saru vinkolati minn tali ftehimiet skont il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, kull miżura interna sussegwenti tal-Unjoni Ewropea li tiġi addottata skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi implimentat dan il-Ftehim ma tkunx torbot lir-Renju Unit u/jew lill-Irlanda ħlief jekk ikunu nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem jew jaċċettaw tali miżuri bi qbil mal-Protokoll Nru 21; jinnotaw ukoll li tali ftehimiet futuri jew tali miżuri interni sussegwenti tal-Unjoni Ewropea jkunu jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mal-imsemmija Trattati,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

GĦANIJIET U PRINĊIPJI ĠENERALI

ARTIKOLU 1

Għanijiet

L-għanijiet ta’ dan il-Ftehim huma:

(a) li jsaħħaħ is-sħubija politika u ekonomika komprensiva u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet, abbażi ta’ valuri komuni u rabtiet mill-qrib, inkluż billi tiżdied il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-politiki, il-programmi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea;

(b) li jsaħħaħ il-qafas għal djalogu politiku fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku, filwaqt li jippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi fil-qrib bejn il-Partijiet;

(c) li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u għall-istabbiltà politika, ekonomika u istituzzjonali fir-Repubblika tal-Armenja;

(d) li jippromwovi, jippreserva u jsaħħaħ il-paċi u l-istabbiltà fil-livelli reġjonali u internazzjonali, inkluż permezz ta' sforz konġunt biex jiġu eliminati s-sorsi ta' tensjoni, tissaħħaħ is-sigurtà bejn il-fruntieri, u jiġu promossi l-kooperazzjoni transfruntiera u r-relazzjonijiet tajba mal-viċinat;

(e) li jtejjeb il-kooperazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, bil-għan li jissaħħaħ l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

(f) li jsaħħaħ il-mobilità u l-kuntatti bejn in-nies;

(g) li jappoġġa l-isforzi tar-Repubblika tal-Armenja biex tiżviluppa l-potenzjal ekonomiku tagħha permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, anki permezz tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-acquis tal-UE msemmija minn hawn ‘l quddiem;

(h) li jistabilixxi kooperazzjoni kummerċjali msaħħa li tippermetti għal kooperazzjoni regolatorja sostnuta fl-oqsma relevanti, f’konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija mad-WTO; kif ukoll

(i) li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni dejjem iktar mill-qrib f'oqsma oħra ta' interess reċiproku.

ARTIKOLU 2

Il-Prinċipji Ġenerali

1. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif stabbiliti b’mod partikolari fil-Karta tan-NU, l-Att Finali ta’ Ħelsinki tal-OSKE u fil-Karta ta’ Pariġi għal Ewropa Ġdida tal-1990, kif ukoll strumenti tad-drittijiet tal-bniedem relevanti oħra bħalma huma d-Dikjarazzjoni Universali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-politiki domestiċi u esterni tal-Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet itennu l-impenn tagħhom għall-prinċipji ta' ekonomija tas-suq ħieles, l-iżvilupp sostenibbli, il-kooperazzjoni reġjonali u l-multilateriżmu effettiv.

3. Il-Partijiet jirriaffermaw ir-rispett tagħhom lejn il-prinċipji tal-governanza tajba, kif ukoll l-obbligi internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari taħt in-NU, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE.

4. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-forom differenti ta' kriminalità transnazzjonali organizzata u t-terroriżmu, il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, il-multilateraliżmu effettiv u l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom, inkluż permezz tal-Inizjattiva dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE. Dan l-impenn jikkostitwixxi fattur ewlieni fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u b'hekk jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà reġjonali.

TITOLU II

DJALOGU U RIFORMA POLITIĊI; KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ

ARTIKOLU 3

L-Għanijiet tad-Djalogu Politiku

1. Id-djalogu politiku dwar l-oqsma kollha ta' interess reċiproku, inkluż kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà kif ukoll ir-riforma domestika, għandu jiġi żviluppat u msaħħaħ iktar bejn il-Partijiet. Tali djalogu se jżid l-effikaċja tal-kooperazzjoni tal-kooperazzjoni politika fuq il-politika estera u kwistjonijiet ta' sigurtà, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li r-Repubblika tal-Armenja tagħti għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u formati ta' kooperazzjoni u l-obbligi eżistenti li joħorġu minnhom.

2. L-għanijiet tad-djalogu politiku għandhom ikunu:

(a) l-iżvilupp ulterjuri u t-tisħiħ tad-djalogu politiku dwar l-oqsma kollha ta' interess reċiproku;

(b) It-tisħiħ tas-sħubija politika u ż-żieda tal-effettività tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà;

(c) il-promozzjoni tal-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali abbażi ta' multilateraliżmu effettiv;

(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tad-djalogu bejn il-Partijiet dwar is-sigurtà internazzjonali u l-ġestjoni tal-kriżi, b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali u reġjonali u t-theddid relatat;

(e) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom;

(f) it-trawwim ta' kooperazzjoni orjentata lejn ir-riżultati u prattika bejn il-Partijiet biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fuq il-kontinent Ewropew;

(g) it-tisħiħ tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-midja u d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi, u l-kontribut għall-konsolidazzjoni tar-riformi politiċi domestiċi;

(h) l-iżvilupp ta' djalogu u l-approfondiment tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

(i) il-promozzjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

(j) il-promozzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tan-NU kif minquxa fil-Karta tan-NU u l-prinċipji li jiggwidaw ir-relazzjonijiet bejn l-istati parteċipanti kif stipulat fl-Att Finali ta' Ħelsinki tal-OSKE; kif ukoll

(k) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat u t-tisħiħ tas-sigurtà reġjonali, inkluż billi jittieħdu passi lejn il-ftuħ tal-fruntieri għall-promozzjoni tal-kummerċ reġjonali u l-moviment transfruntier.

ARTIKOLU 4

Ir-riforma domestika

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u ż-żieda tal-istabbiltà u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt;

(b) l-iżgurar tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;

(c) il-progress ulterjuri dwar riforma ġudizzjarja u legali, sabiex jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura, il-prosekuzzjoni u l-infurzar tal-liġi;

(d) it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u li tiġi ggarantita l-imparzjalità u l-effettività tal-korpi tal-infurzar;

(e) it-tkomplija tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-iżvilupp ta’ servizz ċivili responsabbli, effiċjenti, trasparenti u professjonali; kif ukoll

(f) fl-iżgurar tal-effettività fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b’mod partikolari fid-dawl tat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti ġuridiċi internazzjonali relevanti, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni tal-2003.

ARTIKOLU 5

Politika estera u ta' sigurtà

1. Il-Partijiet għandhom jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika estera u ta’ sigurtà, inkluża l-politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni, fir-rikonoxximent tal-importanza li r-Repubblika tal-Armenja tagħti lill-parteċipazzjoni tagħha f’organizzazzjonijiet internazzjonali u formati ta’ kooperazzjoni kif ukoll l-obbligi eżistenti tagħha li joħorġu minnhom, u għandhom jindirizzaw kwistjonijiet partikolari ta’ prevenzjoni ta’ kunflitt u ġestjoni tal-kriżijiet, tnaqqis tar-riskju, ċibersigurtà, riforma tas-settur tas-sigurtà, stabbiltà reġjonali, diżarm, nonproliferazzjoni, kontroll tal-armi u l-kontroll tal-esportazzjoni. Il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni u interessi reċiproċi, u għandha tkun immirata lejn iż-żieda ta’ effikaċja, bl-użu ta' fora bilaterali, internazzjonali u reġjonali, b’mod partikolari l-OSKE.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-prinċipji u l-istandards tal-liġi internazzjonali, inklużi dawk minquxa fil-Karta tan-NU u fl-Att Finali ta’ Ħelsinki tal-OSKE, u l-impenn tagħhom għall-promozzjoni ta’ dawk il-prinċipji fir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali tagħhom.

ARTIKOLU 6

Delitti serji ta' tħassib internazzjonali u l-Qorti Kriminali Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirriaffermaw li l-iktar reati serji ta’ tħassib għall-komunità internazzjonali b’mod ġenerali ma jistgħux ma jiġux puniti u li l-prosekuzzjoni effettiva tagħhom trid tiġi żgurata billi jittieħdu miżuri fuq livell nazzjonali u internazzjonali, inkluż fil-livell tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

2. Il-Partijiet iqisu li l-istabbiliment u l-funzjonament effettiv tal-Qorti Kriminali Internazzjonali jikkostitwixxu żvilupp importanti għall-paċi u għall-ġustizzja internazzjonali. Il-Partijiet għandhom jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni fil-promozzjoni tal-paċi u l-ġustizzja internazzjonali billi jirratifikaw u jimplimentaw l-Istatut ta’ Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-istrumenti relatati tiegħu, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-oqfsa legali u kostituzzjonali tagħhom.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw mill-qrib sabiex jipprevjenu l-ġenoċidju, il-krimini kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra permezz tal-użu xieraq ta’ oqfsa bilaterali u multilaterali.

ARTIKOLU 7

Prevenzjoni ta' kunflitti u ġestjoni tal-kriżijiet

Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni prattika fil-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni possibbli tar-Repubblika tal-Armenja f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari mmexxija mill-UE kif ukoll eżerċizzji u taħriġ relevanti, fuq bażi ta' każ b'każ.

ARTIKOLU 8

Stabbiltà reġjonali u l-promozzjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti

1. Il-Partijiet għandhom jintensifikaw l-isforzi konġunti tagħhom biex itejbu l-kundizzjonijiet għal iktar kooperazzjoni reġjonali billi jippromwovu l-fruntieri miftuħa għall-moviment transfruntier, relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-iżvilupp demokratiku, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà u s-sigurtà, u għandhom jaħdmu lejn riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti.

2. L-isforzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isegwu prinċipji kondiviżi ta' żamma tal-paċi internazzjonali u s-sigurtà kif imnaqqxa fil-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-OSKE u dokumenti multilaterali oħra relevanti li magħhom il-Partijiet allinjaw ruħhom. Il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza ta' formati eżistenti maqbula għar-riżoluzzjoni paċifika ta' konflitti.

3. Il-Partijiet jenfasizzaw li l-kontroll tal-armi u l-miżuri ta' bini ta' fiduċja u s-sigurtà huma ta' importanza kbira għas-sigurtà, il-prevedibbiltà u l-istabbiltà fl-Ewropa.

ARTIKOLU 9

Armi ta’ qerda massiva, nonproliferazzjoni u diżarm

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta’ AQM u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom, kemm għand atturi statali kif ukoll mhux statali, bħal terroristi u gruppi kriminali oħra, jirrappreżentaw waħda mill-iktar theddidiet serji għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Il-Partijiet għalhekk jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u l-mezzi tal-konsenja tagħhom permezz ta' konformità sħiħa u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-obbligi eżistenti tagħhom taħt it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, kif ukoll obbligi internazzjonali relevanti oħra. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element importanti ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom.

(a) jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu ma', skont il-każ, u jimplimentaw b’mod sħiħ, l-istrumenti internazzjonali l-oħra kollha li huma relevanti; kif ukoll

(b) jiżviluppaw ulterjorment sistema effettiva ta’ kontrolli ta’ esportazzjoni nazzjonali, inkluż kontrolli fuq l-esportazzjoni ta’ oġġetti relatati mal-AQM kif ukoll kontrolli fuq l-użu finali tal-AQM fuq teknoloġiji b’użu doppju.

3. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li għandu jakkumpanja u jikkonsolida l-elementi msemmija f’dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 10

L-armi żgħar u ħfief u l-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura u t-traffikar illegali ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), inkluż il-munizzjon, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux adegwatament protetti u t-tixrid bla kontroll tagħhom ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jsegwu u jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi rispettivi tagħhom li jindirizzaw il-kummerċ illegali tal-SALW, inkluż il-munizzjon tagħhom, skont il-ftehimiet internazzjonali eżistenti u r-riżoluzzjonijiet Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li huma partijiet għalihom, kif ukoll l-impenji tagħhom fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħra li huma applikabbli għal dak il-qasam, bħal pereżempju l-Programm ta' Azzjoni tan-NU biex jipprevjeni, jikkombatti u jeradika l-kummerċ illegali tal-SALW fl-aspetti kollha tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkoperaw u jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom biex jiffaċċaw il-kummerċ illegali tal-SALW, inkluż il-munizzjon tagħhom u l-qerda ta' ħażniet eċċessivi, fil-livell globali, reġjonali, subreġjonali u, kif xieraq, nazzjonali.

4. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jkomplu jikkooperaw fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-armi konvenzjonali, fid-dawl tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari[1] u l-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti tar-Repubblika tal-Armenja.

[1] ĠU UE L 335, 13.12.2008, p. 99.

5. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li għandu jakkumpanja u jikkonsolida l-elementi msemmija f'dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 11

Ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Partijiet jirriaffermaw l-importanza tal-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tat-terroriżmu u jaqblu li jaħdmu flimkien f'livell bilaterali, reġjonali u internazzjonali għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-ġlieda kontrih fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu.

2. Il-Partijiet jaqblu li huwa essenzjali li l-ġlieda kontra t-terroriżmu trid titwettaq b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u b'konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali inklużi l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali, il-prinċipji tal-Karta tan-NU, u l-istrumenti internazzjonali kollha relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3. Il-Partijiet jaffermaw l-importanza tar-ratifika universali u tal-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet u l-protokolli kollha tan-NU relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Partijiet jaqblu li jkomplu jippromwovu d-djalogu dwar l-abbozz ta' Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali u li jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet kollha relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw biex jippromwovu l-konsensus internazzjonali dwar il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

TITOLU III

ĠUSTIZZJA, LIBERTÀ U SIGURTÀ

ARTIKOLU 12

L-Istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali

1. Fil-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja l-Partijiet għandhom jagħtu importanza partikolari għall-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, inkluż l-indipendenza tal-ġudikatura, l-aċċess għall-ġustizzja, u d-dritt għal proċess ġust kif stipulat fil-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, salvagwardji proċedurali fi kwistjonijiet kriminali u drittijiet tal-vittmi.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fejn jidħol l-iffunzjonar effettiv tal-istituzzjonijiet fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

3. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, in-nondiskriminazzjoni u l-libertajiet fundamentali għandu jiggwida l-kooperazzjoni kollha fil-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

ARTIKOLU 13

Il-protezzjoni tad-data personali

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali skont l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-istandards u l-istrumenti ġuridiċi internazzjonali.

ARTIKOLU 14

Il-kooperazzjoni fil-migrazzjoni, l-ażil u l-ġestjoni tal-fruntieri

1. Il-Partijiet jirriaffermaw l-importanza tal-ġestjoni konġunta tal-flussi migratorji bejn it-territorji tagħhom u għandhom jistabbilixxu djalogu komprensiv fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni, inkluż il-migrazzjoni legali, il-protezzjoni internazzjonali u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin.

2. Il-kooperazzjoni se tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi li titwettaq b'konsultazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet u li tiġi implimentata skont il-leġiżlazzjoni relevanti tagħhom li jkun hemm fis-seħħ. B'mod partikolari, din se tiffoka fuq:

(a) l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-prattiki dwar il-protezzjoni internazzjonali, bil-ħsieb li jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra rigward l-Istatus tar-Refuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha rigward l-Istatus tar-Refuġjati tal-1967, u tal-istrumenti internazzjonali relevanti oħra, bħalma hi l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-1950, u biex jiġi żgurat ir-rispett lejn il-prinċipju ta' “non-refoulment”;

(c) ir-regoli u d-drittijiet tad-dħul u l-istat tal-persuni li jkunu ammessi, it-trattament ġust u l-integrazzjoni ta’ persuni mhux ċittadini li jkunu qed jgħixu legalment f’pajjiż, l-edukazzjoni u t-taħriġ u miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;

(d) l-istabbiliment ta' politika effettiva u preventiva kontra l-immigrazzjoni illegali, il-kutrabandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż il-kwistjoni ta' kif ikunu miġġielda n-netwerks ta' kuntrabandisti u traffikanti u kif jiġu protetti l-vittmi ta' dan it-traffikar fil-qafas tal-istrumenti internazzjonali relevanti;

(e) kwistjonijiet bħalma huma l-organizzazzjoni, it-taħriġ, l-aħjar prattiċi u miżuri operazzjonali oħra fl-oqsma tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, is-sigurtà tad-dokumenti, il-politika tal-viża, u l-ġestjoni tal-fruntieri u sistemi ta' informazzjoni tal-migrazzjoni;

3. Il-kooperazzjoni tista' wkoll tiffaċilita l-migrazzjoni ċirkolari għall-benefiċċju tal-iżvilupp.

ARTIKOLU 15

Moviment tal-persuni u r-riammissjoni

1. Il-Partijiet li huma marbuta b'dawn il-Ftehimiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta':

(a) l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ("il-Ftehim dwar ir-Riammissjoni") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014; kif ukoll

(b) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi ("il-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Visa"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

2. Il-Partijiet għandhom ikomplu jippromwovu l-mobilità taċ-ċittadini permezz tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża u jikkunsidraw eventwalment il-ftuħ ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża sakemm il-kundizzjonijiet għal mobbiltà ġestita sew u sigura jkunu f'posthom. Għandhom jkooperaw fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Riammissjoni, kif ukoll il-promozzjoni ta' politika ta' ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll oqfsa legali u operazzjonali.

ARTIKOLU 16

Ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jikkumbattu u jipprevjenu attivitajiet kriminali u illegali, b'mod partikolari l-attivitajiet transnazzjonali, organizzati jew mhumiex, bħalma huma:

(a) kutrabandu ta' migranti u traffikar ta' bnedmin;

(b) kutrabandu u traffikar tal-armi tan-nar fosthom is-SALW;

(c) Kutrabandu u traffikar ta' drogi illeċiti;

(d) kuntrabandu u traffikar tal-prodotti;

(e) attivitajiet ekonomiċi u finanzjarji illegali bħall-iffalsifikar, il-frodi fiskali u l-frodi fl-akkwist pubbliku;

(f) miżappropriazzjoni fi proġetti ffinanzjati minn donaturi internazzjonali;

(g) korruzzjoni attiva u passiva, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku;

(h) iffalsifikar ta' dokumenti u l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz; kif ukoll

(i) ċiberkriminalità.

2. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali fost il-korpi tal-infurzar tal-liġi, inkluż l-iżvilupp possibbli tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet relevanti tar-Repubblika tal-Armenja. Il-Partijiet huma impenjati li jimplimentaw b'mod effettiv l-istandards internazzjonali relevanti, b'mod partikolari dawk minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali tal-2000 u t-tliet Protokolli tagħha. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni tal-2003, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u l-OECD, it-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' dikjarazzjoni tal-assi, il-protezzjoni tal-informaturi, u l-iżvelar tal-informazzjoni dwar benefiċjarji aħħarija ta' entitajiet ġuridiċi.

ARTIKOLU 17

Drogi illegali

1. Fi ħdan is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkoperaw għall-iżgurar ta' approċċ bbilanċjat u integrat fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-drogi illegali kif ukoll sustanzi psikoattivi ġodda. Il-politiki u l-azzjonijiet dwar id-drogi għandhom ikunu mmirati lejn it-tisħiħ tal-istrutturi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-drogi illegali, it-tnaqqas tal-provvista, it-traffikar u d-domanda ta’ drogi illegali, u l-iffaċċjar tal-konsegwenzi fuq is-saħħa u dawk soċjali tal-abbuż mid-drogi, bl-intenzjoni li titnaqqas il-ħsara, kif ukoll li jkun hemm prevenzjoni iktar effettiva tad-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi użati għall-manifattura illegali tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi jew psikoattivi.

2. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar il-metodi neċessarji ta' kooperazzjoni għall-ksib ta' dawk l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1. Azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji miftiehma b’mod komuni stipulati fil-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti, u għandhom ikunu mmirati lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fid-Dokument ta’ Eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-problema globali tad-drogi li saret f’April 2016.

ARTIKOLU 18

Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jostakolaw l-użu tas-sistemi finanzjarji u non-finanzjarji relevanti tagħhom għall-ħasil ta' redditu minn attivitajiet kriminali in ġenerali u partikolarment reati b'rabta mad-drogi, kif ukoll għall-finijiet tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dik il-kooperazzjoni testendi għall-irkupru tal-assi jew il-fondi li jkunu ġejjin mill-qligħ mill-kriminalità.

2. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni relevanti fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni rispettivi u strumenti internazzjonali relevanti tal-Partijiet kif ukoll l-adozzjoni ta' standards xierqa għall-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, liema standards ikunu ekwivalenti għal dawk adottati minn entitajiet internazzjonali relevanti li jaħdmu f'dan il-qasam, bħalma huma t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-Ħasil tal-Flus.

ARTIKOLU 19

Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. F'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-ġlieda kontra t-terroriżmu kif stabbiliti fl-Artikolu 11, il-Partijiet jirriaffermaw l-importanza ta' approċċ tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarju fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u jaqblu li jikkooperaw fil-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu b'mod partikolari billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar individwi u gruppi terroristiċi u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom, skont il-liġi internazzjonali u nazzjonali, b'mod partikolari fejn jidħlu l-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tal-privatezza;

(b) jiskambjaw l-esperjenza fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu, il-mezzi u l-metodi u l-aspetti tekniċi tagħhom, kif ukoll fit-taħriġ, skont il-liġi applikabbli;

(c) jiskambjaw fehmiet dwar ir-radikalizzazzjoniu r-reklutaġġ, kif ukoll modi biex jiġu miġġielda r-radikalizzazzjoni u jippromwovu r-riabilitazzjoni;

(d) jiskambjaw opinjonijiet u esperjenzi dwar il-moviment transfruntier u l-ivvjaġġar ta' terroristi suspettati kif ukoll theddid terroristiku;

(e) jikkondividu bejniethom l-aħjar prattiċi fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikulari fir-rigward tal-proċedimenti kriminali;

(f) jiżguraw il-kriminalizzazzjoni ta' reati terroristiċi; kif ukoll

(g) jieħdu miżuri kontra t-theddida ta' terroriżmu kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari u jwettqu dawk il-miżuri neċessarji għall-prevenzjoni tal-akkwist, it-trasferiment u l-użu għal skopijiet terroristiċi ta' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari kif ukoll biex jipprevjenu atti illegali kontra faċilitajiet kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari ta' riskju għoli.

2. Il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjonijiet relevanti disponibbli u mwettqa permezz ta' konsultazzjoni bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 20

Kooperazzjoni Ġuridika

1. Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fir-rigward tan-negozjar, ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, u b'mod partikolari, il-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fl-oqsma tal-kooperazzjoni legali internazzjonali u l-litigazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal.

2. Fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-Partijiet għandhom ifittxu li jtejbu l-kooperazzjoni dwar l-għajnuna legali reċiproka abbażi ta' ftehimiet multilaterali relevanti. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, l-adeżjoni ma', u l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali relevanti tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll kooperazzjoni eqreb bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 21

Protezzjoni konsulari

Ir-Repubblika tal-Armenja taqbel li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE rappreżentat għandhom jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru li ma għandux rappreżentanza permanenti fir-Repubblika tal-Armenja, li huma effettivament f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni konsulari f'każ partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal lil ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

TITOLU IV

KOOPERAZZJONI EKONOMIKA

KAPITOLU 1

DJALOGU EKONOMIKU

ARTIKOLU 22

1. L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja għandhom jiffaċilitaw il-proċess ta' riforma ekonomika billi jtejbu l-fehim tal-elementi fundamentali tal-ekonomiji rispettivi tagħhom u l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi.

2. Ir-Repubblika tal-Armenja għandha tieħu passi ulterjuri biex tiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem sew u li gradwalment tqarreb ir-regolamenti ekonomiċi u finanzjarji tagħha u l-politiki għal dawk tal-Unjoni Ewropea, kif xieraq. L-Unjoni Ewropea se tappoġġa lir-Repubblika tal-Armenja fl-iżgurar ta' politiki makroekonomiċi sodi, inluż indipendenza tal-bank ċentrali u stabbiltà fil-prezzijiet, finanzi pubbliċi sodi, u reġim ta' rata tal-kambju u l-bilanċ tal-pagamenti sostenibbli.

ARTIKOLU 23

Għal dak l-għan, il-Partijiet jaqblu li jkollhom djalogu ekonomiku regolari mmirat lejn li:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xejriet u l-politiki makroekonomiċi, kif ukoll dwar ir-riformi strutturali, inklużi strateġiji għall-iżvilupp ekonomiku;

(b) jiskambjaw għarfien espert u l-aħjar prattiki f'oqsma bħalma huma l-finanzi pubbliċi, l-oqfsa ta' politika monetarja u l-kambju, il-politika tas-settur finanzjarju u l-istatistika ekonomika;

(c) jiskambjaw informazzjoni u esperjenzi fl-integrazzjoni ekonomika reġjonali, inkluż il-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja Ewropea;

(d) janalizzaw l-istatus tal-kooperazzjoni bilaterali fl-oqsma tal-ekonomija, finanzjarji u tal-istatistika.

ARTIKOLU 24

Is-Settur pubbliku, kontroll intern u arranġamenti ta’ awditjar

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-oqsma tal-kontroll ta’ kontroll pubbliku intern u awditjar estern, bl-oġġettivi li ġejjin:

(a) żvilupp u implimentazzjoni ulterjuri tas-sistema ta’ kontroll intern pubbliku f’konformità mal-prinċipju tar-responsabbilizzazzjoni maniġerjali, u li tinkludi funzjoni ta’ awditjar intern indipendenti għas-settur pubbliku kollu fir-Repubblika tal-Armenja, permezz tal-armonizzazzjoni ma' standards internazzjonali, oqfsa u linji gwida ġeneralment aċċettati ma’ prattiki tajba tal-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-programm ta’ riforma tal-kontroll finanzjarju intern pubbliku approvata mill-Gvern tar-Repubblika tal-Armenja;

(b) żvilupp ta’ sistema ta’ spezzjoni finanzjarja adegwata fir-Repubblika tal-Armenja biex tikkumplimenta iżda mhux tiddupplika, il-funzjoni ta’ awditu intern;

(c) l-appoġġ tal-unità ċentrali ta’ armonizzazzjoni għal kontroll finanzjarju intern pubbliku fir-Repubblika tal-Armenja u t-tisħiħ tal-abbiltà tagħha biex tidderieġi l-proċess ta’ riforma;

(d) it-tisħiħ ulterjuri tal-Kamra tal-Kontroll bħala l-istituzzjoni suprema tar-Repubblika tal-Armenja, b’mod partikolari f’termini tal-indipendenza finanzjarja, organizzattiva u operattiva skont standards tal-awditjar estern aċċettati internazzjonalment (INTOSAI); kif ukoll

(e) Il-provvediment tal-iskambju tal-informazzjoni, tal-esperjenza u ta’ prattika tajba.

KAPITOLU 2

TASSAZZJONI

ARTIKOLU 25

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, bil-ħsieb li jtejbu iktar ir-relazzjonijiet ekonomiċi, il-kummerċ, l-investiment u l-kompetizzjoni ġusta.

ARTIKOLU 26

B'referenza għall-Artikolu 25 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jirrikonoxxu u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, jiġifieri l-prinċipji ta' trasparenza, skambju ta' informazzjoni u kompetizzjoni ġusta tat-taxxa, kif huma marbuta li jagħmlu l-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni Ewropea. F'dan is-sens, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, jiffaċilitaw il-ġbir ta' dħul mit-taxxa, u jiżviluppaw miżuri għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-prinċipji ta' governanza tajba.

ARTIKOLU 27

Il-Partijiet għandhom itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom immirata lejn it-titjib u l-iżvilupp tas-sistema tat-taxxa u l-amministrazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja, inkluż it-titjib tal-kapaċità tal-ġbir u ta' kontroll, l-iżgurar tal-ġbir effettiv tat-taxxa u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa. Il-Partijiet ma għandhomx jiddiskriminaw bejn prodotti importati u prodotti domestiċi simili, f'konformità mal-Artikoli I u III tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("GATT 1994"). Il-Partijiet għandhom jistinkaw biex itejbu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, b'mod partikolari l-frodi "karusell", kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' pprezzar ta' trasferiment u kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni anti-offshore.

ARTIKOLU 28

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom u jarmonizzaw il-politika fil-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti suġġetti għas-sisa. Il-kooperazzjoni għandha tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni. B'dan il-għan, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest reġjunali u skont il-Qafas tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-2003.

ARTIKOLU 29

Għandu jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 3

STATISTIKA

ARTIKOLU 30

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' statistika, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettiv fuq perjodu fit-tul li jipprovdu fil-ħin, data statistika komparabbli u kredibbli fil-livell internazzjonali. Huwa mistenni li sistema statistika nazzjonali sostenibbli, effiċjenti u professjonalment indipendenti għandha tipproduċi informazzjoni relevanti għaċ-ċittadini, għan-negozji u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja, li tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati fuq dik il-bażi. Is-sistema nazzjonali tal-istatistika għandha tirrispetta l-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali tan-NU, billi tqis l-acquis tal-UE fil-qasam tal-istatistika, inkluż il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, sabiex il-produzzjoni nazzjonali tal-statistika tkun allinjata man-normi u l-standards Ewropej.

ARTIKOLU 31

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika għandha tkun immirata lejn:

(a) it-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità tas-sistema nazzjonali tal-istatistika, inkluż il-bażi ġuridika, il-produzzjoni ta' data u metadata adegwati, il-politika ta' tixrid u l-faċilità tal-użu, filwaqt li jitqiesu gruppi varji ta' utenti, inklużi s-setturi pubbliċi u privati, il-komunità akkademika u s-soċjetà b’mod ġenerali;

(b) l-allinjament progressiv tas-sistema tal-istatistika tar-Repubblika tal-Armenja mal-istandards u l-prattiki tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika;

(c) l-irfinar tal-provvista ta' data lill-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies l-applikazzjoni tal-metodoloġiji internazzjonali u Ewropej relevanti, inkluż il-klassifikazzjonijiet;

(d) it-titjib tal-kapaċità professjonali u ta' ġestjoni tal-persunal nazzjonali tal-istatistika biex tiġi ffaċilita l-applikazzjoni tal-istandards statistiċi tal-Unjoni Ewropea u biex ikun hemm kontribut għall-iżvilupp tas-sistema tal-istatistika tar-Repubblika tal-Armenja;

(e) l-iskambju ta' esperjenza dwar l-iżvilupp tal-għarfien statistiku; kif ukoll

(f) il-promozzjoni ta' assigurazzjoni u ġestjoni tal-kwalità fil-proċessi tal-produzzjoni u disseminazzjoni kollha tal-istatistika.

ARTIKOLU 32

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qafas tas-Sistema Statistika Ewropea, fejn l-Eurostat huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura l-indipendenza professjonali tal-uffiċċju tal-istatistika u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea kif ukoll fokus fuq l-oqsma ta':

(a) l-istatistika demografika, inklużi ċensimenti u l-istatistika soċjali;

(b) l-istatistika agrikola, inkluż iċ-ċensimenti agrikoli;

(c) l-istatistika tan-negozju, inkluż ir-reġistri kummerċjali u l-użu ta’ sorsi amministrattivi għal għanijiet ta’ statistika;

(d) l-istatistika makroekonomika, inkluż il-kontijiet nazzjonali, l-istatistika tal-kummerċ barrani, l-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika tal-investimenti diretti barranin;

(e) l-istatistika dwar l-enerġija, inkluż il-bilanċi;

(f) l-istatistika dwar l-ambjent;

(g) l-istatistika reġjonali; kif ukoll

(h) l-attivitajiet orizzontali, inkluż l-assigurazzjoni u l-ġestjoni tal-kwalità, il-klassifiki tal-istatistika, it-taħriġ, it-tixrid u l-użu ta' teknoloġiji moderni tal-informazzjoni.

ARTIKOLU 33

Il-Partijiet, fost l-oħrajn, għandhom jiskambjaw informazzjoni u għarfien espert, u għandhom jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom, filwaqt li jqisu l-esperjenza akkumulata fir-riforma tas-sistema statistika mnedija fil-qafas ta' diversi programmi ta' assistenza. L-isforzi għandhom jiġu mmirati lejn iktar allinjament mal-acquis tal-UE fl-istatistika, fuq il-bażi tal-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tas-sistema tal-istatistika tar-Repubblika tal-Armenja, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tas-Sistema Statistika Ewropea. L-enfasi fil-proċess tal-produzzjoni tad-data statistika għandu jkun fuq l-użu ulterjuri ta' dokumenti amministrattivi u s-simplifikazzjoni ta' stħarriġ statistiku, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż tar-rispons. Id-data prodotta għandha tkun relevanti għat-tfassil u l-monitoraġġ tal-politiki fl-oqsma ewlenin tal-ħajja soċjali u ekonomika.

ARTIKOLU 34

Għandu jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu. Sa fejn ikun possibbli, l-attivitajiet li jsiru fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika, inkluż it-taħriġ, għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 35

L-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja ma' dik tal-acquis tal-UE fl-istatistika għandha titwettaq f'konformità mal-Kompendju tar-Rekwiżiti Statistiċi aġġornat kull sena kif prodott minn Eurostat, li jitqies mill-Partijiet bħala anness ma' dan il-Ftehim.

TITOLU V

POLITIKI OĦRA TA' KOOPERAZZJONI

KAPITOLU 1

TRASPORT

ARTIKOLU 36

Il-Partijiet għandhom:

(a) jespandu u jsaħħu l-kooperazzjoni tat-trasport tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport sostenibbli;

(b) jippromwovu operazzjonijiet tat-trasport effiċjenti u siguri kif ukoll l-intermodalità u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' trasport; kif ukoll

(c) ifittxu li jtejbu l-konnessjonijiet ewlenin tat-trasport bejn it-territorji tagħhom.

ARTIKOLU 37

Il-kooperazzjoni għandha tkopri l-oqsma li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta’ politika tat-trasport nazzjonali sostenibbli li tkopri l-mezzi kollha tat-trasport, b’mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati sistemi ta’ trasport favur l-ambjent, effiċjenti u siguri u l-promozzjoni tal-integrazzjoni ta’ kunsiderazzjonijiet tat-trasport f'oqsma oħra ta’ politika;

(b) l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali fid-dawl tal-politika nazzjonali dwar it-trasport (inkluż rekwiżiti ġuridiċi għat-titjib tal-apparat tekniku u tal-flotot tat-trasport biex jissodisfaw l-ogħla standards internazzjonali) tat-triq, bil-ferrovija, fuq passaġġi interni tal-ilma, marittima, l-avjazzjoni u l-intermodalità, inklużi l-iskedi u l-passi importanti għall-implimentazzjoni, ir-responsabbiltajiet amministrattivi u l-pjanijiet tal-iffinanzjar;

(c) it-titjib tal-politika tal-infrastruttura sabiex jiġu identifikati u evalwati aħjar il-proġetti infrastrutturali fid-diversi mezzi tat-trasport;

(d) l-iżvilupp ta' strateġiji ta' finanzjament li jiffukaw fuq il-manutenzjoni, il-limiti tal-kapaċità u l-infrastruttura tal-ħolqa nieqsa kif ukoll l-attivazzjoni u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-proġetti tat-trasport.

(e) l-adeżjoni ma' organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali relevanti tat-trasportli li jinkludu proċeduri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni stretta u l-infurzar effettiv ta’ ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali tat-trasport;

(f) kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni għall-iżvilupp u t-titjib tat-teknoloġiji fit-trasport, bħal sistemi ta’ trasport intelliġenti; kif ukoll

(g) il-promozzjoni tal-użu ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u t-teknoloġija tal-informatika fil-ġestjoni u t-tħaddim tal-mezzi kollha tat-trasport kif ukoll l-appoġġ tal-intermodalità u l-kooperazzjoni fl-użu ta' sistemi spazjali u applikazzjonijiet kummerċjali fil-faċilitazzjoni tat-trasport.

ARTIKOLU 38

1. Il-kooperazzjoni għandha timmira wkoll lejn it-titjib tal-moviment ta' passiġġieri u oġġetti, iż-żieda tal-fluwidità tal-flussi tat-trasport bejn ir-Repubblika tal-Armenja, l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi fir-reġjun, billi tiftaħ fruntieri permezz ta’ moviment transkonfinali billi tneħħi ostakli amministrattivi, tekniċi u oħrajn, ittejjeb il-ħidma tan-netwerks tat-trasport eżistenti u tiżviluppa l-infrastruttura b'mod partikolari fuq l-assi prinċipali li jgħaqqdu l-Partijiet.

2. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi azzjonijiet biex jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri, billi jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet ta’ pajjiżi mdawrin bl-art kif imsemmija fl-istrumenti internazzjonali relevanti.

3. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-iskambju ta’ informazzjoni u attivitajiet konġunti:

(a) fil-livell reġjonali, b’mod partikolari filwaqt li jitqies il-progress li nkiseb taħt arranġamenti ta’ kooperazzjoni reġjonali għat-trasport bħal pereżempju l-Kuritur ta’ Trasport Ewropa-Kawkasu-Asja (TRACECA) u inizjattivi oħra tat-trasport fil-livell internazzjonali, inkluż fir-rigward ta’ organizzazzjonijiet tat-trasport internazzjonali u ftehim u ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali ratifikati mill-Partijiet; kif ukoll

(b) fil-qafas tad-diversi aġenziji tat-trasport tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant.

ARTIKOLU 39

1. Bil-għan li jkun żgurat żvilupp koordinat u liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bl-ajru bejn il-Partijiet adattat għall-ħtiġijiet kummerċjali reċiproċi tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-aċċess tas-suq reċiproku fit-trasport bl-ajru jenħtieġ li jiġu indirizzati skont il-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.

2. Qabel il-konklużjoni taz-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea, il-Partijiet ma għandhom jieħdu l-ebda miżura jew azzjoni li huma iktar restrittivi jew diskriminatorji meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 40

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 41

1. Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness I skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. L-approssimazzjoni regolatorja tista' sseħħ ukoll permezz ta' ftehimiet settorjali.

KAPITOLU 2

KOOPERAZZJONI FL-ENERĠIJA, INKLUŻA S-SIGURTÀ NUKLEARI

ARTIKOLU 42

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-enerġija fuq il-bażi tal-prinċipji ta' sħubija, interess reċiproku, trasparenza u prevedibbiltà. Il-kooperazzjoni għandha timmira lejn armonizzazzjoni regolatorja fl-oqsma tas-settur tal-enerġija msemmija minn hawn 'il quddiem, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija sikura, favur l-ambjent u affordabbli.

2. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

(a) strateġiji u politiki dwar l-enerġija, inkluż għall-promozzjoni tas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-elettriku;

(b) it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, inkluż billi tiġi stimolata d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u r-rotot;

(c) l-iżvilupp ta' swieq tal-enerġija kompetittivi;

(d) il-promozzjoni tal-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija;

(e) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-swieq reġjonali;

(f) il-promozzjoni ta' oqfsa regolatorji komuni li jiffaċilitaw il-kummerċ fi prodotti taż-żejt, l-elettriku u potenzjalment komoditajiet oħrajn tal-enerġija, kif ukoll kundizzjonijiet indaqs f'termini ta' sikurezza nukleari, li jimmiraw għal livell għoli ta' sikurezza u sigurtà;

(g) is-settur nukleari ċivili, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tar-Repubblika tal-Armenja u b'enfażi partikolari fuq livelli għolja ta' sikurezza nukleari, abbażi tal-istandards tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u standards u prattiki tal-Unjoni Ewropea msemmija minn hawn 'il quddiem, kuf ukoll fuq livelli għoljin ta' sigurtà nukleari, abbażi tal-linji gwida u l-prattiki internazzjonali. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tinkludi:

(i) l-iskambju ta' teknoloġiji, l-aħjar prattiki u taħriġ fl-oqsma tas-sikurezza, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-iskart sabiex ikun żgurat l-operat sigur tal-impjanti tal-enerġija nukleari;

(ii) l-għeluq u d-dekummissjonar sikur tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Medzamor u l-adozzjoni bikrija ta' pjan direzzjonali/pjan ta' azzjoni għal dan l-għan, filwaqt li titqies il-ħtieġa għas-sostituzzjoni tiegħu b'kapaċità ġdida sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-enerġija u l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli tar-Repubblika tal-Armenja;

(h) politiki tal-ipprezzar, tranżitu u t-trasport, b'mod partikolari minn sistema bbażata fuq l-ispiża għat-trażmissjoni tar-riżorsi tal-enerġija, jekk u meta jkun xieraq, u preċiżjonijiet ulterjuri rigward l-aċċess għal idrokarburi, kif xieraq;

(i) il-promozzjoni ta’ aspetti regolatorji li jirriflettu l-prinċipji ewlenin ta’ regolamentazzjoni tas-suq u aċċess mhux diskriminatorju għal netwerks u infrastrutturi tal-enerġija b’tariffi kompetittivi, trasparenti u effettiv f’sens ta’ nfiq, kif ukoll sorveljanza adegwata u indipendenti;

(j) il-kooperazzjoni xjentifika u teknika u l-iskambju ta’ informazzjoni għall-iżvilupp u t-titjib ta’ teknoloġiji fil-produzzjoni tal-enerġija, it-trasport, il-provvista u l-użu aħħari tal-enerġija b’attenzjoni partikolari lejn it-teknoloġiji li huma effiċjenti fl-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

ARTIKOLU 43

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 44

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-istrumenti msemmija fl-Anness II ta' dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 3

AMBJENT

ARTIKOLU 45

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ambjentali, biex b'hekk ikun hemm kontribut għall-objettiv fit-tul tal-iżvilupp sostenibbli u l-ekonomija ekoloġika. Huwa mistenni li protezzjoni ambjentali msaħħa ġġib benefiċċji għal ċittadini u negozji fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja, inkluż permezz ta' saħħa pubblika mtejba, riżorsi naturali preservati, u iktar effiċjenza ekonomika u embjentali, kif ukoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji moderni, iktar nodfa, li jikkontribwixxu għal xejriet ta' produzzjoni iktar sostenibbli. Il-kooperazzjoni għandha titwettaq waqt li jitqiesu l-interessi tal-Partijiet fuq il-bażi ta' ugwaljanza u benefiċċju reċiproku kif ukoll waqt li titqies l-interdipendenza eżistenti bejn il-Partijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, u l-ftehimiet multilaterali f'dak il-qasam.

ARTIKOLU 46

1. Il-kooperazzjoni għandha timmira lejn il-preservazzjoni, il-protezzjoni, it-titjib u r-rijabilitazzjoni tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa umana, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati l-problemi ambjentali reġjonali jew globali, inkluż fl-oqsma ta':

(a) il-governanza ambjentali u l-kwistjonijiet orizzontali, inkluż l-ippjanar strateġiku, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u l-valutazzjoni strateġika ambjentali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-monitoraġġ u s-sistemi ta' informazzjoni ambjentali, l-ispezzjoni u l-infurzar, ir-responsabbiltà ambjentali, il-ġlieda kontra reati ambjentali, il-kooperazzjoni transkonfinali, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u ġudizzjarji;

(b) il-kwalità tal-arja;

(c) il-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tar-riżorsi, inkluż il-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar, l-iskarsezza tal-ilma u l-perjodi ta' nixfa;

(d) it-trattament tal-iskart;

(e) il-protezzjoni tan-natura, fosthom il-forestrija u l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika;

(f) it-tniġġis industrijali u perikli industrijali;

(g) l-immaniġġjar tal-kimiki.

2. Il-kooperazzjoni għandha timmira wkoll lejn l-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma tal-politika oħra minbarra l-politika tal-ambjent.

ARTIKOLU 47

Il-Partijiet għandhom, fost l-oħrajn:

(a) jiskambjaw informazzjoni u kompetenzi;

(b) jikkooperaw fuq livell reġjonali u internazzjonali, b'mod speċjali fir-rigward ta' ftehimiet ambjentali multilaterali rratifikati mill-Partijiet; kif ukoll

(c) jikkooperaw fil-qafas tal-aġenziji relevanti, kif xieraq.

ARTIKOLU 48

Il-kooperazzjoni reċiproka għandha tkopri, fost l-oħrajn, l-objettivi li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta' strateġija ambjentali nazzjonali għar-Repubblika tal-Armenja, li tkopri:

(i) riformi istituzzjonali ppjanati (bi skedi taż-żmien) biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali;

(ii) it-tqassim tal-kompetenzi għall-amministrazzjoni tal-ambjent fuq livelli nazzjonali, reġjonali u muniċipali;

(iii) il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet;

(iv) il-proċeduri għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma oħra ta' politika;

(v) il-promozzjoni ta' miżuri dwar l-ekonomija ekoloġika u l-ekoinnovazzjoni, l-identifikazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa u mekkaniżmu ta' rieżami; kif ukoll

(b) l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali speċifiċi għar-Repubblika tal-Armenja (inkluż skedi definiti b'mod ċar u stadji għall-implimentazzjoni tar-responsabbiltajiet amministrattivi kif ukoll strateġiji ta' finanzjament għal investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġija) fuq:

(i) il-kwalità tal-arja;

(ii) il-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tar-riżorsi;

(iii) iii) l-immaniġġjar tal-iskart;

(iv) il-biodiversità, il-konservazzjoni tan-natura u l-forestrija;

(v) it-tniġġis industrijali u perikli industrijali; kif ukoll

(vi) kimiċi.

ARTIKOLU 49

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 50

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness III f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 4

AZZJONI KLIMATIKA

ARTIKOLU 51

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Il-kooperazzjoni għandha titwettaq b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-Partijiet fuq il-bażi tal-ugwaljanza u l-benefiċċju reċiproku, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-interdipendenza eżistenti bejn l-impenji bilaterali u multilaterali fil-qasam.

ARTIKOLU 52

Il-koperazzjoni għandha tippromwovi miżuri fil-livell domestiku, reġjonali u internazzjonali, inkluż fl-oqsma ta':

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;

(c) mekkaniżmi tas-suq u mhux tas-suq biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;

(d) ir-riċerka u l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni, it-tħaddim, it-trasferiment u d-diffużjoni ta' teknoloġiji ġodda, innovattivi, siguri u sostenibbli ta' adattament b'livell baxx ta' karbonju;

(e) l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet klimatiċi fil-politiki ġenerali u speċifiċi għas-settur; kif ukoll

(f) is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

ARTIKOLU 53

1. Il-Partijiet għandhom, fost l-oħrajn:

(a) jiskambjaw informazzjoni u kompetenzi;

(b) jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka konġunti u jiskambjaw informazzjoni fuq teknoloġiji ambjentali sodi u iktar nodfa;

(c) l-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti fil-livell reġjonali u internazzjonali, inkluż fir-rigward ta' ftehimiet ambjentali multilaterali rratifikati mill-Partijiet, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-1992 (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015, u attivitajiet konġunti fil-qafas ta' aġenziji relevanti, kif xieraq.

2. Il-Partijiet għandhom jagħtu importanza speċjali lill-kwistjonijiet transfruntiera u l-kooperazzjoni reġjonali.

ARTIKOLU 54

Il-kooperazzjoni reċiproka għandha tkopri, fost l-oħrajn, l-objettivi li ġejjin:

(a) miżuri biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 skont il-prinċipji stipulati f'dan il-Ftehim;

(b) miżuri li jtejbu l-kapaċità biex tieħu azzjoni klimatika effettiva;

(c) l-iżvilupp ta' strateġija globali tal-klima u pjan ta' azzjoni għall-mitigazzjoni fit-tul tat-tibdil fil-kliam u l-adattament għalih;

(d) l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u adattament;

(e) l-iżvilupp ta' pjan ta' żvilupp b'livell baxx ta' karbonju;

(f) l-iżvilupp u l–implimentazzjoni ta' miżuri għat-tul biex jitnaqqas it-tibdil fil-klima billi jiġu indirizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

(g) miżuri sabiex issir tħejjija għall-kummerċ tal-karbonju;

(h) miżuri għall-promozzjoni tat-trasferiment ta' teknoloġija;

(i) miżuri għall-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet klimatiċi fil-politiki settorjali; kif ukoll

(j) miżuri relatati mas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u l-gassijiet fluworurati.

ARTIKOLU 55

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 56

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti msemmija fl-Anness IV ta' dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 5

POLITIKA INDUSTRIJALI U TAL-IMPRIŻI

ARTIKOLU 57

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-politika industrijali u tal-intrapriżi, u b'hekk jittejjeb l-ambjent kummerċjali għall-operaturi ekonomiċi kollha, iżda b'enfasi partikolari fuq l-impriżi żgħar u medji (SMEs). Il-kooperazzjoni msaħħa għandha ttejjeb il-qafas amministrattiv u regolatorju kemm għan-negozi tal-Unjoni Ewropea u n-negozji tar-Repubblika tal-Armenja li joperaw fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja, u għandha tkun bbażata fuq l-politiki industrijali u tal-SMEs tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji u l-prattiki rikonoxxuti internazzjonalment f'dan il-qasam.

ARTIKOLU 58

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex:

(a) jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp tal-SMEs, ibbażati fuq il-prinċipji tas-"Small Business Act" għall-Ewropa, u jimmonitorjaw il-proċess tal-implimentazzjoni permezz ta' rappurtar u djalogu regolari. Din il-kooperazzjoni se tinkludi wkoll enfażi fuq il-mikrointrapriżi u intrapriżi artiġanali, li huma importanti ħafna għall-ekonomiji tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja;

(b) joħolqu qafas ta' kundizzjonijiet aħjar permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u prattika tajba, u b'hekk jikkontribwixxu għal kompetittività mtejba. Din il-kooperazzjoni se tinkludi l-ġestjoni ta' bidliet strutturali (ristrutturazzjoni) u kwistjonijiet dwar l-ambjent u l-enerġija, bħall-effiċjenza tal-enerġija u l-produzzjoni iktar nadifa;

(c) tissimplifika u tirrazzjonalizza regolamenti u prattika regolatorja, b'enfażi speċifika fuq l-iskambju ta' prattika tajba dwar tekniċi regolatorji, inklużi l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea;

(d) jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-politika tal-innovazzjoni, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u prattiki tajba dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' riċerka u żvilupp (inkluż strumenti ta' appoġġ għal negozji ġodda bbażati fuq it-teknoloġija), l-iżvilupp tal-clusters u l-aċċess għall-finanzjament;

(e) iħeġġu iktar kuntatti bejn in-negozji tal-Unjoni Ewropea u n-negozji tar-Repubblika tal-Armenja u bejn dawk in-negozji u l-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja;

(f) jappoġġaw l-istabbiliment ta' attivitajiet ta' promozzjoni tal-esportazzjoni fir-Repubblika tal-Armenja;

(g) jippromwovu ambjent tan-negozju iktar favorevoli, bil-għan li jissaħħu l-potenzjal għat-tkabbir u l-opportunitajiet tal-investiment; kif ukoll

(h) jiffaċilitaw il-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-industrija fl-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja f'ċerti setturi.

ARTIKOLU 59

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu. Dan id-djalogu se jinvolvi wkoll rappreżentanti tan-negozji tal-Unjoni Ewropea u n-negozji tar-Repubblika tal-Armenja.

KAPITOLU 6

IL-LIĠI TAL-KUMPANIJI, IL-KONTABBILTÀ U L-AWDITJAR U L-GOVERNANZA KORPORATTIVA

ARTIKOLU 60

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sett ta' regoli u prattiki effettivi fl-oqsma tal-liġi tal-kumpanniji u l-governanza korporattiva, kif ukoll fil-kontabbiltà u l-awditjar, ġewwa ekonomija tas-suq li tiffunzjona b'ambjent ta' negozju prevedibbli u trasparenti, u jissottolinjaw l-importanza tal-promozzjoni ta' konverġenza regolatorja f'dawn l-oqsma.

2. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw dwar dan li ġej:

(a) l-iskambju tal-aħjar prattiki biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċess għall-informazzjoni rigward l-organizzazzjoni u r-rappreżentazzjoni ta' kumpanniji reġistrati b'mod trasparenti u aċċessibbli faċilment;

(b) l-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-governanza korporattiva f'konformità ma' standards internazzjonali u b'mod partikolari tal-OECD;

(c) l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni konsistenti tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) għall-kontijiet konsolidati ta' kumpanniji elenkati;

(d) ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tal-professjonijiet tal-awdituri u l-kontabilisti;

(e) l-istandards internazzjonali tal-awditjar u l-Kodiċi ta' Etika tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), bl-għan li jittejjeb il-livell professjonali tal-awdituri permezz tal-osservanza ta' standards u ta' normi etiċi minn organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet tal-awditjar u tal-awdituri.

KAPITOLU 7

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM BANKARJU, TAL-ASSIGURAZZJONI U SERVIZZI FINANZJARJI OĦRAJN

ARTIKOLU 61

Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza ta' leġiżlazzjoni u prattiki effettivi u li jikkooperaw fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-objettivi li:

(a) jtejbu r-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji;

(b) jiżguraw il-protezzjoni effettiva u xierqa għall-investituri u l-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji;

(c) jikkontribwixxu lejn l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja globali;

(d) jippromwovu kooperazzjoni bejn l-atturi differenti tas-sistema finanzjarja, inklużi regolaturi u kontrolluri;

(e) jippromwovu superviżjoni indipendenti u effettiva.

KAPITOLU 8

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAS-SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI

ARTIKOLU 62

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji permezz tad-disponibbiltà wiesgħa tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u permezz ta' kwalità aħjar ta' servizzi bi prezzijiet li l-konsumaturi jifilħu jħallsu. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li timmira li tiffaċilita l-aċċess għas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, tinkoraġġixxi l-kompetizzjoni u l-investiment fis-settur.

ARTIKOLU 63

Il-kooperazzjoni għandha tkopri, fost l-oħrajn, is-suġġetti li ġejjin:

(a) l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattika dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali tas-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkluż, fost l-oħrajn, inizjattivi bl-għan li jippromwovu l-aċċess għall-broadband, it-titjib tas-sigurtà tan-netwerk u l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi onlajn;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki u l-esperjenza biex jippromwovu l-iżvilupp ta' qafas regolatorju komprensiv għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, u b'mod partikolari li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva tar-regolatur nazzjonali indipendenti, irawmu użu aħjar tar-riżorsi tal-ispettru u jippromwovu l-interoperabbiltà tan-netwerks fir-Repubblika tal-Armenja u mal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 64

Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tar-Repubblika tal-Armenja fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika.

ARTIKOLU 65

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti msemmija fl-Anness V ta' dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 9

TURIŻMU

ARTIKOLU 66

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw fil-qasam tat-turiżmu bl-għan li jissaħħaħ l-iżvilupp ta' industrija tat-turiżmu kompetittiva u sostenibbli bħala waħda li tiġġenera t-tkabbir ekonomiku, l-għoti ta' setgħa, l-impjiegi u l-kambju.

ARTIKOLU 67

Il-kooperazzjoni fil-livell bilaterali, reġjonali u Ewropew għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) ir-rispett tal-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali, b'mod partikolari f'żoni rurali;

(b) l-importanza tal-wirt kulturali; kif ukoll

(c) l-interazzjoni pożittiva bejn it-turiżmu u l-preservazzjoni ambjentali.

ARTIKOLU 68

Il-kooperazzjoni għandha tiffoka fuq l-aspetti li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki, l-esperjenza u l-kompetenzi, inkluż dwar it-teknoloġiji innovattivi;

(b) l-istabbiliment ta’ sħubija strateġika bejn interessi pubbliċi, privati u dawk tal-Komunità sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu;

(c) il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-prodotti u s-swieq tat-turiżmu, l-infrastruttura, ir-riżorsi umani u l-istrutturi istituzzjonali kif ukoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-ostakli għas-servizzi tal-ivvjaġġar;

(d) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji effiċjenti inklużi aspetti legali, amministrattivi u finanzjarji xierqa;

(e) it-taħriġ fit-turiżmu u l-bini tal-kapaċitajiet sabiex jitjiebu l-istandards tas-servizzi; kif ukoll

(f) l-iżvilupp u l-promozzjoni tat-turiżmu bbażat fil-komunità.

ARTIKOLU 69

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 10

AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

ARTIKOLU 70

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu l-iżvilupp agrikolu u rurali, b'mod partikolari permezz ta' konverġenza gradwali tal-politiki u l-leġiżlazzjoni.

ARTIKOLU 71

Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali għandha tkopri, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

(a) il-faċilitazzjoni tal-fehim reċiproku tal-politiki dwar l-iżvilupp agrikolu u rurali;

(b) it-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi fil-livell ċentrali u lokali fl-ippjanar, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-aħjar prattiki tal-Unjoni Ewropea:

(c) il-promozzjoni tal-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola;

(d) l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-politiki tal-iżvilupp rurali għall-promozzjoni tal-benessri ekonomiku tal-komunitajiet rurali;

(e) it-titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu u l-effiċjenza u t-trasparenza tas-swieq;

(f) il-promozzjoni ta' politiki ta' kwalità u l-mekkaniżmi ta' kontroll tagħhom, b'mod partikolari l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-biedja organika;

(g) it-tixrid tal-għarfien u l-promozzjoni ta' servizzi ta' estensjoni għall-produtturi agrikoli; kif ukoll

(h) it-titjib tal-armonizzazzjoni ta' kwistjonijiet koperti fil-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li tagħhom il-Partijiet huma membri.

KAPITOLU 11

SAJD U POLITIKI MARITTIMI

ARTIKOLU 72

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku li jkopru l-governanza marittima u tas-sajd, u b'hekk jiżviluppaw kooperazzjoni bilaterali u multilaterali eqreb fis-settur tas-sajd.

ARTIKOLU 73

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-azzjonijiet konġunti, jiskambjaw informazzjoni u jagħtu appoġġ lil xulxin sabiex jippromwovu:

(a) sajd responsabbli u ġestjoni tas-sajd konsistenti mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli, sabiex jiġu kkonservati l-istokkijiet tal-ħut u l-ekosistemi fi stat b'saħħtu; kif ukoll

(b) il-kooperazzjoni permezz ta' organizzazzjonijiet multilaterali u internazzjonali relevanti responsabbli għall-ġestjoni u l-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, b'mod partikolari billi jissaħħu l-istrumenti internazzjonali xierqa ta' monitoraġġ u l-istrumenti ta' infurzar tal-liġi.

ARTIKOLU 74

Il-Partijiet għandhom jappoġġjaw inizjattivi, bħal pereżempju l-iskambju reċiproku tal-esperjenza u l-provvista ta' appoġġ, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, li tkopri:

(a) il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u tal-akkwakultura;

(b) l-ispezzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd;

(c) il-ġbir ta' data dwar il-qbid, il-ħatt, dik bijoloġika u dik ekonomika;

(d) it-titjib tal-effiċjenza tas-swieq, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, billi tingħata informazzjoni lill-konsumaturi, u permezz ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni u traċċabbiltà;

(e) l-iżvilupp sostenibbli ta' żoni b'xatt ta' lag jew li jinkludu għadajjar jew estwarju ta' xmara u b'livell sinifikanti ta' impjieg fis-settur tas-sajd; kif ukoll

(f) skambju istituzzjonali tal-esperjenza dwar leġiżlazzjoni ta' akwakultura sostenibbli u l-implimentazzjoni prattika tagħha f'baċiri naturali u lagi artifiċjali.

ARTIKOLU 75

Meta titqies il-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tas-sajd, tat-trasport, tal-ambjent u politiki oħrajn relatati mal-baħar, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll u jagħtu appoġġ reċiproku, meta jkun xieraq, fuq kwistjonijiet marittimi, b'mod partikolari billi jappoġġaw b'mod attiv approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi u governanza tajba fil-fora reġjonali u internazzjonali relevanti.

KAPITOLU 12

ESTRAZZJONI

ARTIKOLU 76

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tal-industriji tal-mijieri u l-produzzjoni tal-materja prima, bil-ħsieb li jiġi promoss l-għarfien reċiproku, jitjieb l-ambjent tan-negozju, tiġi skambjata l-informazzjoni u jkun hemm kooperazzjoni dwar kwistjonijiet mhux tal-enerġija, li jirrigwardaw b'mod partikolari l-minjieri ta' minerali metalliċi u minerali industrijali.

ARTIKOLU 77

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi fis-setturi tagħhom tal-minjieri u l-materja prima;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ tal-materja prima, bl-għan li jippromwovu l-iskambji bilaterali;

(c) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-aspetti tal-iżvilupp sostenibbli tal-industriji tal-minjieri; kif ukoll

(d) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fir-rigward tat-taħriġ, il-ħiliet u s-sikurezza fl-industriji tal-minjieri.

KAPITOLU 13

KOOPERAZZJONI FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

ARTIKOLU 78

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-riċerka xjentifika ċivili u l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku u suġġett għal protezzjoni adegwata u effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

ARTIKOLU 79

Kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 78 għandha tkopri:

(a) id-djalogu politiku u l-iskambju ta' informazzjoni xjentifika u teknoloġika;

(b) il-faċilitazzjoni ta' aċċess adegwat għall-programmi rispettivi tal-Partijiet;

(c) inizjattivi biex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' riċerka u l-parteċipazzjoni tal-entitajiet ta' riċerka tar-Repubblika tal-Armenja fil-programm qafas tar-riċerka tal-Unjoni Ewropea;

(d) il-promozzjoni ta' proġetti konġunti għar-riċerka fl-oqsma kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni;

(e) l-attivitajiet ta' taħriġ u l-programmi ta' mobbiltà għax-xjenzati, ir-riċerkaturi u persunal ieħor tar-riċerka involut f'attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq iż-żewġ naħat;

(f) il-faċilitazzjoni, fil-qafas tal-leġiżlazzjoni applikabbli, tal-moviment ħieles tal-ħaddiema fir-riċerka li jipparteċipaw fl-attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim u l-moviment transfruntier tal-oġġetti maħsuba għall-użu f'attivitajiet bħal dawn; kif ukoll

(g) forom oħra ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni abbażi ta' ftehim reċiproku.

ARTIKOLU 80

Fit-twettiq ta' dan it-tip ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni, jenħtieġ li jinstabu sinerġiji ma' attivitajiet iffinanzjati miċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija (ISTC) u attivitajiet oħra mwettqa fil-qafas tal-kooperazzjoni finanzjarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Amenja kif stipulat fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VII.

KAPITOLU 14

IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

ARTIKOLU 81

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u li tintlaħaq il-kompatibbiltà bejn is-sistemi tagħhom tal-protezzjoni tal-konsumatur.

ARTIKOLU 82

Fejn xieraq, il-kooperazzjoni tista' tinkludi::

(a) il-mira ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tar-Repubblika tal-Armenja ma' dik tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ;

(b) promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sistemi tal-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż il-leġiżlazzjoni tal-konsumatur u l-infurzar tagħha, is-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur, is-sistemi tal-iskambju ta' informazzjoni, l-edukazzjoni/sensibilizzazzjoni u t-tħeġġiġ tal-konsumaturi, u r-rimedju għall-konsumatur;

(c) attivitajiet ta' taħriġ għall-uffiċjali amministrattivi u rappreżentanti oħra tal-interessi tal-konsumatur; kif ukoll

(d) l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumatur indipendenti u kuntratti bejn rappreżentanti tal-konsumatur.

ARTIKOLU 83

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness VI f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 15

IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI U OPPORTUNITAJIET INDAQS

ARTIKOLU 84

Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-promozzjoni tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-politika tal-impjiegi, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar, it-tnaqqis tal-faqar, it-titjib tal-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp sostenibbli u kwalità ta' ħajja aħjar.

ARTIKOLU 85

Il-kooperazzjoni, ibbażata fuq l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, tista' tkopri għadd ta' kwistjonijiet li jridu jiġu identifikati fost l-oqsma li ġejjin:

(a) it-tnaqqis tal-faqar u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali;

(b) politika tax-xogħol, li timmira għal iktar impjiegi u impjiegi aħjar b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluż bil-għan li jitnaqqsu l-ekonomija informali u l-impjiegi informali;

(c) il-promozzjoni ta' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol u servizzi tal-impjiegi effiċjenti biex jiġu modernizzati s-swieq tax-xogħol u biex jiġu adattati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

(d) it-trawwim ta' swieq tax-xogħol iktar inklużivi u sistemi tas-sikurezza soċjali li jintegraw lill-persuni żvantaġġjati, inkluż il-persuni b'diżabbilitajiet u l-persuni minn gruppi ta' minoranza;

(e) opportunitajiet indaqs u antidiskriminazzjoni, li jimmiraw li jsaħħu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiżguraw opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

(f) politika soċjali, li timmira li ttejjeb il-livell ta' protezzjoni soċjali u timmodernizza s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, f'termini ta' kwalità, aċċessibbiltà u sostenibbiltà finanzjarja;

(g) tisħiħ tal-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-partijiet interessati relevanti kollha;

(h) il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. kif ukoll

(i) il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

ARTIKOLU 86

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-involviment tal-partijiet interessati kollha relevanti, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u b'mod partikolari s-sħab soċjali, fir-riformi u l-iżvilupp politiċi fir-Repubblika tal-Armenja u fil-kooperazzjoni bejn il-Partijiet taħt dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 87

Jeħtieġ li l-Partijiet għandhom jimmiraw li jqawwu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-impjiegi u tal-politika soċjali fil-fora u fl-organizzazzjonijiet reġjonali relevanti kollha, dawk multilaterali u internazzjonali.

ARTIKOLU 88

Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-responsabbiltà u kontabbiltà soċjali korporattiva u jħeġġu prattiki ta' negozju responsabbli, bħal dawk promossi mill-Linji Gwida tal-OECD għal Impriżi Multinazzjonali, l-Impatt Globali tan-NU, id-dikjarazzjoni tripartitika tal-prinċipji tal-ILO dwar l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-ISO 26000.

ARTIKOLU 89

Għandu jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 90

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness VII f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

KAPITOLU 16

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAS-SAĦĦA

ARTIKOLU 91

Il-Partijiet għandhom jaqblu li jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tas-saħħa pubblika biex jgħollu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, f'konformità mal-valuri u l-prinċipji komuni tas-saħħa bħala prekundizzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku.

ARTIKOLU 92

Il-kooperazzjoni għandha tindirizza l-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed u mard li ma jitteħidx, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar is-saħħa, il-promozzjoni ta' approċċ fejn is-saħħa titqies fit-tfassil tal-politiki kollha, il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u bil-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa, bħall-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-2003 u r-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa.

KAPITOLU 17

EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ U ŻGĦAŻAGĦ

ARTIKOLU 93

Il-Parijiet għandhom jikkollaboraw fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jintensifikaw il-kooperazzjoni u d-djalogu bil-għan li japprossimaw is-sistemi edukattivi u ta' taħriġ fir-Repubblika tal-Armenja mal-politiki u prattiki tal-Unjoni Ewropea. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni u t-trasparenza fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'attenzjoni partikolari fuq l-edukazzjoni vokazzjonali u superjuri.

ARTIKOLU 94

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandha tiffoka fost l-oħrajn fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) il-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, li huwa kruċjali għat-tkabbir u l-impjiegi u jista' jippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà;

(b) l-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż is-sistemi ta' taħriġ għall-uffiċjali tas-servizz pubbli, u li jtejjeb il-kwalità, ir-relevanza u l-aċċess tul il-katina tal-edukazzjoni kollha mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni terzjarja;

(c) il-promozzjoni tal-konverġenza u riformi koordinati fl-edukazzjoni għolja f'konformità mal-Aġenda tal-Unjoni Ewropea għal Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea għal Edukazzjoni Għolja (il-Proċess ta' Bolonja);

(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika internazzjonali, iż-żieda tal-parteċipazzjoni fi programmi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea u t-titjib tal-mobilità tal-istudenti u l-għalliema;

(e) tħeġġiġ tat-tagħlim tal-lingwi barranin;

(f) l-iżvilupp ta' qafas nazzjonali tal-kwalifiki biex itejjeb it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi fi ħdan il-komunità tan-Netwerk Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni u ċ-Ċentri ta' Informazzjoni Nazzjonali tar-Rikonoxximent Akkademiku (ENIC-NARIC) allinjata mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

(g) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni biex jiġu żviluppati iktar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jittieħed kont tal-prattika tajba fl-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(h) it-tisħiħ tal-fehim u l-għarfien dwar il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, id-djalogu akkademiku dwar ir-relazzjonijiet tas-Sħubija bejn UE-Lvant, u l-parteċipazzjoni fi programmi relevanti tal-Unjoni Ewropea, inkluż fil-qasam tas-servizz ċivili.

ARTIKOLU 95

Il-Partijiet jaqblu li jaħdmu flimkien fil-qasam taż-żgħażagħ biex:

(a) isaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambji fl-oqsma tal-politika taż-żgħażagħ u tal-edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażagħ u għall-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ;

(b) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ kollha fis-soċjetà;

(c) jappoġġjaw il-mobilità għaż-żgħażagħ u ħaddiema żgħażagħ bħala mezz biex jippromwovu d-djalogu interkulturali u l-akkwist ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi lil hinn mis-sistemi edukattivi formali, inkluż permezz tal-volontarjat; kif ukoll

(d) jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jappoġġaw is-soċjetà ċivili.

KAPITOLU 18

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM KULTURALI

ARTIKOLU 96

Il-Partijiet jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni kulturali skont il-prinċipji mħaddna fil-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005. Il-Partijiet se jfittxu djalogu politiku regolari f'oqsma ta' interess reċiproku, inkluż l-iżvilupp tal-industriji kulturali fl-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet se trawwem id-djalogu interkulturali, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tas-settur tal-kultura u s-soċjetà ċivili tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 97

Il-kooperazzjoni għandha tiffoka, fost l-oħrajn, fuq:

(a) kooperazzjoni kulturali u skambji kulturali;

(b) mobbilità tal-arti u l-artisti u t-tisħiħ tal-kapaċità tas-settur kulturali;

(c) djalogu interkulturali;

(d) djalogu ta' politika kulturali;

(e) il-Programm Ewropa Kreattiva; kif ukoll

(f) il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali bħall-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa sabiex tiġi żviluppata d-diversità kulturali u jiġi preservat u valorizzat il-wirt kulturali u storiku.

KAPITOLU 19

KOOPERAZZJONI FL-OQSMA AWDJOVIŻIVI U TAL-MIDJA

ARTIKOLU 98

Il-Partijiet se jippromwovu l-kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv. Il-kooperazzjoni għandha ssaħħaħ l-industriji awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ ta' professjonisti u skambju ta' informazzjoni.

ARTIKOLU 99

1. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw djalogu regolari fir-rigward tal-qasam tal-politiki awdjoviżivi u tal-midja u jikkooperaw sabiex tissaħħaħ l-indipendenza u l-professjonalità tal-midja kif ukoll rabtiet mal-midja tal-Unjoni Ewropea skont l-istandards Ewropej relevanti, inklużi l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005.

2. Il-kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, il-kwistjoni tat-taħriġ tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-medja, kif ukoll appoġġ għall-midja.

ARTIKOLU 100

Il-kooperazzjoni għandha tiffoka, fost l-oħrajn, fuq:

(a) djalogu dwar il-politiki awdjoviżivi u tal-midja;

(b) kooperazzjoni f'fora internazzjonali (bħall-UNESCO u d-WTO); kif ukoll

(c) kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv u tal-midja inkluż kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċinema.

KAPITOLU 20

KOOPERAZZJONI FIl-QASAM TAL-ISPORT U L-ATTIVITÀ FIŻIKA

ARTIKOLU 101

Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba sabiex jippromwovu stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, governanza tajba kif ukoll valuri soċjali u edukazzjonali tal-isport fil-ġlieda kontra theddid għall-isport bħad-doping, xiri tal-logħob, razziżmu, u vjolenza fi ħdan l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.

KAPITOLU 21

KOOPERAZZJONI TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI

ARTIKOLU 102

Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu dwar il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, bl-objettivi li ġejjin:

(a) biex jissaħħu l-kuntatti u jsir skambju ta' informazzjoni u esperjenza bejn is-setturi kollha tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja;

(b) biex jiġu żgurati għarfien u ftehim aħjar tar-Repubblika tal-Armenja, inkluż l-istorja u l-kultura tagħha, fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ibbażati fl-Istati Membri, u b'hekk ikun hemm kuxjenza aħjar dwar l-opportunitajiet u l-isfidi għal relazzjonijiet futuri; kif ukoll

(c) biex jiġu żgurati għarfien u fehim aħjar tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Armenja u b'mod partikolari fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Repubblika tal-Armenja, b'attenzjoni mhux esklużiva fuq il-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, il-politiki tagħha u l-funzjonament tagħha.

ARTIKOLU 103

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu djalogu u kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat bħala parti integrali tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.

2. L-għanijiet ta' tali djalogu u tali kooperazzjoni huma:

(a) li jiġi żgurat l-involviment tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja;

(b) li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jiġi stabbilit djalogu miftuħ, trasparenti u regolari bejn, minn naħa, l-istituzzjonijiet pubbliċi u, min-naħa l-oħra, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili;

(c) li jiffaċilita l-proċess tal-ħolqien tal-istituzzjonijiet u l-konsolidazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'diversi modi, fost l-oħrajn: l-appoġġ għall-avukatura, netwerking informali u formali, żjarat reċiproċi u gruppi ta' ħidma, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitjieb il-qafas legali għas-soċjetà ċivili; kif ukoll

(d) li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn kull naħa jkunu jistgħu jsiru midħla tal-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' djalogu bejn is-sħab ċivili u soċjali fuq in-naħa l-oħra, b'mod partikolari bl-għan li jkun hemm iktar integrazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-tfassil tal-politika pubblika fir-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 104

Se jsir djalogu regolari bejn il-Partijiet dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 22

ŻVILUPP REĠJONALI, KOOPERAZZJONI FIL-LIVELL TRANSFRUNTIER U REĠJONALI

ARTIKOLU 105

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-fehim reċiproku u l-kooperazzjoni bilaterali fil-qasam tal-politika reġjonali tal-iżvilupp, inkluż metodi ta' formulazzjoni u implimentazzjoni ta' politiki reġjonali, governanza u sħubija fuq diversi livelli, b'enfażi speċjali fuq l-iżvilupp ta' żoni żvantaġġati u l-kooperazzjoni territorjali, biex b'hekk jistabbilixxu mezzi ta' komunikazzjoni u jqawwu l-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-atturi soċjoekonomiċi u s-soċjetà ċivili.

2. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jallinjaw il-prattika tar-Repubblika tal-Armenja mal-prinċipji li ġejjin:

(a) tissaħħaħ il-governanza fuq diversi livelli fejn taffettwa kemm il-livell ċentrali, reġjonali u lokali b'enfażi speċjali fuq modi li jsaħħu l-involviment ta' partijiet interessati reġjonali u lokali;

(b) il-konsolidazzjoni tas-sħubija bejn il-partijiet kollha involuti fl-iżvilupp reġjonali; kif ukoll

(c) il-kofinanzjament permezz tal-kontribut finanzjarju mill-Partijiet involuti fl-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti ta' żvilupp reġjonali.

ARTIKOLU 106

1. Il-Partijiet għandhom jappoġġaw u jsaħħu l-involviment tal-awtoritajiet fil-livell lokali u dak reġjonali f'kooperazzjoni transkonfinali u dik reġjonali u l-istrutturi maniġerjali relatati, biex isaħħu l-kooperazzjoni permezz tat-twaqqif ta' qafas leġiżlattiv li jippermetti s-sostenn u l-iżvilupp ta' miżuri ta' bini ta' kapaċità u għall-promozzjoni ta' netwerks ekonomiċi u ta' negozju transkonfinali u reġjonali.

2. Il-Partijiet se jikkooperaw biex jikkonsolidaw il-kapaċitajiet istituzzjonali u operazzjonali tal-istituzzjonijiet tar-Repubblika tal-Armenja fl-oqsma tal-iżvilupp reġjonali u l-ippjanar tal-użu tal-art permezz ta', fost l-oħrajn:

(a) titjib tal-koordinazzjoni interistituzzjonali b'mod partikolari tal-mekkaniżmu ta' interazzjoni vertikali u orizzontali tal-amministrazzjoni ċentrali u lokali fil-proċess tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki reġjonali;

(b) żvilupp tal-kapaċità tal-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jippromwovu l-kooperazzjoni transfruntiera, filwaqt li jittieħed kont tar-regolamenti u l-prettiki tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(c) kondiviżjoni tal-għarfien, l-informazzjoni u l-aħjar prassi għall-politiki tal-iżvilupp reġjonali li jippromwov u l-benesseri ekonomiku għall-komunitajiet lokali u l-iżvilupp uniformi tar-reġjuni.

ARTIKOLU 107

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' kooperazzjoni transfrutniera f'oqsma oħra koperti minn dan il-Ftehim bħal, fost l-oħrajn, it-trasport, l-enerġija, l-ambjent, in-netwerks tal-komunikazzjoni, il-kultura, l-edukazzjoni, it-turiżmu u s-saħħa.

2. Il-Partijiet għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tagħhom fil-forma ta' programmi transnazzjonali u interreġjonali, jinkoraġixxu l-parteċipazzjoni tar-reġjuni tar-Repubblika tal-Armenja fl-istrutturi u l-organizzazzjonijiet reġjonali Ewropej u jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u istituzzjonali tagħhom billi jimplimentaw proġetti ta' interess komuni.

3. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 se jitwettqu fil-kuntest ta':

(a) it-tkomplija tal-kooperazzjoni territorjali mar-reġjuni Ewropej (inkluż permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u transfruntiera);

(b) il-kooperazzjoni fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, mal-korpi tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Kumitat tar-Reġjuni u l-parteċipazzjoni f'diversi proġetti u inizjattivi reġjonali Ewropej; kif ukoll

(c) il-kooperazzjoni ma', fost l-oħrajn, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), u n-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni tal-Ippjanar tal-Ispazji (ESPON).

ARTIKOLU 108

Se jsir djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 23

PROTEZZJONI ĊIVILI

ARTIKOLU 109

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fid-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Il-kooperazzjoni għandha titwettaq b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-Partijiet fuq il-bażi tal-ugwaljanza u l-benefiċċju reċiproku, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-interdipendenza eżistenti bejn il-Partijiet u l-attivitajiet multilaterali fil-qasam.

ARTIKOLU 110

Il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

ARTIKOLU 111

Il-Partijiet, fost l-oħrajn, għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u l-kompetenza esperta u jimplimentaw attivitajiet konġunti fuq bażi bilaterali u/jew fil-qafas ta' programmi multilaterali. Il-kooperazzjoni tista' ssir, fost l-oħrajn, permezz tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet speċifiċi u/jew arranġamenti amministrattivi f'dan il-qasam, konklużi bejn il-Partijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu flimkien dwar linji gwida speċifiċi u/jew pjanijiet ta' ħidma għall-attivitajiet previsti jew ippjanati skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 112

Il-kooperazzjoni tista' tkopri l-għanijiet li ġejjin:

(a) l-iskambju u l-aġġornament regolari tad-dettalji ta' kuntatt sabiex tkun żgurata l-kontinwità tad-djalogu u sabiex ikunu jistgħu jikkuntattjaw lil xulxin fuq bażi ta' 24 siegħa;

(b) il-faċilitazzjoni tal-għajnuna reċiproka f'każ ta' emerġenzi kbar, kif xieraq u skont id-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti;

(c) l-iskambju fuq bażi ta' 24 siegħa ta' twissijiet bikrin u informazzjoni aġġornata dwar emerġenzi fuq skala kbira li jaffettwaw lill-Unjoni Ewropea jew lir-Repubblika tal-Armenja, inkluż it-talbiet u l-offerti ta' assistenza;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-għoti ta' għajnuna mill-Partijiet lil pajjiżi terzi għal emerġenzi meta jiġi attivat il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili;

(e) il-kooperazzjoni fir-rigward ta’ appoġġ għal stat ospitanti meta tintalab jew tingħata għajnuna;

(f) skambju tal-aħjar prattiki u linji gwida fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri, it-tħejjija u r-reazzjoni;

(g) Il-kooperazzjoni dwar it-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri billi jiġu indirizzati, fost l-oħrajn: rabtiet istituzzjonali u l-attivitajiet favur; informazzjoni, edukazzjoni u komunikazzjoni; l-aħjar prattiki bil-għan li timpedixxi jew timmitiga l-impatt ta’ perikli naturali;

(h) il-kooperazzjoni għal titjib tal-bażi tal-għarfien dwar id-diżastri u dwar il-valutazzjoni tal-perikli u r-riskji għall-immaniġġjar tad-diżastri;

(i) il-kooperazzjoni fir-rigard tal-valutazzjoni tal-impatt tad-diżastri fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika;

(j) l-istedina ta' esperti għal gruppi ta' ħidma u simpożja tekniċi speċifiċi dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni ċivili;

(k) jiġu mistiedna, fuq bażi ta’ każ b'każ, osservaturi għal eżerċizzji u taħriġ speċifiċi organizzati mill-Unjoni Ewropea u/jew mir-Repubblika tal-Armenja; kif ukoll

(l) il-kooperazzjoni fuq l-użu l-iktar effettiv tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili disponibbli.

TITOLU VI

KUMMERĊ U KWISTJONIJIET RELATATI MAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 1

KUMMERĊ TA' PRODOTTI

ARTIKOLU 113

Trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti t-trattament tan-nazzjon l-iktar favorit għall-oġġetti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu I tal-Ftehim Generali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("GATT 1994") li huwa parti mill-Anness 1A tal-Ftehim ta' Marrakesh li waqqaf l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, magħmul fil-15 ta' April 1994 (il-"Ftehim tad-WTO"), inklużi n-noti interpretattivi tiegħu, li huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma japplikax fir-rigward ta' trattament preferenzjali mogħti minn xi waħda mill-Partijiet lill-prodotti ta' pajjiż ieħor skont il-GATT 1994.

ARTIKOLU 114

It-Trattament Nazzjonali

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu III tal-GATT tal-1994, inklużi n-noti interpretattivi tiegħu, li huma inkorporati f'dan it-Trattat u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 115

Dazji u imposti tal-importazzjoni

Kull Parti għandha tapplika dazji jew imposti f'konformità mal-obbligi tagħha stabbiliti skont il-Ftehim WTO.

ARTIKOLU 116

Dazjifuq l-esportazzjoni, taxxi jew ħlasijiet oħrajn

L-ebda Parti m'għandha tadotta jew iżżomm xi dazji, taxxi jew ħlasijiet oħra imposti fuq, jew in konnessjoni ma', l-esportazzjoni ta' merkanzija destinata għat-territorju tal-Parti l-oħra li jkunu ogħla minn dawk imposti fuq prodotti simili destinati għas-suq domestiku.

ARTIKOLU 117

Ir-Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet

1. L-ebda Parti ma tista' tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni ħlief dazji, taxxi jew imposti oħra, kemm jekk magħmula effettivi permezz ta' kwoti, liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jew miżuri oħrajn, fuq l-importazzjoni ta' xi prodott tal-Parti l-oħra kif ukoll jekk magħmula fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' xi prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, skont l-Artikolu XI tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni u prattiki tajba fir-rigward ta' kontrolli tal-esportazzjoni fuq oġġetti b'użu doppju bil-għan li tiġi promossa l-konverġenza tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 118

Prodotti rimanufatturati

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu lil oġġetti manifatturati mill-ġdid l-istess trattament bħal dak mogħti lil prodotti simili ġodda. Parti tista' tirrikjedi tikkettjar speċifiku ta' prodotti manifatturati mill-ġdid sabiex jiġi evitat it-tqarriq tal-konsumaturi.

2. Għal iktar ċertezza, l-Artikolu 117(1) japplika għal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq oġġetti manifatturati mill-ġdid.

3. F’konformità mal-obbligi skont dan il-Ftehim u l-Ftehimiet tal-WTO, Parti tista’ titlob li prodotti manifatturati mill-ġdid:

(a) jiġu identifikati bħala tali għal distribuzzjoni jew bejgħ fit-territorju tagħha; kif ukoll

(b) jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha li japplikaw għal merkanzija ekwivalenti f’kundizzjoni ġdida.

4. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq merkanzija użata, m’għandhiex tapplika dawk il-miżuri għal oġġetti manifatturati mill-ġdid.

5. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, prodott manifatturat mill-ġdid ifisser prodott li:

(a) huwa għal kollox jew parzjalment magħmul minn partijiet miksuba minn oġġetti li jkunu ntużaw qabel, u;

(b) għandu l-istess karatteristiċi ta’ prestazzjoni u kundizzjonijiet ta’ prodott ġdid oriġinali u jingħata l-istess garanzija bħala l-prodott il-ġdid.

ARTIKOLU 119

Ammissjoni temporanja tal-prodotti

Kull Parti għandha teżenta lill-Parti l-oħra mill-imposti ta' importazzjoni u mid-dazji fuq il-prodotti ammessi temporanjament, fil-każijiet u skont il-proċeduri stipulati minn xi ftehimiet internazzjonali oħra dwar id-dħul temporanju ta' prodotti li jorbtu. Din l-eżenzjoni għandha tiġi applikata skont il-liġijiet u r-regolamenti ta’ kull Parti.

ARTIKOLU 120

It-tranżitu

Il-Partijiet jaqblu li l-prinċipju tal-libertà tat-transitu huwa kundizzjoni essenzali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. F'dan ir-rigward, kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi għall-libertà tat-transitu mit-territorju tagħha tal-prodotti kkunsinnati minn jew li huma destinati għat-territorju doganali tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu V tal-GATT 1994, inkluży n-noti interpretattivi tiegħu, li huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 121

Difiża tan-negozju

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet li jaqgħu taħt:

(a) L-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim WTO;

(b) L-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO dwar dispożizzjonijiet speċjali ta’ salvagwardja; kif ukoll

(c) L-Artikolu VI tal-GATT tal-1994, il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-994, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO, u l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO.

2. Id-drittijiet u l-obbligi eżistenti msemmija fil-paragrafu 1, u l-miżuri li jirriżultaw minnu, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 122

Eċċezzjonijiet

1. Il-Partijiet jaffermaw li d-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont l-Artikolu XX tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu għandhom japplikaw għall-kummerċ fi prodotti koperti minn dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, l-Artikolu XX tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jifhmu li qabel ma jieħdu xi miżura prevista fis-sottoparagrafi (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni kollha relevanti, bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu fuq kwalunkwe mezz li jkun meħtieġ sabiex itemmu d-diffikultajiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 30 jum li tiġi pprovduta tali informazzjoni, il-Parti tista' tapplika miżuri skont dan l-Artikolu dwar il-prodott ikkonċernat. Meta ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata u jagħmlu informazzjoni jew eżami minn qabel impossibbli, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri tista' tapplika minnufih il-miżuri ta' prekawzjoni neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra dwarhom.

KAPITOLU 2

DWANA

ARTIKOLU 123

Il-Kooperazzjoni Doganali

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam doganali biex jiffaċilitaw il-kummerċ, jiżguraw ambjent tal-kummerċ trasparenti, jiffaċilitaw il-kummerċ, isaħħu s-sigurtà tal-katina tal-provvista, jippromwovu s-sikurezza tal-konsumaturi, iwaqqfu l-flussi ta' prodotti li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u jiġġieldu l-kuntrabandu u l-frodi.

2. Sabiex jiġu implimentati l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1 u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex, fost l-oħrajn:

(a) itejbu l-leġiżlazzjoni doganali, ir-regolamenti, prattiki u deċiżjonijiet vinkolanti u jissimplifikaw il-proċeduri doganali, f'konformità mal-konvenzjonijiet u l-istandards internazzjonali applikabbli fil-qasam doganali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, inklużi dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, kif emendata (Konvenzjoni Riveduta ta' Kyoto"), u b'kont meħud tal-istrumenti u l-aħjar prattiki żviluppati mill-Unjoni Ewropea, inkluż blueprints doganali;

(b) jistabbilixxu sistemi doganali moderni, inklużi teknoloġiji ta' approvazzjoni doganali moderni, dispożizzjonijiet għal operaturi ekonomiċi awtorizzati, analiżi u kontrolli awtomatizzati bbażati fuq ir-riskju, proċeduri ssimplifikati għar-rilaxx tal-merkanzija, kontrolli a posteriori, valutazzjoni doganali trasparenti, u dispożizzjonijiet għas-sħubiji bejn id-dwana u n-negozji;

(c) jinkoraġġixxu l-ogħla standards ta' integrità fil-qasam tad-dwana, b'mod partikolari fil-fruntieri, permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri li jirriflettu l-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali dwar Governanza Tajba u l-Integrità tad-Dwana kif rivedut l-aħħar f'Ġunju 2003 (id-Dikjarazzjoni Reveduta ta' Arusha tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali);

(d) jiskambjaw l-aħjar prattiki kif ukoll jipprovdu taħriġ u appoġġ tekniku għall-ippjanar u l-bini tal-kapaċità u biex jiżguraw li l-ogħla standards ta' integrità;

(e) jiskambjaw, fejn xieraq, informazzjoni u data relevanti suġġett għar-rispett tar-rekwiżiti legali ta' kull Parti dwar il-kunfidenzjalità tad-data sensittiva u l-protezzjoni tad-data personali;

(f) jimpenjaw, fejn ikun relevanti u xieraq, f'azzjonijiet doganali kkoordinati bejn l-awtoritajiet doganali kkoordinati bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet;

(g) jistabbilixxu, fejn ikun relevanti u xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku ta' programmi tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati u kontrolli doganali, inklużi miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ ekwivalenti;

(h) isegwu, fejn relevanti u xieraq, possibiltajiet għall-interkonnessjoni ta' sistemi ta' tranżitu doganali rispettivi; kif ukoll

(i) titjieb l-implimentazzjoni ta’ obbligi relatati mad-dwana fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja, inkluża l-kooperazzjoni dwar l-oriġini ta’ prodotti.

ARTIKOLU 124

Assistenza Amministrattiva Reċiproka

Mingħajr preġudizzju għall-forom oħra ta' kooperazzjoni previsti f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari fl-Artikolu 123 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Għajnuna Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali għal dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 125

Valutazzjoni tad-dwana

1. Il-Partijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-GATT 1994, inklużi kwalunkwe emendi sussegwenti, il-valur doganali tal-merkanzija fil-kummerċ bejn il-Partijiet. Dawk id-dispożizzjonijiet huma b'dan inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw bil-għan li jilħqu approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati ma' valutazzjoni doganali.

ARTIKOLU 126

Sottokumitat Doganali

1. Is-Sottokumitat Doganali huwa b’dan stabbilit.

2. Is-Sottokumitat Doganali għandu jinkludi konsultazzjonijiet u monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż il-materji ta' kooperazzjoni doganali, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-kooperazzjoni u l-ġestjoni doganali transfruntiera, l-għajnuna teknika relatata mad-dwana, ir-regoli ta' oriġini, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kuf ukoll l-għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali.

3. Is-Sottokumitat Doganali għandu, fost l-oħrajn:

(a) jara li jkun hemm funzjonament xieraq ta' dan il-Kapitolu u tal-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali għal dan il-Ftehim;

(b) jaddotta arranġamenti, miżuri u deċiżjonijiet prattiċi biex ikun implimentat dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar Għajnuna Amministrattiva Reċiproka dwar Kwistjonijiet Doganali għal dan il-Ftehim, inkluż dwar l-iskambju ta' informazzjoni u data, ir-rikonoxximent reċiproku tal-kontrolli doganali u l-programmi ta' sħubija fil-kummerċ, u l-benefiċċji maqbula b'mod reċiproku;

(c) jiskambjaw opinjonijiet dwar kwalunkwe punt ta' interess komuni, inkluż miżuri futuri u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom; kif ukoll

(d) jagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-Kumitat ta’ Sħubija, fejn xieraq.

KAPITOLU 3

OSTAKOLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 127

Għan

L-objettiv ta’ dan il-Kapitolu huwa li jiffaċilita l-kummerċ ta’ merkanzija bejn il-Partijiet, billi jipprovdi qafas biex jipprevjeni, jidentifika u jelimina ostakoli żejda għall-kummerċ fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO (il-“Ftehim TBT”).

ARTIKOLU 128

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ standards minn kull Parti, regolamenti tekniċi u proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, kif definiti fil-Ftehim dwar it-TBT li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet.

2. Minkejja dak li hemm fil-pargrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Aness A għall-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta’ Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO (il-"Ftehim SPS"), u lanqas għall-ispeċifikazzjonijiet tax-xri preparati mill-awtoritajiet pubbliċi għar-rekwiżiti proprji ta’ produzzjoni jew konsum.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar it-TBT.

ARTIKOLU 129

Il-Ftehim TBT

Il-partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim TBT, li huwa b'dan inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu.

ARTIKOLU 130

Kooperazzjoni fil-qasam tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità bl-għan li jżiedu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom ifittxu li jidentifikaw u jiżviluppaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja u inizjattivi xierqa għal kwistjonijiet jew setturi partikolari, li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) jiskambjaw informazzjoni u esperjenzi dwar it-tħejjija u l-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi rispettivi tagħhom u ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) jaħdmu lejn il-possibbiltà ta' konverżjoni jew allinjament tar-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità;

(c) jinkoraġġixxu kooperazzjoni bejn il-korpi rispettivi tagħhom responsabbli għall-metroloġija, l-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità u l-akkreditazzjoni; kif ukoll

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi f'fora reġjonali u multilaterali relatati mal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità u l-akkreditazzjoni.

2. Bil-għan li jiġi promoss il-kummerċ reċiproku, il-Partijiet għandhom:

(a) inaqqsu d-differenzi li jeżistu bejniethom fl-oqsma tar-regolamenti tekniċi, il-metroloġija legali, l-istandardizzazzjoni, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni, u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, inkluż billi jħeġġu l-użu ta' strumenti maqbula internazzjonalment f'dawk l-oqsma;

(b) jippromwovu, f'konformità mar-regoli internazzjonali, l-użu ta' akkreditazzjoni biex tappoġġ il-valutazzjoni tal-kompetenza teknika ta' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità u l-attivitajiet tagħhom; kif ukoll

(c) jippromwovu l-parteċipazzjoni u, fejn possibbli, is-sħubija tar-Repubblika tal-Armenja u l-korpi relevanti tagħha fl-organizzazzjonijiet Ewropej li l-attività tagħhom hija relatata ma' standards, valutazzjoni tal-konformità, metroloġija u akkreditazzjoni u funzjonijiet relatati.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu u jżommu proċess li permezz tiegħu l-approssimazzjoni gradwali tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' konformità tar-Repubblika tal-Armenja lejn dawk tal-Unjoni Ewropea tista' tinkiseb.

4. Għal oqsma li fihom inkiseb l-allinjament, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw in-negozjar ta' ftehimiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità u l-aċċettazzjoni ta' prodotti industrijali.

ARTIKOLU 131

L-Immarkar u t-Tikkettar

1. Bla ħsara għall-Artikolu 129 ta' dan il-Ftehim, u fir-rigward tar-regolamenti tekniċi relatati mar-rekwiżiti tat-tikkettar u l-immarkar, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-prinċipji tal-Kapitolu 2.2 tal-Ftehim TBT li tali rekwiżiti mhumiex preparati, adottati jew applikati bil-ħsieb li joħolqu ostakoli mhux neċessarji għall-kummerċ internazzjonali, jew li jkollhom tali effett. Għal dak l-għan, tali rekwiżiti ta' tikkettar u mmarkar ma għandhomx ikunu iktar ta' restrizzjoni ta' kummerċ milli hu meħtieġ biex jintlaħaq objettiv leġittimu, filwaqt li jitqiesu r-riskji li jinħolqu jekk dan ma jseħħx. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-użu ta' rekwiżiti ta' mmarkar armonizzati fuq livell internazzjonali. Fejn xieraq, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaċċettaw tikketti li jistgħu jinqalgħu jew mhux permanenti.

2. B'mod partikolari, fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji tal-ittikkettar jew immarkar, il-Partijiet għandhom:

(a) jagħmlu ħilithom biex jimminimizzaw il-rekwiżiti rispettivi tagħhom għall-immarkar jew it-tikkettar, għajr kif meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà jew tal-ambjent, jew għal finijiet raġonevoli oħra ta' politika pubblika;

(b) iżommu d-dritt li jeħtieġu li l-informazzjoni fuq it-tikketta jew il-marka tkun b'lingwa speċifikata minn Parti.

ARTIKOLU 132

Trasparenza

1. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 12, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri tagħha għall-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jippermettu li ssir konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati fi stadju bikri xieraq meta l-kummenti li jirriżultaw mill-konsultazzjoni pubblika jkunu għadhom jistgħu jiddaħħlu u jitqiesu, ħlief meta dan ma jkunx possibbli minħabba emerġenza jew theddida ta' emerġenza relatati mas-sikurezza, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent jew is-sigurtà nazzjonali.

2. Skont l-Artikolu 2.9 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tikkonċedi perjodu għall-kummenti fi stadju bikri xieraq wara n-notifika ta' regolamenti tekniċi proposti jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Fejn proċess ta' konsultazzjoni dwar proposti ta' regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità huwa miftuħ għall-pubbliku, kull Parti għandha tippermetti lill-Parti l-oħra, jew lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Parti l-oħra, biex jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet pubbliċi b'termini li mhumiex inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tagħha stess.

3. Kull Parti għandha tassigura li r-regolamenti tekniċi adottati u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu disponibbli pubblikament.

KAPITOLU 4

KWISTJONIJIET SANITARJI U FITOSANITARJI

ARTIKOLU 133

Għan

L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jistabbilixxi prinċipji applikabbli għal miżuri sanitarji u fitosanitarji ("miżuri SPS") fil-kummerċ bejn il-Partijiet, kif ukoll il-kooperazzjoni fil-benessri tal-annimali. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Partijiet b'mod li jiffaċilita l-kummerċ filwaqt li jżommu l-livell ta' kull Parti rigward il-protezzjoni tal-ħajja jew fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, l-annimali u l-pjanti.

ARTIKOLU 134

L-Obbligi Multilaterali

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 135

Prinċipji

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li jiġu żviluppati u applikati miżuri SPS fuq il-bażi tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni, u ta' ġustifikazzjoni xjentifika b'kont meħud ta' standards internazzjonali bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ta' 1951 ("IPPC"), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ("OIE") u l-Kummissjoni Codex Alimentarius ("Codex").

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri SPS tagħha ma jiddiskriminawx b'mod arbitrarju jew mhux iġġustifikat bejn it-territorju tagħha stess u t-territorju tal-Parti l-oħra sa fejn jipprevalu kundizzjonijiet identiċi jew simili. Il-miżuri SPS ma għandhomx jiġu applikati b'manjiera li tkun tikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri, il-proċeduri u kontrolli SPS jiġu implimentati.

4. Kull Parti għandha twieġeb għal talba għal informazzjoni riċevuta minn awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra sa mhux iktar tard minn xahrejn minn meta jirċievu t-talba u b'mod mhux inqas favorevoli għall-prodotti importati milli għal prodotti simili domestiċi.

ARTIKOLU 136

Rekwiżiti għall-Importazzjoni

1. Ir-rekwiżiti għall-importazzjoni tal-Parti importatriċi għandhom ikunu applikabbli għat-territorju kollu tal-Parti esportatriċi, suġġett għall-Artikolu 137.

2. Ir-rekwiżiti għall-importazzjoni stabbiliti fiċ-ċertifikati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tal-Codex, tal-OIE u tal-IPPC, sakemm ir-rekwiżiti għall-importazzjoni huma appoġġati minn valutazzjoni tar-riskju msejsa fuq ix-xjenza mwettqa skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim SPS.

3. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'permessi ta' importazzjoni m'għandhomx ikun fihom kundizzjonijiet sanitarji u veterinarji iktar stretti mill-kundizzjonijiet stipulati fiċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 137

Miżuri marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti

1. Il-Partijiet għandhom jirrikonoxxu l-kunċett ta' żoni ħielsa mill-mard u minn organiżmi ta' ħsara u żoni bi prevalenza baxxa ta' mard jew organiżmi ta' ħsara, skont il-Ftehim SPS u l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet relevanti ta' Codex, tal-OIE u tal-IPPC.

2. Meta jiddeterminaw żoni ħielsa mill-mard u minn organiżmi ta' ħsara u żoni bi prevalenza baxxa ta' mard jew organiżmi ta' ħsara, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw fatturi bħal-lokalità ġeografika, l-ekosistemi, is-sorveljanza epidemjoloġika u l-effikaċja tal-kontrolli sanitarji jew fitosanitarji f'dawn iż-żoni.

ARTIKOLU 138

Spezzjonijiet u Verifiki

Il-Parti li timporta tista' twettaq fuq spejjeż tagħha stess spezzjonijiet u awditi fit-territorju tal-Parti esportatriċi biex tevalwa s-sistemi ta' spezzjoni u ta' ċertifikazzjoni ta' din tal-aħħar. Dawk l-ispezzjonijiet u l-awditi għandhom isiru skont l-istandards internazzjonali relevanti, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

ARTIKOLU 139

Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu u jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-miżuri SPS eżistenti u l-miżuri dwar it-trattament xieraq tal-annimaliu dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom. Tali diskussjonijiet u skambji ta' informazzjoni għandhom jieħdu kont tal-Ftehim SPS u l-istandards, il-linji gwida u rakkomandazzjonijiet relevanti ta' Codex, OIE u l-IIMF, kif ikun xieraq.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, il-kompetenzi u l-esperjenzi bl-għan li tinbena l-kapaċità f'dawk l-oqsma.

3. Il-Partijiet għandhom, fuq talba minn waħda mill-Partijiet, jistabbilixxu djalogu f'waqtu dwar il-kwistjonijiet SPS biex jiġu kkunsidrati kwistjonijiet relatati ma' kwistjonijiet SPS u kwistjonijiet urġenti oħra koperti minn dan il-Kapitolu. Il-Kumitat ta' Sħubija jista' jadotta regoli ta' proċedura għat-twettiq ta' dawn id-djalogi.

4. Il-Partijiet għandhom jaħtru u jaġġornaw regolarment punti ta' kuntatt għall-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 140

Trasparenza

Kull Parti għandha:

(a) ifittxu t-trasparenza fir-rigward tal-miżuri SPS applikabbli għall-kummerċ u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti applikati għall-importazzjonijiet SPS tal-Parti l-oħra;

(b) jikkomunikaw, fuq talba tal-Parti l-oħra, u fi żmien xahrejn mid-data ta' dik it-talba, ir-rekwiżiti SPS li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi, inkluż jekk il-valutazzjoni tar-riskji tkunx meħtieġa; kif ukoll

(c) tgħarraf lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe ksur serju jew sinifikanti għas-saħħa tal-pubbliku, l-annimali jew il-pjanti, inkluża kwalunkwe emerġenza tal-ikel tar-riskju. Din in-notifika għandha ssir bil-miktub, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data li fiha dak ir-riskju jiġi żvelat.

KAPITOLU 5

NEGOZJAR F'SERVIZZI, STABBILIMENT U KUMMERĊ ELETTRONIKU

TAQSIMA A
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 141

Objettiv, kamp ta' applikazzjoni u kopertura

1. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għal-liberalizzazzjoni progressiva reċiproka tal-istabbiliment u l-kummerċ fis-servizzi u għall-kooperazzjoni fil-kummerċ elettroniku.

2. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimponi xi obbligu fuq il-Partijiet fir-rigward tal-akkwist pubbliku mill-gvern suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 8.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal sussidji mogħtija minn Parti li huma suġġetti għall-Kapitolu 10.

4. B’mod konsistenti ma’ dan il-Kapitolu, kull Parti tirriżerva d-dritt li tirregola u tintroduċi regolamenti ġodda sabiex ikunu sodisfatti l-objettivi leġittimi tal-politika.

5. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qed ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Parti, u lanqas ma japplika għal miżuri dwar iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

6. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex iħarsu l-integrità, u jassiguraw il-moviment ordinat ta' persuni fiżiċi bejn il-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jkunux applikati b'mod li jħassru jew idgħajfu il-benefiċċji li jingħataw lil xi waħda mill-Partijiet skont it-termini ta' impenn speċifiku f'dan il-Kapitolu u l-AnnessI ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 142

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "miżura" tfisser kull miżura li tittieħed minn Parti, kemm jekk fil-forma ta' liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, jew kull forma oħra;

(b) "miżuri adottati jew miżmuma minn Parti" tfisser miżuri meħuda minn:

(i) gvernijiet u awtoritajiet ċentrali, reġjunali jew lokali ta' Parti; kif ukoll

(ii) korpi mhux governattivi ta' Parti fl-eżerċizzju ta' setgħat delegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali ta' dik il-Parti;

(c) "persuna fiżika ta' Parti" tfisser persuna bin-nazzjonalità ta' Stat Membru f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha jew persuna bin-nazzjonalità tar-Repubblika tal-Armenja skont il-leġiżlazzjoni rispettiva;

(d) “persuna ġuridika” tfisser kull entità legali debitament kostitwita jew organizzata b'xi mod ieħor skont il-liġi applikabbli, kemm jekk tkun għal skopijiet ta' profitt kif ukoll għal skopijiet oħra, u kemm jekk tkun korporazzjoni, fiduċjarja, sħubija, impriża konġunta, sjieda esklussiva jew assoċjazzjoni;

(e) “persuna ġuridika ta’ Parti”tfisser persuna ġuridika, stabbilita f’konformità mal-liġi ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Armenja rispettivament, u li jkollha l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju li għalih japplika it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew fit-territorju tal-Armenja rispettivament.

persuna ġuridika jkollha biss l-uffiċju reġistrat tagħha jew l-amministrazzjoni ċentrali fit-territorju li għalih japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew fit-territorju tar-Repubblika tal-Armenja, rispettivament, ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea jew persuna ġuridika tar-Repubblika tal-Armenja, rispettivament, ħlief jekk l-operazzjonijiet tagħha jkollhom rabta reali u kontinwa mal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja, rispettivament;

(f) minkejja l-paragrafu preċedenti, il-kumpaniji tat-trasport bil-baħar stabbiliti barra mill-Unjoni jew mir-Repubblika tal-Armenja u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tal-Armena, rispettivament, għandhom ikunu wkoll benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom f'dak l-Istat Membru jew fir-Repubblika tal-Armenja u jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tal-Armenja;

(g) "sussidjarju ta' persuna ġuridika ta' Parti" tfisser persuna ġuridika li tkun effettivament ikkontrollata minn persuna ġuridika oħra ta' dik il-Parti[1];

(h) "fergħa" ta' persuna ġuridika tfisser post tan-negozju li ma għandux personalità ġuridika li jagħti x'jifhem li mhuwiex permanenti, bħall-estensjoni ta' kumpanija prinċipali, u li għandu struttura ta' ġestjoni u li huwa mgħammar materjalment sabiex jinnegozja l-kummerċ ma' terzi persuni, biex dawn tal-aħħar, minkejja li jafu li jekk ikun meħtieġ, ikun hemm rabta ġuridika mal-kumpanija prinċipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra mil-pajjiż, ma għandhomx għalfejn jindirizzaw direttament lit-tali kumpanijaprinċipali iżda jistgħu jmexxu n-negozju minn dak il-post tan-negozju li jikkostitwixxi l-estensjoni;

(i) "stabbiliment" tfisser:

(i) fir-rigward tal-persuni ġuridiċi tal-Unjoni jew tar-Repubblika tal-Armenja, id-dritt li jibdew u jsegwu attivitajiet ekonomiċi billi jwaqqfu, inkluż permezz tal-akkwist ta', persuna ġuridika u/jew biex joħolqu fergħa jew uffiċċju rappreżentativ fl-Unjoni Ewropea jew fir-Repubblika tal-Armenja rispettivament;

(ii) fir-rigward ta' persuni fiżiċi ta' Parti, persuni fiżiċi li jibdew u joperaw attivitajiet ekonomiċi bħala persuni li jaħdmu għal rashom (self-employed), u li jistabbilixxu impriżi, partikolarment kumpaniji, li huma jikkontrollaw b'mod effettiv;

(j) "attivitajiet ekonomiċi" tinkuldi attivitajiet ta' karattru industrijali, kummerċjali u professjonali u attivitajiet ta' nies tas-sengħa u ma tinkludix attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva;

[1] Persuna ġuridika hija kkontrollata minn persuna ġuridika oħra jekk din tal-aħħar ikollha s-setgħa li tinnomina l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella tidderiġi legalment l-azzjonijiet tagħha.

(k) “operazzjonijiet” tfisser it-twettiq ta’ attivitajiet ekonomiċi;

(l) "servizzi" tinkludi kull servizz fi kwalunkwe settur ħlief is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva;

(m) “servizzi u attivitajiet oħra mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva” tfisser servizzi jew attivitajiet li la huma mwettqa fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew iktar;

(n) "forniment transkonfinali ta’ servizzi” tfisser il-forniment ta’ servizz:

(i) mit-territorju ta’ Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(o) “fornituri ta’ servizz” ta' Parti tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tipprovdi jew tfittex li tipprovdi servizz;

(p) “imprenditur” tfiser kull persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tfittex li twettaq jew fil-fatt twettaq attività ekonomika billi twaqqaf stabbiliment;

TAQSIMA B

L-ISTABBILIMENT

ARTIKOLU 143

Kamp ta' Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri adottati jew miżmuma mill-Partijiet li jaffettwaw l-istabbiliment fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, bl-eċċezzjoni ta':

(a) it-tħaffir fil-minjieri, il-manifattura u l-ipproċessar[1] ta' materjali nukleari;

(b) produzzjoni jew kummerċ fl-armi, fil-munizzjoni jew f'materjal tal-gwerra;

(c) servizzi awdjoviżivi;

(d) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[2], u

[1] Għal ċertezza ikbar, l-ipproċessar ta' materjali nukleari jinkludi l-attivitajiet kollha li jinsabu fi UN ISIC Rev.3.1 kodiċi 2330.

[2] Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fir-Repubblika tal-Armenja jew Stat Membru u port ieħor jew punt li jinsab fir-Repubblika tal-Armenja jew Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fir-Repubblika tal-Armenja jew fi Stat Membru.

(e) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali[1], sew jekk skedati kif ukoll jekk mhuxskedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(i) is-servizzi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iv) prodotti tal-groundhandling; kif ukoll

(v) servizzi ta' operazzjoni tal-ajruport.

ARTIKOLU 144

Trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit

1. Suġġett għar-riżervi elenkati fl-Anness VIII-E, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-Repubblika tal-Armenja għandha tagħti:

(a) trattament xejn inqas favorevoli, fir-rigward tal-istabbiliment ta' sussidjarju, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea, minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi proprji jew lil persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament; kif ukoll

[1] Il-kundizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bl-ajru jkun trattat bil-ftehim bejn il-Partijiet dwar l-istabbiliment ta' Spazju Komuni tal-Avjazzjoni.

(b) fejn għandu x'jaqsam mat-tħaddim ta' sussidjarji, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Armenja, ladarba jkunu stabbiliti, trattament xejn inqas favorevoli minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi tagħha stess, il-fergħat u l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom, jew għal sussidjarji, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi ta' kwalunkwe pajjiż terz, skont liema jkun l-aħjar.[1]

2. Suġġett għar-riservi elenkati fl-Anness VIII-A, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha tagħti:

(a) trattament xejn inqas favorevoli, fir-rigward tal-istabbiliment ta' sussidjarju, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tar-Repubblika tal-Armenja, minn dak mogħti mill-Parti tal-Unjoni Ewropea lil persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi proprji jew lil persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament kif ukoll

(b) fir-rigward tat-tħaddim ta' sussidjarji, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi tar-Repubblika tal-Armenja fl-Unjoni Ewropea, ladarba jkunu stabbiliti, trattament xejn inqas favorevoli, minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi, fergħat, u uffiċċji rappreżentattivi proprji; jew lil persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' kwalunkwe pajjiż terz, liema minnhom ikun l-aħjar[2];

---

[1] Dan l-obbligu mhux estiż għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' investiment li mhumiex koperti minn din it-Taqsima inkluż dispożizzjonijiet relatati ma' proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim, kif jinsabu fi ftehimiet oħra.

[2] Dan l-obbligu mhux estiż għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' investiment li mhumiex koperti minn din it-Taqsima inkluż dispożizzjonijiet relatati ma' proċeduri soluzzjoni ta' disputi bejn investitur u l-Istat, kif jinsabu fi ftehimiet oħra.

3. Suġġett għar-riservi elenkati fl-Annessi VIII-A u VIII-E, il-Partijiet m'għandhom jadottaw l-ebda miżuri ġodda li jintroduċu diskriminazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra fuq it-territorju tagħhom jew fir-rigward tat-tħaddim tagħhom, ladarba stabbiliti, meta mqabbla mal-persuni ġuridiċi tagħhom.

ARTIKOLU 145

Rieżami

Bil-ħsieb li jkunu liberalizzati progressivament il-kundizzjonijiet ta' stabbiliment, il-Kumitat ta' Sħubija, meta jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, għandha regolarment tirrevedi l-qafas legali[1] u l-ambjent għal stabbiliment.

ARTIKOLU 146

Ftehimiet oħra

Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jillimita d-drittijiet tal-intraprendituri tal-Partijiet li jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament iktar favorevoli previst fi kwalunkwe ftehim internazzjonali eżistenti jew futur relatat mal-investiment li għalih ikunu partijiet Stat Membru u r-Repubblika tal-Armenja.

[1] Dan jinkludi dan il-Kapitolu u l-Annessi VIII-A u VIII-E.

ARTIKOLU 147

Standard ta' trattament għal fergħat u uffiċċji rappreżentattivi

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 144 ma jipprekludux l-applikazzjoni minn Parti ta' miżuri partikolari li jikkonċernaw l-istabbiliment u t-tħaddim fit-territorju tagħha ta' fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi ta' Parti oħra li mhumiex inkorporati fit-territorju tal-ewwel Parti jekk dawk il-miżuri huma ġustifikati minn differenzi ġuridiċi jew tekniċi bejn dawn il-fergħat u uffiċċji rappreżentattivi meta mqabbla ma' fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi inkorporati fit-territorju tal-ewwel Parti, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

2. Id-differenza fit-trattament ma għandhiex tmur lil hinn minn dak strettament neċessarju bħala riżultat ta' dawn id-differenzi ġuridiċi jew tekniċi jew, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

TAQSIMA C

FORNIMENT TRANSKONFINALI TA’ SERVIZZI

ARTIKOLU 148

Kamp ta’ Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jaffettwaw il-forniment transkonfinali tas-setturi tas-servizzi kollha bl-eċċezzjoni ta’:

(a) servizzi awdjoviżivi;

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[1]; kif ukoll

(c) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali[2], sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(i) is-servizzi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

[1] Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, it-trasport nazzjonali ta' kabotaġġ huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew prodotti bejn port jew punt ta' lokalizzazzjoni fir-Repubblika tal-Armenja jew ta’ Stat Membru u port jew pont ieħor li jinsab fir-Repubblika tal-Armenja jew Stat Membru, inkluż fuq il-blata kontinentali kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u traffiku li joriġina jew jittermina fl-istess port jew punt li jinsab fir-Repubblika tal-Armenja jew Stat Membru.

[2] Il-kundizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bl-ajru jkun trattat bil-ftehim bejn il-Partijiet dwar l-istabbiliment ta' Spazju Komuni tal-Avjazzjoni.

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ servizzi ta’ trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iv) servizzi tal-groundhandling; kif ukoll

(v) servizzi ta' operazzjoni tal-ajruport.

ARTIKOLU 149

L-aċċess għas-suq

1. Rigward l-aċċess għas-swieq permezz tal-provvista transfruntiera tas-servizzi, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst fl-impenji speċifiċi inklużi fl-Annessi VIII-B u VIII-F.

2. Fis-setturi fejn ikunu meħuda impenji dwar l-aċċess għas-suq, kull Parti m’għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta’ sottodiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness VIII-B u VIII-F, dawn il-miżuri:

(a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta’ fornituri tas-servizz, sew jekk ikunu fil-forma ta’ kwoti numeriċi, monopolji, li ma jinkludux il-fornituri ta’ servizzi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta’ tranżazzjonijiet ta’ servizzi jew assi fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, jew jew

(c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz imfissra f'termini tal-unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 150

It-Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi fejn l-impenji dwar l-aċċess għas-suq ikunu stabbiliti fl-Anness VIII-B u VIII-F, u suġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni jew kwalifika stipulata fih, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-forniment transkonfinali ta’ servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.

2. Parti tista’ tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra, trattament li jew huwa formalment l-istess jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.

3. Trattament formalment identiku u trattament formalment differenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala inqas favorevoli fil-każ li jimmodifikaw il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur servizzi jew forniturі ta' servizzi tal-Parti meta pparagunat mas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi meħuda skont dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu interpretati b'mod li jirrikjedu kwalunkwe Parti li tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew il-forniturі ta' servizzi relevanti.

ARTIKOLU 151

Il-Listi tal-Impenji

1. Is-setturi liberalizzati minn kull waħda mill-Partijiet skont dan il-Kapitolu u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u għall-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi huma stabbiliti fil-listi ta' impenji inklużi fl-Annessi VIII-B u VIII-F.

2. Mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet kif jeżistu jew kif jistgħu jinqalgħu skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transkonfinali tal-1989 u l-Konvezjoni Ewropea dwar il-Koproduzzjoni Ċinematografika tal-1992, il-listi tal-impenji fl-Annessi VIII-B u l-Anness VIII-F ma jinkludux impenji fuq servizzi awdjoviżivi.

ARTIKOLU 152

Rieżami

Minħabba l-liberalizzazzjoni progressiva tal-provvista transfruntiera ta' servizzi bejn il-Partijiet, il-Kumitat ta' Sħubija, fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, għandu jirrevedi regolarment il-lista ta' impenji msemmija fl-Artikolu 149 sa 151. Dan ir-rieżami għandu jqis, fost l-oħrajn, il-proċess ta' approssimazzjoni gradwali, imsemmi fl-Artikoli 169, 180, u 192, u l-impatt tiegħu fuq l-eliminazzjoni tal-ostakli li jkun għad baqa' fuq il-provvista transfruntiera ta' servizzi bejn il-Partijiet.

TAQSIMA D

PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL FINIJIET TA' NEGOZJU

ARTIKOLU 153

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jirrigwardaw id-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorji tagħhom, ta' persunal ewlieni, apprentisti gradwati u bejjiegħa kummerċjali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 141, il-paragrafu 5.

Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "persunal ewlieni" tfisser persuni fiżiċi li huma impjegati fi ħdan persuna ġuridika ta' xi Parti li ma tkunx organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ[1], u li jkunu responsabbli għall-istabbiliment jew il-kontroll xieraq, l-amministrazzjoni u l-operat xieraq ta' stabbiliment u li huma jew "viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment" jew "ħaddiema bi trasferiment intraġjendali" ;

(b) "viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' stabbiliment, li ma joffrux jew jipprovdux servizzi jew ma huma involuti fl-ebda attività ekonomika mhux meħtieġa għal skopijiet ta' stabbiliment u li ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;

(c) "ħaddiema bi trasferiment intraġjendali" tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti jew kienu sħab fiha għal mill-inqas sena, li jiġu trasferiti temporanjament għal stabbiliment li jista jkun sussidjarju, fergħa jew kumpanija prinċipali tal-intrapriża/persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra u li huma jew "maniġers" jew "speċjalisti";

(d) "maniġers" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'kariga għolja fi ħdan persuna ġuridika, li primarjament jidderieġu l-ġestjoni tal-istabbilimnet, filwaqt li jirċievu sorveljanza jew direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew mill-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inklużi tal-inqas:

[1] Ir-referenza għal "għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ" tapplika biss għall-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

(i) dawk li jmexxu l-istabbiliment jew id-dipartiment jew is-sottodiviżjoni tiegħu;

(ii) dawk li jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra; kif ukoll

(iii) dawk li għandhom personalment l-awtorità li jirreklutaw u jkeċċu jew li jirrakkomandaw ir-reklutaġġ, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħra relatati mal-persunal;

(e) "speċjalisti" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li jkollhom għarfien mhux komuni essenzjali għall-produzzjoni, it-tagħmir tar-riċerka, it-tekniki, il-proċessi, il-proċeduri jew it-tmexxija tal-istabbiliment.

fil-valutazzjoni ta' għarfien bħal dan, għandu jiġi kkunsidrat mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifiki, inkluż esperjenza professjonali adegwata li jirreferu għal tip ta' xogħol jew kummerċ li jirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija ta' professjoni akkreditata;

(f) "apprendisti gradwati" tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta' waħda mill-Partijiet, jew ta' xi fergħa minnha, għal mill-anqas sena, li jkollhom grad universitarju u li jkunu trasferiti temporanjament għal stabbiliment tal-persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra għal skopijiet ta' żvilupp tal-karriera jew biex jiksbu taħriġ dwar tekniki jew metodi tan-negozju[1];

[1] L-istabbiliment riċevitur jista' jiġi rikjest li jissottometti programm ta' taħriġ li jkopri d-dewmien tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, billi juri li l-għan tas-soġġorn huwa t-taħriġ. Fil-każ tar-Republika Ċeka, tal-Ġermanja, ta' Spanja, ta' Franza,tal-Litwanja, tal-Ungerija u tal-Awstrija, it-taħriġ għandu jkun marbut mal-grad universitarju miksub.

(g) "bejjiegħa tan-negozju"[1] tfisser persuni fiżiċi li jkunu rappreżentanti ta' fornitur ta' servizzi jew merkanzija ta' Parti li jkunu qegħdin ifittxu dħul u soġġorn temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew merkanzija, jew jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi jew prodotti għal dak il-fornitur, li ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali, li ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti, u li ma huma konċessjonraji;

(h) "fornituri ta' servizzi kuntrattwali" tfisser persuni fiżiċi impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti li ma tkunx hija stess aġenzija ta' allokazzjoni u ta' forniment ta' persunal, u lanqas ma taġixxi permezz ta' aġenzija bħal din, li ma jkollhiex stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt bona fide biex tipprovdi servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f'dik il-Parti sabiex tkun tista' twettaq il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi[2];

(i) "professjonisti indipendenti" tfisser persuni fiżiċi involuti fil-forniment ta' servizz u stabbiliti bħala impjegati għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma jkollhom l-ebda stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li jkunu kkonkludew kuntratt *bona fide* (għajr permezz ta' aġenzija ta' servizzi ta' allokazzjoni u forniment ta' persunal) biex jipprovdu servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-parti sabiex twettaq il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi[3];

---

1 ir-Renju Unit: Il-kategorija ta' bejjiegħa tan-negozju hija rikonoxxuta biss għall-bejjiegħa ta' servizzi.

2 Il-kuntratt tas-servizz imsemmi f'(h) u (i) għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Parti fejn isir il-kuntratt.

3 Il-kuntratt tas-servizz imsemmi fil-punti (h) u (i) għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti l-oħra tal-Parti fejn il-kuntratt huwa eżegwit.

(j) “kwalifiki” tfisser diplomi, ċertifikati u evidenza oħra (ta’ kwalifika formali) maħruġa minn awtorità maħtura skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi u li jiċċertifikaw it-tkomplija b’suċċess ta’ taħriġ professjonali.

ARTIKOLU 154

Il-Persunal Ewlieni u l-Apprendisti Gradwati

1. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima B u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Anness VIII-C, kull Parti għandha tippermetti investituri tal-Parti l-oħra jittrasferixxu għall-istabbiliment tagħhom persuni fiżiċi ta’ dik il-Parti l-oħra, bil-kundizzjoni li tali impjegati jkunu persunal ewlieni jew apprendisti gradwati kif definiti fl-Artikolu 153. Id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persunal ewlieni u ta' apprentisti gradwati għandhom ikunu għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin għal ħaddiema bi trasferiment intrażjendali, 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar għal viżitaturi għall-fini ta' negozju, u sena għall-apprentisti gradwati.

2. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima B, il-miżuri Parti m’għandhiex iżżomm jew tadotta, jew fuq bażi ta’ suddiviżjoni reġjonali jew fuq bażi tat-territorju kollu tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness VIII-C, huma definiti bħala limiti fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi li investitur jista' jimpjega bħala persunal ewlieni u apprentisti lawrejati f'settur speċifiku fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew rekwiżit ta' valutazzjoni tal-bżonnijiet ekonomiċi u bħala limiti diskriminatorji.

ARTIKOLU 155

Bejjiegħa tan-negozju

Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima B jew C u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Anness VIII-C, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali għal perjodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

ARTIKOLU 156

Fornituri ta' servizz kuntrattwali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mill-impenji tagħhom skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tad-WTO fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali.

2. Skont l-Annessi VIII-D u VIII-G, kull Parti għandha tippermetti l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra, suġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet:

(a) il-persuni fiżiċi huma involuti fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' persuna ġuridika, li kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra li joffru servizzi bħala impjegati tal-persuna ġuridika li qed tipprovdi s-servizzi għal mill-inqas is-sena immedjatament qabel id-data meta tressqet applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, u, barra minn hekk, ikollhom, fid-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali[1] fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jkollhom:

(i) lawrea universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[2]; kif ukoll

(ii) il-kwalifiki professjonali meħtieġa biex tkun eżerċitata attività skont il-liġijiet u r-regolamenti jew miżuri oħra tal-Parti fejn huwa fornut is-servizz;

(d) il-persuni fiżiċi ma jirċevux remunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-Parti l-oħra għajr remunerazzjoni mħallsa mill-persuna ġuridika li timpjega l-persuna fiżika;

(e) id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi fil-Parti kkonċernata jkunu għal perjodu kumulattiv ta' mhux iktar minn sitt xhur jew, fil-każ tal-Lussemburgu, ta' 25 ġimgħa fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-inqas;

(f) l-aċċess mogħti skont dan l-Artikolu huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix jedd biex ikun eżerċitat it-titolu professjonali tal-Parti fejn ikun provdut is-servizz. kif ukoll

---

[1] Miksuba wara li tkun intlaħqet l-età maġġuri.

[2] Fejn il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

(g) in-numru ta' persuni koperti mill-kuntratt tas-servizz ma jkunx ikbar milli jkun meħtieġ sabiex ikun sodisfatt il-kuntratt, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti jew miżuri oħra tal-Parti fejn ikun provdut is-servizz.

ARTIKOLU 157

Il-Professjonisti Indipendenti

Skont l-Annessi VIII-D u VIII-G, il-Partijiet għandhom jippermettu l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħhom minn professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra, suġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet:

(a) il-persuni fiżiċi jiġu impjegati fil-forniment ta' servizz fuq bażi temporanja bħala persuni li jaħdmu għal rashom stabbiliti fil-Parti l-oħra u jridu jkunu kisbu kuntratt ta' servizz għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jridu jkollhom, fid-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jkollhom:

(i) lawrea universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[1]; kif ukoll

(ii) il-kwalifiki professjonali meħtieġa biex tkun eżerċitata attività skont il-liġijiet u r-regolamenti jew miżuri oħra tal-Parti fejn huwa provdut is-servizz;

(d) id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi fil-Parti kkonċernata jkunu għal perjodu kumulattiv ta' mhux iktar minn sitt xhur jew, fil-każ tal-Lussemburgu, ta' 25 ġimgħa fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-inqas; kif ukoll

(e) l-aċċess mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix jedd biex ikun eżerċitat it-titolu professjonali tal-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz.

[1] Fejn il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

TAQSIMA E

QAFAS REGOLATORJU

SUBTAQSIMA I

REGOLAMENTAZZJONI INTERNA

ARTIKOLU 158

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet marbuta ma' rekwiżiti u proċeduri tal-liċenzjar jew rekwiżiti u proċeduri ta' kwalifika li jaffettwaw:

(a) il-provvista transfruntiera ta' servizzi;

(b) l-istabbiliment fit-territorju tagħhom ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Parti; kif ukoll

(c) is-soġġorn temporanju fit-territorju tagħhom ta' kategoriji ta' persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 153.

2. Fil-każ tal-provvista transfruntiera ta' servizzi, din it-Taqsima tapplika biss għal setturi li għalihom il-Parti ħadet impenji speċifiċi u sal-punt li dawk l-impenji speċifiċi japplikaw. Fil-każ ta' stabbiliment, din it-Taqsima ma tapplikax għal setturi sal-punt li riżerva hija elenkata fl-Annessi VIII-A u VIII-E. Fil-każ ta' soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi, din it-Taqsima ma tapplikax għal setturi sal-punt li riserva hija elenkata fl-Annessi VIII-C, VIII-D u VIII-G.

3. Din it-Taqsima ma tapplikax għal miżuri sal-punt li dawn jikkostitwixxu limitazzjonijiet suġġetti għal skedar.

4. Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) “rekwiżiti ta' liċenzjar” tfisser rekwiżiti sostantivi, għajr rekwiżiti ta' kwalifiki, li magħhom persuna fiżika jew persuna ġuridika tkun meħtieġa tikkonforma sabiex tikseb, temenda jew iġġedded l-awtorizzazzjoni biex twettaq l-attivitajiet kif definiti fil-paragrafu 1);

(b) “proċeduri ta' liċenzjar” tfisser regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika jew ġuridika, li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni sabiex twettaq l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż l-emenda jew it-tiġdid ta’ liċenzja, hija meħtieġa tissodisfa sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti għal-liċenzjar;

(c) “rekwiżiti ta' kwalifika” tfisser rekwiżiti sostantivi marbuta mal-kompetenza ta' persuna fiżika li tipprovdi servizz, u li huma meħtieġa li jintwerew bil-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni biex jiġi pprovdut servizz;

(d) “proċeduri ta’ kwalifika” tfisser ir-regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika tkun trid tosserva sabiex turi konformità mar-rekwiżiti ta’ kwalifika, bil-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni li tforni servizz; kif ukoll

(e) “awtorità kompetenti” tfisser kull gvern, awtorità jew korp mhux governattiv ċentrali, reġjonali jew lokali fl-eżerċizzju ta’ setgħat iddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali jew reġjonali jew lokali, li tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni biex jiġi fornut servizz, inkluż permezz ta' stabbiliment jew dwar l-awtorizzazzjoni biex isir stabbiliment f’attività ekonomika għajr servizzi.

ARTIKOLU 159

Il-Kundizzjonijiet għal-Liċenzjar u l-Kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li miżuri marbuta mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar, kif ukoll r-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika huma bbażati fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' valutazzjoni b'mod arbitrarju.

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) proporzjonati għal objettiv ta' politika pubblika;

(b) ċari u mingħajr ambigwità;

(c) oġġettivi;

(d) stabbiliti minn qabel;

(e) magħmulin disponibbli għal pubbliku minn qabel; kif ukoll

(f) trasparenti u aċċessibbli.

3. Għandha tingħata awtorizzazzjoni jew liċenzja hekk kif jiġi stabbilit, fid-dawl ta’ analiżi xierqa, li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet biex tinkiseb awtorizzazzjoni jew liċenzja.

4. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi tribunali ġudizzjarji, tal-arbitraġġ jew amministrattivi jew proċeduri li, fuq talba ta' intraprenditur jew ta' fornitur ta' servizz affettwat, jipprovdu għal rieżami fil-pront u, fejn ikun ġustifikat, rimedji xierqa għal, deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, il-provvista transfruntiera ta' servizzi jew il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju. Fejn dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-aġenzija fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri fil-fatt jipprovdu għal rieżami oġġettiv u imparzjali.

5. Fejn in-numru ta' liċenzji disponibbli għal attività partikolari hu limitat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi naturali disponibbli jew in-nuqqas ta' kapaċità teknika, kull Parti għandha tapplika proċedura ta' għażla għal kandidati potenzjali li tipprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u trasparenza, inkluż, b'mod partikolari, reklamar adegwat dwar it-tnedija, il-kondotta u t-tlestija tal-proċedura.

6. Suġġett għar-rekwiżiti speċifikati f’dan l-Artikolu, kull Parti tista’ tqis objettivi leġittimi meta tistabbilixxi r-regoli għal proċedura ta’ għażla, inkluż kunsiderazzjonijiet ta’ saħħa, sigurta, il-protezzjoni tal-ambjent u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

ARTIKOLU 160

Il-Proċeduri tal-Liċenzjar u tal-Kwalifika

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' liċenzjar u kwalifika għandhom ikunu ċari, ikunu disponibbli għall-pubbliku minn qabel u jkunu tali li jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom tkun indirizzata b'mod oġġettiv u imparzjali.

2. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' liċenzjar u kwalifika għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma għadhomx jikkomplikaw jew idewmu l-provvista tas-servizz mingħajr bżonn. Kwalunkwe miżati tal-liċenzji[1] li l-applikanti jistgħu jġarrbu b'riżultat tal-applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati mal-kost tal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri użati mill-awtorità kompetenti, u d-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar fil-proċess ta' liċenzjar jew ta' awtorizzazzjoni jkunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti għandha tilħaq id-deċiżjoni tagħha b'mod indipendenti u ma għandha tkun responsabbli lejn l-ebda fornitur tas-servizzi li għalih hija meħtieġa liċenzja jew awtorizzazzjoni.

4. Fejn jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet, applikant għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jippreżenta applikazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu għall-ipproċessar ta' applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Fejn possibbli, jl-applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati f'format elettroniku skont l-istess kundizzjonijiet ta' awtentiċità bħall-preżentazzjonijiet bil-karti.

[1] Il-miżati tal-liċenzji ma jinkludux pagamenti għall-irkant, it-tfigħ ta' offerti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni, inkluż meta tintlaħaq deċiżjoni finali, jintemm fi żmien raġonevoli mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi perjodu ta' żmien normali għall-ipproċessar ta' applikazzjoni.

6. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tkun irċeviet applikazzjoni li hi tikkunsidra mhux kompluta, tipprovdi l-opportunità li jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet u, sa fejn huwa fattibbli, biex tidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex timtela l-applikazzjoni.

7. Il-kopji awtentikati għandhom jiġu aċċettati, fejn possibbli, minflok id-dokumenti oriġinali.

8. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata. Fil-prinċipju, l-applikant, fuq talba, għandu jkun informat ukoll bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni u dwar il-perjodu ta' żmien li għandu biex jappella kontra d-deċiżjoni.

9. Kull Parti għandha tiżgura li liċenzja jew awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed bi qbil mat-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

SUBTAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

ARTIKOLU 161

Ir-Rikonoxximent Reċiproku

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi lil xi Parti milli teħtieġ li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali neċessarja speċifikata fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Kull waħda mill-Partijiet għandha tinkoraġġixxi lill-korpi professjonali relevanti fit-territorju rispettiv tagħhom biex jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar rikonoxximent reċiproku lill-Kumitat ta' Sħubija, li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tiegħu, għall-iskop tas-sodisfar, b'mod sħiħ jew in parti, mill-investituri u l-fornituri tas-servizzi, tal-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, l-operazzjoni u ċ-ċertifikar tal-imprendituri u l-fornituri tas-servizzi u, b'mod partikolari, is-servizzi professjonali.

3. Malli tasal rakkomandazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kumitat ta' Sħubija li jiltaqa' fil-kunfigurazzjoni tal-kummerċ, fi żmien raġonevoli, għandu jeżamina dik ir-rakkomandazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim, u fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkun hemm, jivvaluta b'mod partikolari:

(a) il-punt sa fejn l-istandards u l-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, it-tħaddim u ċ-ċertifikazzjoni tal-forniturі tas-servizzi u l-intraprendituri qed jikkonverġu; kif ukoll

(b) il-valur ekonomiku potenzjali ta' ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali.

4. Meta r-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 3 jiġu sodisfatti, il-Kumitat ta' Sħubija li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tiegħu, għandu jistabbilixxi l-passi meħtieġa biex jinnegozja ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku u minn hawn 'l quddiem, jirrakkomanda li l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet ivaraw in-negozjati.

5. Kwalunkwe ftehim bħal dan għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim tad-WTO u, b'mod partikolari, l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi li jinsab fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO (GATS).

ARTIKOLU 162

It-Trasparenza u l-Iżvelar tal-Informazzjoni Kunfidenzjali

1. Kull Parti għandha twieġeb fil-pront għat-talbiet kollha mill-Parti l-oħra għal informazzjoni speċifika dwar xi waħda mill-miżuri tagħha ta' applikazzjoni ġenerali jew dwar ftehimiet internazzjonali li jappartjenu għal dan il-Ftehim jew jaffettwawh. Kull Parti għandha tistabbilixxi wkoll ċentru ta' informazzjoni wieħed jew iktar sabiex jipprovdu, fuq talba, informazzjoni speċifika dwar dawk il-kwistjonijiet lil intraprendituri u lil forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-postijiet ta' informazzjoni fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-punti ta' informazzjoni mhumiex meħtieġa jkunu depożitarji ta' liġijiet u regolamenti.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jobbliga li xi Parti tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali, li l-iżvelar tagħha jista' jxekkel l-infurzar tal-liġi, jew li jkun kuntrarju mod ieħor għall-interess pubbliku, jew li jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' impriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

Subtaqsima III

SERVIZZI TAL-KOMPJUTER

ARTIKOLU 163

Fehim dwar is-Servizzi tal-Kompjuter

1. Fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi tal-kompjuter skont it-Taqsimiet B, C u D, il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 2 sa 4.

2. Il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti (CPC[1]) 84, li huwa l-kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti li jintuża biex jiddeskrivi servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, ikopri l-funzjonijiet bażiċi li jintużaw sabiex ikunu pprovduti s-servizzi tal-kompjuter u s-servizzi relatati kollha: programmi tal-kompjuter definiti bħala s-settijiet ta' struzzjonijiet meħtieġa sabiex il-kompjuters jitħaddmu u jikkomunikaw (inklużi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom), għall-ipproċessar u l-ħżin tad-data, u s-servizzi relatati, bħal servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ għall-persunal ta' klijenti. L-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal żieda fl-offerta ta' dawk is-servizzi bħala grupp jew pakkett ta' servizzi relatati li jistgħu jinkludu dawk il-funzjonijiet kollha jew xi wħud minnhom. Pereżempju, servizzi bħal web hosting jew domain hosting, servizzi ta' estrazzjoni tad-dejta (data mining) u grid computing jikkonsistu f'taħlita ta' funzjonijiet bażiċi ta' servizzi tal-kompjuter.

[1] "CPC" tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Sensiela M, N° 77, CPC prov, 1991.

3. Is-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati, irrispettivament minn jekk jiġux pprovduti permezz ta’ netwerk jew le, inkluż l-Internet, jinkludu s-servizzi kollha li jipprovdu:

(a) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornar, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta’ jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) programmi tal-kompjuter definiti bħala s-settijiet ta’ struzzjonijiet meħtieġa sabiex il-kompjuters jitħaddmu u jikkomunikaw (minnhom infushom), kif ukoll il-konsultazzjoni, l-istrateġija, l-analiżi, l-ippjanar, l-ispeċifikazzjoni, id-disinn, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-implimentazzjoni, l-integrazzjoni, l-ittestjar, id-debugging, l-aġġornament, l-adattament, il-manutenzjoni, l-appoġġ, l-assistenza teknika, il-ġestjoni jew l-użu ta’ jew għall-programmi tal-kompjuter;

(c) ipproċessar ta' data, ħażna ta' data, żamma ta' data jew servizzi ta' bażi tad-data;

(d) servizzi ta’ manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, fosthom il-kompjuters; jew,

(e) jew servizzi ta’ taħriġ għall-persunal tal-klijenti, b’rabta ma’ programmi tal-kompjuter, kompjuters jew sistemi tal-kompjuter, u li ma jkunux ikklassifikati xi mkien ieħor.

4. Il-kompjuters u s-servizzi relatati jippermettu l-forniment ta’ servizzi oħra bħal dawk bankarji b’mezzi kemm elettroniċi kif ukoll oħrajn. F’każijiet bħal dawn huwa importanti li ssir distinzjoni bejn is-servizz ta’ awtorizzazzjoni, bħal pereżempju web-hosting jew hosting ta’ applikazzjonijiet) u l-kontenut jew is-servizz ċentrali, bħal dawk bankarji, li qed tiġi pprovduta b’mod elettroniku. F'każijiet bħal dawn, il-kontenut jew is-servizz ċentrali mhux kopert mis-CPC 84.

Subtaqsima IV

SERVIZZI POSTALI[1]

ARTIKOLU 164

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għal kull servizz postali.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet B, C u D:

(a) "liċenzja" tfisser awtorizzazzjoni, mogħtija lil fornitur individwali minn awtorità regolatorja, li tkun meħtieġa qabel titwettaq attività ta' provvediment ta' servizz partikolari; kif ukoll

(b) "servizz universali" tfisser id-dispożizzjoni permanenti ta' sett minimu ta' servizz postali ta' kwalità speċifika fuq il-punti kollha tat-territorju ta' Parti.

ARTIKOLU 165

Il-prevenzjoni ta' prattiki li jikkawżaw id-distorsjoni tas-suq

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizzi postali suġġetti għall-obbligu ta' servizz universali jew ta' monopolju postali ma jinvolvux ruħhom fi prattiki li joħolqu distorsjoni bħal:

[1] Din it-taqsima tapplika kemm għal CPC 7511 kif ukoll għal CPC 7512.

(a) l-użu ta’ dħul provenjenti mill-provvisti ta’ tali servizz li jissussidjaw b'mod inkroċjat il-provvista ta’ servizz ta’ kunsinna espressa jew għal kwalunkwe servizz ta’ konsenja mhux universali; kif ukoll

(b) b’mod mhux ġustifikat u tiddiferenzja fost il-klijenti bħan-negozji, spedituri jew konsolidaturi ta’ volum kbir ta’ posta rigward tariffi jew termini u kundizzjonijiet oħra għall-provvista ta’ servizz suġġett għal obbligu ta’ servizz universali jew ta’ monopolju postali.

ARTIKOLU 166

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu universali tas-servizz li tixtieq li żżomm. Obbligi tali ma jitqiesux antikompetittivi minnhom infushom, sakemm jiġu amministrati b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u kompetittivament newtrali u ma jxekklux iktar milli huwa meħtieġ għax-xorta ta' servizz universali definit mill-Parti.

2. Tariffi għas-servizz universali għandhom ikunu affordabbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti.

ARTIKOLU 167

Liċenzji

1. Jenħtieġ li kull Parti tagħmel ħilitha biex tieħu post kwalunkwe liċenzja għal servizzi li ma jkunux koperti mill-ambitu ta’ servizz universali b’sempliċi reġistrazzjoni.

2. Fejn tkun meħtieġa liċenzja:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji, li ma għandhomx ikunu iktar ta' piż milli neċessarju biex jilħqu l-għan tagħhom, għandhom ikunu pubblikament disponibbli;

(b) Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja għandhom jiġu mgħarrfa lill-applikant b'talba. kif ukoll

(c) kull Parti għandha tipprovdi għal proċedura ta' appell permezz ta' korp indipendenti li għandha tkun trasparenti, mhux diskriminatorja u bbażata fuq kriterji oġġettivi.

ARTIKOLU 168

L-indipendenza tal-korp regolatorju

Il-korp regolatorju għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi postali u ta' kurrier u mhumiex responsabbli lejn l-ebda fornitur ta' tali servizzi. Id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju u l-proċeduri li jintużaw minnu għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.

ARTIKOLU 169

L-approssimazzjoni gradwali

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja dwar is-servizzi postali għal dik tal-Unjoni Ewropea.

"SUBTAQSIMA V

NETWERKS U SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA

ARTIKOLU 170

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, liberalizzati skont it-Taqsimiet B, C u D.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) "netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi ta' trażmissjoni u, fejn applikabbli, tagħmir ta' switching jew routing jew riżorsi oħra, inklużi elementi tan-netwerk li mhumiex attivi, li jippermettu t-twassil ta' sinjali permezz ta' wajer, radju, mezzi ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħra;

(b) "servizzi ta' komunikazzjoni elettronika" tfisser is-servizzi kollha li jikkonsistu kollha kemm humajew parti kbira minnhom fit-twassil ta' sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjoni elettronika, inklużi servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi tat-trażmissjoni fin-netwerks użati għax-xandir; Dawk is-servizzi jeskludu s-servizzi li jipprovdu jew jeżerċitaw kontroll editorjali fuq il-kontenut trażmess bl-użu ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika;

(c) "servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika" jfissru kwalunkwe servizz ta' telekomunikazzjoni li Parti tkun teħtieġ, b'mod espliċitu jew effettivament, li jiġi offrut lill-pubbliku b'mod ġenerali;

(d) “netwerk pubbliku ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi” ifisser netwerk ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi użat b’mod sħiħ jew ewlieni għall-provvediment ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għll-pubbliku li jappoġġjaw it-trasferimrnt ta’ informazzjoni bejn punti ta’ terminazzjoni tan-netwerk;

(e) “servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet pubbliċi” tfisser kull servizz ta’ trasport tat-telekomunikazzjonijiet meħtieġ, espliċitament jew effettivament, minn Parti li jiġi offrut lill-pubbliku b’mod ġenerali li dawn is-servizzi jistgħu jinkludu fost l-oħrajn, telegrafija, telefon, telex, u trażmissjoni ta’ data li jinvolvu tipikament it-trażmissjoni fil-ħin reali ta’ informazzjoni mogħtija mill-klijenti bejn żewġ punti jew iżjed mingħajr kwalunkwe bdil minn tarf sa tarf fil-forma jew il-kontenut tal-informazzjoni tal-klijent;

(f) “awtorità regolatorja” fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika tfisser il-korp jew il-korpi li ġew inkarigati bir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjoni elettronika msemmija f'din is-Subtaqsima;

(g) “faċilitajiet essenzjali” tfisser faċilitajiet ta' netwerk pubbliku ta’ komunikazzjoni elettronica u servizz li

(i) jiġu offruti esklussivament jew prinċipalment minn fornitur uniku jew numru limitat ta’ fornituri; kif ukoll

(ii) ma jistgħux b'mod prattiku jiġu ekonomikament jew teknikament sostitwiti sabiex jiġi pprovdut servizz.

(h) “faċilitajiet assoċjati” tfisser dawk is-servizzi assoċjati, l-infrastrutturi fiżiċi u faċilitajiet jew elementi oħra assoċjati ma’ network tal-komunikazzjoni elettronika jew servizz li jagħmlu possibbli jew jissapportjaw il-provvista ta’ servizzi permezz ta’ dak in-network jew servizz jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan, u jinkludu, fost l-oħrajn, bini jew dħul għal bini, sistemi ta’ wajers tal-bini, antenni, torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta’ appoġġ, tubi, kondjuwits, toqob tal-ispezzjonar u kaxxi tat-triq;

(i) ‘fornitur ewlieni[1]' fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika huwa fornitur li jkollu l-ħila li materjalment jaffettwa t-termini ta’ parteċipazzjoni b'konsiderazzjoni tal-prezz u l-provvista, fis-suq relevanti għas-servizzi ta’ telekomunikazzjoni minħabba l-kontroll fuq il-faċilitajiet essenzjali jew minħabba l-użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq;

(j) “aċċess” tfisser it-tagħmil disponibbli ta’ faċilitajiet jew servizzi għal fornitur ieħor taħt kundizzjonijiet iddefiniti, għall-għan tal-forniment ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika u jkopri fost l-oħrajn l-aċċess għal:

(i) elementi ta' netwerk u faċilitajiet assoċjati, li jista' jinvolvi l-konnessjoni ta' tagħmir, b'mezzi fissi jew mhux fissi, b'mod partikolari dan jinkludi aċċess mal-linja lokali u għal faċilitajiet u servizzi meħtieġa għall-forniment ta' servizzi fuq il-linja lokali;

(ii) aċċess għal infrastruttura fiżika, inklużi bini, kanali u arbli;

(iii) sistemi ta' software relevanti, inklużi sistemi ta' appoġġ operazzjonali;

(iv) sistemi ta' informazzjoni jew bażijiet tad-data għall-ordnijiet minn qabel, forniment, ordnijiet, talbiet ta' manutenzjoni u tiswija, u fatturar;

[1] Il-Partijiet jaqblu li “fornitur ewlieni” hija ekwivalenti għal fornitur b’saħħa sinifikanti fis-suq.

(v) traduzzjoni ta' numri jew għal sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti;

(vi) aċċess għal netwerks fissi u mobbli, partikolarment għar-roaming; kif ukoll

(vii) servizzi ta' netwerks virtwali;

(k) "interkonnessjoni" tfisser il-konnessjoni fiżika u loġika ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati mill-istess fornitur jew fornituri differenti sabiex jippermettu lill-utenti ta' fornitur wieħed li jikkomunikaw ma' utenti tal-istess fornitur jew ieħor, jew biex ikollhom aċċess għal servizzi provduti minn fornitur ieħor, is-servizzi li jistgħu jiġu fornuti mill-partijiet involuti jew minn partijiet oħra li jkollhom aċċess għan-network;

(l) "servizz universali" tfisser is-sett minimu ta' servizzi ta' kwalità speċifika li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-utenti kollha fit-territorju ta' Parti irrispettivament mill-post ġeografiku tagħhom u bi prezz affordabbli; l-ambitu u l-implimentazzjoni huma deċiżi minn kull Parti;

(m) "portabbiltà tan-numri" tfisser il-ħila tal-utenti finali tas-servizzi ta' trasport tal-komunikazzjoni elettronika pubblika li jżommu, fl-istess post, l-istess numri tat-telefon mingħajr indeboliment tal-kwalità, l-affidabbiltà jew il-konvenjenza meta jaqilbu bejn l-istess kategorija ta' fornituri ta' servizzi ta' trasport tal-komunikazzjoni elettronika pubblika.

ARTIKOLU 171

L-Awtorità Regolatorja

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet regolatorji għan-netwerks u s-servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika huma legalment distinti u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' netwerks ta’ komunikazzjoni elettronika, servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jew tagħmir ta’ komunikazzjoni elettronika.

2. Parti li żżomm sjieda jew kontroll tal-fornituri ta’ netwerks ta' komunikazzjoni elettronika jew servizzi għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew kontroll. L-awtorità regolatorja għandha taġixxi b’mod indipendenti, u m’għandhiex tfittex jew taċċetta struzzjonijiet minn ebda korp fir-rigward tal-eżerċitar ta’ dawn il-kompiti assenjati lilha taħt il-liġi domestika.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet regolatorji tagħhom għandhom setgħat suffiċjenti biex jirregolaw is-settur, u jkollhom ir-riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lilhom. Huma biss l-entitajiet tal-appell imsemmi fil-paragrafu 7 li għandhom ikollhom is-setgħa li jissospendu jew idawru deċiżjonijiet mill-awtoritajiet regolatorji.

Il-kompiti assenjati lil awtorità regolatorja għandhom isiru pubbliċi f’forma li tkun faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari fejn dawk il-kompiti jiġu assenjati lil iżjed minn korp wieħed. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet regolatorji tagħha jkollhom baġit annwali separat. Il-baġits għandhom ikunu ppubblikati.

4. Id-deċiżjonijiet ta’ u l-proċeduri li jintużaw mir-regolaturi għandhom ikunu imparzjali rigward il-parteċipanti kollha tas-suq.

5. Is-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu eżerċitati b'mod trasparenti u f'waqtu.

6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom is-setgħa li jiżguraw li l-fornituri ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jipprovduhom, minnufih, fuq talba, bl-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni finanzjarja, li hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-awtoritajiet regolatorji jwettqu l-kompiti tagħhom skont din is-Subtaqsima. L-informazzjoni mitluba għandha tkun raġonevolment proporzjonata mat-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji u trattata skont ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

7. Kwalunkwe utent jew fornitur affettwat mid-deċiżjoni ta' awtorità regolatorja għandu jkollu dritt li jappella kontra dik id-deċiżjoni quddiem entità tal-appell li tkun indipendenti mill-partijiet involuti. Din l-entità, li tista' tkun qorti, għandu jkollha l-kompetenza xierqa biex twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod effettiv. Il-merti tal-każ għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq u mekkaniżmu ta' appell għandu jkun effettiv. Għal dak li jirrigwarda l-korpi responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni li ma humiex ta' natura ġudizzjarja, kull Parti għandha tiżgura li raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tagħhom għandhom dejjem jingħataw u li dawk id-deċiżjonijiet għandhom ukoll ikunu suġġetti għal reviżjoni minn awtorità ġuridika imparzjali u indipendenti. Id-deċiżjonijiet li jieħdu l-korpi tal-appell għandhom ikunu infurzati b'mod effettiv. Sakemm ikun magħruf l-eżitu tal-appell, id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tibqa' tgħodd, sakemm ma jkunux ingħataw miżuri interim skont il-liġi domestika.

8. Kull Parti għandha tiżgura li l-kap ta' awtorità regolatorja nazzjonali, jew fejn applikabbli, il-membri tal-korp kollegġjali li jissodisfaw dik il-funzjoni fi ħdan awtorità regolatorja jew is-sostituti tagħhom ikunu jistgħu jitkeċċew biss jekk ma jissodisfawx iktar il-kundizzjonijiet mitluba għat-twettiq ta' dmirijiethom li jkunu stabbiliti minn qabel fil-liġi nazzjonali. Kwalunkwe tali deċiżjoni ta' tkeċċija għandha ssir pubblika fiż-żmien tat-tkeċċija. Il-kap imkeċċi tal-awtorità regolatorja nazzjonali, jew fejn applikabbli l-membri tal-korp kollegġjali li jkopri dik il-funzjoni, għandhom jirċievu dikjarazzjoni ta' raġunijiet u għandu jkollhom id-dritt jitolbu l-pubblikazzjoni tagħha, jekk din ma tkunx ser issir, f'liema każ hija għandha tiġi pubblikata.

ARTIKOLU 172

Awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika

1. Kull Parti għandha tawtorizza l-forniment ta' networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn ikun possibbli, b'notifika sempliċi. Wara n-notifika, il-fornitur tas-servizz ikkonċernat ma għandux ikun meħtieġ li jikseb deċiżjoni espliċita jew kwalunkwe att amministrattiv ieħor mill-awtorità regolatorja nazzjonali qabel ma teżerċita d-drittijiet li joħorġu mill-awtorizzazzjoni. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn tali awtorizzazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku f'format aċċessibbli. L-obbligi jenħtieġ li jkunu proporzjonati għas-servizz inkwistjoni.

2. Fejn meħtieġ, Parti tista' titlob liċenzja għad-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u numri sabiex:

(a) tkun evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara;

(b) tkun żgurata l-kwalità teknika tas-servizz;

(c) ikun issalvagwardjat l-użu effiċjenti tal-ispettru; jew

(d) jintlaħqu għanijiet oħra ta' interess ġenerali.

3. Fejn Parti tkun teħtieġ liċenzja għandha:

(a) il-kriterji kollha għall-ħruġ ta' liċenzja u l-perjodu ta' żmien normalment meħtieġ sabiex tintlaħaq deċiżjoni rigward applikazzjoni għal liċenzja;

(b) tgħarraf lill-applikant, wara talba, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja bil-miktub;

(c) tipprovdu lill-applikant il-possibbiltà li jfittex rikors quddiem korp ta' appell f'każijiet fejn liċenzja ġiet miċħuda.

4. Kwalunkwe spejjeż amministrattivi għandhom jiġu imposti fuq il-forniturі b'mod oġġettiv, trasparenti, proporzjonat, u li jnaqqas il-kost. Kwalunkwe spiża amministrattiva imposta minn Parti fuq il-forniturі li jipprovdu servizz jew network taħt awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew liċenzja skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż amministrattivi attwali li normalment isiru fl-immaniġġjar, il-kontroll u l-infurzar tal-awtorizzazzjoni u liċenzji applikabbli. Spejjeż amministrattivi bħal dawn jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, il-monitoraġġ tal-konformità u ta' kontroll oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni.

Spejjeż amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jinkludux pagamenti għall-irkant, it-tfigħ ta' offerti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

ARTIKOLU 173

Ir-Riżorsi Skarsi

1. L-allokazzjoni u l-għoti ta' drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi, inkluż l-ispettru tar-radju, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ, għandha titwettaq b'mod oġġettiv, f'waqtu, miftuħ, trasparenti, nondiskriminatorju u proporzjonat. Kull Parti għandha tibbaża l-proċeduri tagħha fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

2. L-istat preżenti tal-bnadi ta' frekwenzi allokati għandu jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku, iżda m'hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-frekwenzi allokati għal użu governattiv speċifiku.

3. Kull Parti żżomm id-dritt li tistabbilixxi u tapplika miżuri ta' ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza li jista' jkollha l-effett li tillimita n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, dment li tagħmel dan b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim. Dan id-dritt jinkludi l-abbiltà li talloka meded ta' frekwenzi filwaqt li jitqiesu l-ħtiġiet attwali u futuri u d-disponibbiltà tal-ispettru. Miżuri tal-allokazzjoni u l-għoti ta' ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza ta' Parti mhumiex ikkunsidrati bħala miżuri li huma, *per se*, inkonsistenti mal-Artikoli 144, 149 u 150.

ARTIKOLU 174

L-Aċċess u l-Interkonnessjoni

1. Fil-prinċipju, l-aċċess u l-interkonnessjoni għandhom jkunu miftiehma fuq il-bażi ta' negozjar kummerċjali bejn il-fornituri tas-servizzi kkonċernati.

2. Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura li kwalunkwe fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollhom dritt u, meta jintalbu minn fornitur ieħor, l-obbligu, li jinnegozjaw interkonnessjoni ma' xulxin għall-għan li jfornu netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. L-ebda Parti ma għandha żżomm kwalunkwe miżuri legali jew amministrattivi li jobbligaw lill-fornituri li jingħataw aċċess jew interkonnessjoni biex joffru termini u kundizzjonijiet differenti lil fornituri differenti għal servizzi ekwivalenti jew jimponu obbligi li mhumiex relatati mas-servizzi provduti.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri tas-servizzi li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor waqt il-proċess tan-negozjar tal-aċċess jew arranġamenti dwar l-interkonnessjoni, jistgħu jużaw dik l-informazzjoni biss għall-iskop li għalih tkun ingħatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mibgħuta jew miżmuma.

4. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħti aċċess għal faċilitajiet essenzjali tiegħu, inklużi, fost l-oħrajn, l-elementi tan-netwerk, faċilitajiet assoċjati u servizzi anċillari, lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u nondiskriminatorji[1].

[1] Għall-fini ta' din is-Subtaqsima, in-nondiskriminazzjoni hija mifhuma li tirreferi għal trattament nazzjonali kif definit fl-Artikolu 150, kif ukoll li jirrifletti speċifiċi għas-settur tat-terminu li jfisser "termini u kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kwalunkwe utent ieħor ta' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika lill-pubbliku taħt ċirkostanzi simili".

5. Għal servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni għandha tkun żgurata fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-netwerk. Tali interkonnessjoni għandha tiġi pprovduta:

(a) taħt termini nondiskriminatorji, kundizzjonijiet (inklużi standards, speċifikazzjonijiet tekniċi, kwalità u manutenzjoni) u rati u ta' kwalità mhux inqas favorevoli minn dik ipprovduta għal servizzi simili proprji ta' tali fornitur maġġuri, jew għal servizzi simili ta' fornituri mhux affiljati jew għall-kumpaniji sussidjarji tiegħu jew għal affiljati oħrajn;

(b) b'mod f'waqtu, skont termini, kundizzjonijiet (inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u rati orjentati lejn l-ispiża li huma trasparenti, raġjonevoli, u li jqiesu l-prattikabbiltà ekonomika, u biżżejjed sfużi sabiex il-fornitur ma jeħtieġlux iħallas għal komponenti jew faċilitajiet tan-network li mhumiex meħtieġa sabiex jiġi pprovdut is-servizz; kif ukoll

(c) meta tintalab, f'punti miżjuda mal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-utenti, suġġetti għal ħlasijiet li jirriflettu l-prezz għall-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

6. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri applikabbli għal interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni għandhom isiru disponibbli pubblikament u li l-fornituri jagħmlu pubblikament disponibbli l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-offerti ta' interkonnessjoni tagħhom ta' referenza.

ARTIKOLU 175

Salvagwardji kompetittivi fuq fornituri prinċipali

Kull Parti għandha tintroduċi jew iżomm miżuri xierqa sabiex timpedixxi lill-fornituri milli, waħedhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, u milli jinvolvu ruħhom fi jew ikomplu jwettqu prattiki antikompetittivi. Dawn il-prattiki antikompetittivi għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) l-involviment f'sussidjar trażversali antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati antikompetittivi; kif ukoll

(c) li ma titpoġġiex fil-ħin għad-dispożizzjoni ta' fornituri oħra ta' servizz, informazzjoni teknika dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment relevanti li huma jkollhom bżonn sabiex jipprovdu s-servizzi.

ARTIKOLU 176

Servizz universali

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq li jkollha.

2. Fihom infushom dawn l-obbligi ma għandhomx jitqiesu antikompetittivi, sakemm jiġu amministrati b'mod proporzjonat, trasparenti, oġġettiv u nondiskriminatorju. L-amministrazzjoni ta' dawn l-obbligi għandha tkun newtrali wkoll fir-rigward tal-kompetizzjoni u ma għandhiex tkun ta' piż iktar milli meħtieġ għat-tip ta' servizz universali definit mill-Parti.

3. Il-fornituri kollha ta' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jenħtieġ li jkunu eliġibbli biex jipprovdu servizz universali. Il-ħatra ta' fornitur ta' servizz universali għandha ssir permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti oġġettiv u nondiskriminatorju. Fejn neċessarju, kull Parti għandha tivvaluta jekk il-provvista ta' servizz universali tirrappreżentax piż li mhux ġust fuq l-organizzazzjoni maħtura biex jipprovdu servizz universali. Fejn ikun iġġustifikat fuq il-bażi ta' tali kalkolu, u filwaqt li jitqies il-benefiċċju għas-suq, jekk ikun hemm, dovut lil organizzazzjoni li toffri servizz universali, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiddeterminaw jekk ikunx meħtieġ mekkaniżmu biex jikkumpensa lill-fornitur ikkonċernat jew biex jinqasam il-kost nett tal-obbligi tas-servizz universali.

ARTIKOLU 177

Portabbiltà tan-numru

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli pubbliċi jipprovdu għall-portabbiltà tan-numri b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

ARTIKOLU 178

Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni

Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data tal-komunikazzjoni elettronika u tad-data tat-traffiku relatat permezz ta' netwerk pubblika ta' komunikazzjoni elettronika u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli mingħajr ma tillimita l-kummerċ fis-servizzi.

ARTIKOLU 179

Riżoluzzjoni ta' tilwim ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

1. Kull Parti għandha tiżgura li fil-każ ta' tilwim bejn il-fornituri ta' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika f'konnessjoni mad-drittijiet u l-obbligi msemmija f'din is-Subtaqsima, l-awtorità regolatorja kkonċernata, fuq talba ta' Parti jew oħra, għandha toħroġ deċiżjoni vinkolanti biex issolvi t-tilwima fl-iqsar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur.

2. Meta tali tilwima tikkonċerna l-provvista transfruntiera tas-servizzi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

3. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, wara li jkunu kkunsidrati r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tan-negozju. Il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandu jkollhom id-dritt li jappellaw minn dik id-deċiżjoni, skont l-Artikolu 172(7).

4. Il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tipprekludi lil xi waħda mill-partijiet milli ġġib azzjoni quddiem il-qrati.

ARTIKOLU 180

L-approssimazzjoni gradwali

Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fuq networks ta' komunikazzjoni elettronika għal dik tal-Unjoni Ewropea.

SUBTAQSIMA VI

SERVIZZI FINANZJARJI

ARTIKOLU 181

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tapplika għal miżuri li jaffetwaw il-provista ta' servizzi finanzjarji, fejn is-servizzi finanzjarji huma liberalizzati skont it-Taqsimiet B, C u D.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "servizzi finanzjarji" tfisser kull servizz ta' natura finanzjarja li jingħata minn fornitur ta' servizzi finanzjarji ta' Parti. Is-servizzi finanzjarji jinkludu l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni kif ukoll servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra.

3. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 jinkludi:

(a) assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni):

(i) fuq il-ħajja; kif ukoll

(ii) mhux fuq il-ħajja;

(b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

(c) Inter-medjazzjoni assikurattiva, bħal senserija u aġenzija; kif ukoll

(d) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal konsultazzjoni, evalwazzjoni attwarja, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' riżoluzzjoni tal-pretensjoni;

4. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni) kif imsemmi fil-paragrafu 2 jinkludu:

(a) Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħrajn ripagabbli mill-pubbliku

(b) is-self tat-tipi kollha, inkluż il-kreditu lill-konsumaturi, il-kreditu fuq l-ipoteka, il-fatturazzjoni u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(c) lokazzjoni finanzjarja;

(d) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni ta' flus, inkluż il-kards tal-kreditu u tad-debitu, charge cards, travellers cheques u bonifiċi bankarji;

(e) il-garanziji u l-impenji;

(f) negozju proprju jew f'isem klijenti, sew jekk fil-borża, suq barra l-borża, u sew jekk mod ieħor, f'li ġej:

(i) strumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożiti);

(ii) il-kambju f'valuta barranija;

(iii) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, kuntratti tal-futuri u opzjonijiet

(iv) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rati tal-imgħax, inklużi prodotti bħal swaps u ftehimiet tar-rata forward

(v) it-titoli trasferibbli; kif ukoll

(iv) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb

(g) Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli ta' sigurtà, inkluż is-sottoskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent (kemm jekk pubblikament u kemm jekk b'mod privat) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ

(h) senserija ta' flus;

(i) l-amministrazzjoni ta' assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, amministrazzjoni ta' fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(j) is-servizzi ta' likwidazzjoni u kumpens għal assi finanzjarji, inklużi titoli ta' sigurtà, prodotti derivattivi, u strumenti oħra negozjabbli;

(k) il-forniment u t-trasferiment ta’ tagħrif finanzjarju, u l-ipproċessar ta’ data finanzjarja u softwer relatat; kif ukoll

(l) servizzi ta’ pariri, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra dwar l-attivitajiet kollha mniżżla f'dan il-paragrafu, inklużi r-referenzi u l-analiżi ta’ kreditu, riċerka u pariri dwar l-investiment u l-portfolio, pariri dwar l-akkwist u dwar ristrutturazzjoni u strateġija tal-kumpaniji.

5. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) “fornitur ta’ servizzi finanzjarji” jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika ta’ Parti li tfittex li tipprovdi jew tipprovdi servizzi finanzjarji u ma tinkludix entità pubblika.

(b) “entità pubblika” tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta’ Parti jew entità proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn Parti, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta’ funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal skopijiet governattivi, li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-forniment ta’ servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet.

(c) "servizz finanzjarju ġdid" tfisser servizz ta’ natura finanzjarja, fosthom servizzi marbuta ma’ prodotti eżistenti u prodotti ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx ipprovdut minn xi fornitur ta’ servizz finanzjarju fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 182

Il-konċessjoni prudenzjali

1. Xejn f’dan il-Ftehim m’għandu jimpedixxi lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:

(a) il-protezzjoni ta’ investituri, depożituri, detenturi ta’ polza jew persuni li lihom ikun dovut obbligu ta’ fiduċja mill-fornitur ta’ servizz finanzjarju;

(b) jiżguraw l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tagħhom.

2. Dawk il-miżuri ma għandhomx ikunu iktar ta’ piż milli neċessarju biex jilħqu l-għan tagħhom.

3. L-ebda parti ta' dan il-Ftehim ma għandha tinftiehem li tirrikjedi lil Parti sabiex tikxef informazzjoni b'rabta ma' l-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali jew ta' propjetà fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

ARTIKOLU 183

Regolamentazzjoni effikaċi u trasparenti

1. Kull Parti għandha tagħmel mill-aħjar li tista’ sabiex tipprovdi bil-quddiem lill-persuni interessati kollha kwalunkwe miżura ta’ applikazzjoni ġenerali li l-Parti tipproponi li tadotta sabiex tagħti l-opportunità lil persuni bħal dawn li jikkummentaw dwar il-miżura. Tali miżura proposta għandha tkun ipprovduta:

(a) permezz ta' pubblikazzjoni uffiċjali; jew

(b) f'forma oħra miktuba jew elettronika.

2. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli lill-persuni interessati r-rekwiżiti tagħha għat-tlestija ta' applikazzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi finanzjarji.

Fuq talba ta' applikant, il-Parti kkonċernata għandha tinforma lill-applikant dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħu. Jekk il-Parti jkollha bżonn informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant, hija għandha tinforma lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn.

3. Kull waħda mill-Partijiet għandha tagħmel l-almu tagħha kollu biex tara li fit-territorju tagħha jiġu implimentati u applikati l-istandards li dwarhom hemm qbil internazzjonali għar-regolazzjoni u s-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fil-ġlieda kontra l-evazjoni u l-iskartar tat-taxxa. Tali standards maqbula internazzjonalment huma, fost l-oħrajn:

(a) "il-Prinċipju Fundamentali għal Superviżjoni Bankarja Effettiva" tal-Kumitat ta' Basel;

(b) "il-Prinċipji Ewlenin tal-Assigurazzjoni" tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni;

(c) "L-Għanijiet u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli;

(d) "il-Ftehim tal-OECD dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa";

(e) "id-Dikjarazzjoni tal-G20 dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa"; kif ukoll

(f) "Erbgħin Rakkomandazzjoni dwar Ħasil tal-Flus" u "Disa' Rakkomandazzjonijiet Speċjali dwar l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu" tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

4. Il-partijiet jieħdu nota tal-"Għaxar Prinċipji Ewlenin dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni", promulgati mill-Ministri tal-Finanzi tan-Nazzjonijiet tal-G7, u għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex japplikaw dawn il-prinċipji bejniethom.

ARTIKOLU 184

Is-servizzi finanzjarji ġodda

Kull Parti għandha tippermetti li fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jipprovdi servizz finanzjarju ġdid ta' tip simili għal dawk is-servizzi li l-Parti kieku tippermetti li l-forniturі tas-servizzi finanzjarji proprji tagħha jipprovdu skont il-liġi domestika tagħha f'ċirkostanzi simili. Parti tista' tiddetermina l-forma ġuridika li permezz tagħha s-servizz jista' jkun ipprovdut u tista' teħtieġ awtorizzazzjoni għall-għoti ta' servizz. Fejn tali awtorizzazzjoni tkun meħtieġa, għandha tittieħed deċiżjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal raġunijiet ta' prudenza.

ARTIKOLU 185

Ipproċessar tad-data

1. Kull Parti għandha tippermetti lil fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jittrasferixxi informazzjoni f'forma elettronika jew f'forma oħra, kemm fit-territorju tagħha kif ukoll barra mit-territorju tagħha, għall-ipproċessar tad-dejta meta dan l-ipproċessar huwa meħtieġ fil-proċess ordinarju tal-kummerċ ta' dan il-fornitur ta' servizzi finanzjarji.

2. Xejn fil-paragrafu ma jirrestrinġi d-dritt ta’ Parti li tipproteġi d-data personali u l-privatezza, sakemm dritt bħal dan ma jkunx użat biex jinkiser dan il-Ftehim.

3. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm salvagwardji adegwati għall-ħarsien tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali, u l-libertà tal-individwi, b’mod partikolari rigward it-trasferiment tad-data personali.

ARTIKOLU 186

L-Eċċezzjonijiet Speċifiċi

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklużiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif previst fir-regolament domestiku tal-Parti, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma japplika għal attivitajiet imwettqa minn bank ċentrali jew awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra sabiex jitwettqu politiki monetarji jew ta' rati tal-kambju.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi, milli esklussivament iwettqu jew jipprovdu fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi f'isem jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi tal-Parti, jew tal-entitajiet pubbliċi tagħha.

ARTIKOLU 187

L-organizzazzjonijiet awtoregolatorji

Meta Parti titlob sħubija jew parteċipazzjoni fi kwalunkwe korp awtoregolatorju, jew aċċess għalih, kambju jew suq ta’ titoli jew futuri, aġenzija tal-ikklerjar jew kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, sabiex fornituri ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji fuq bażi ugwali ma’ fornituri ta’ servizzi finanzjarji ta’ dik il-Parti, jew meta l-Parti tipprovdi direttament jew indirettament lil tali entitajiet, privileġġi jew vantaġġi fil-forniment ta’ servizzi finanzjarji, il-Parti għandha tiżgura konformità mal-obbligi skont l-Artikoli 144 u 150.

ARTIKOLU 188

Issistemi ta' kklerjar u pagament

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali speċifikati fl-Artikoli 144 u 150, kull Parti għandha tagħti lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' ħlas u kklerjar operati minn entitajiet pubbliċi, kif ukoll għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fil-proċess normali ta' negozju ordinarju. Dan il-paragrafu mhuwiex intiż sabiex joffri aċċess għall-faċilitajiet ta’ assistenza ta' likwidità f'emerġenza ta’ Parti.

ARTIKOLU 189

L-istabbiltà finanzjarja u r-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji fir-Repubblika tal-Armenja

Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' regolamentazzjoni adegwata tas-servizzi finanzjarji biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, swieq ġusti u effiċjenti u l-protezzjoni ta' investituri, depożitanti, titolari ta' poloz jew persuni li lilhom huwa dovut obbligu fiduċjarju minn fornituri ta' servizzi finanzjarji. Għal tali regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji l-istandards tal-aħjar prattika internazzjonali jipprovdu parametri ġenerali, b'mod partikolari fil-mod li bih jiġu implimentati fl-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika tal-Armenja għandha tapprossima l-liġijiet tagħha rigward is-servizzi finanzjarji, kif xieraq, mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

SUBTAQSIMA VII

SERVIZZI TAT-TRASPORT

ARTIKOLU 190

Kamp ta' applikazzjoni u għanijiet

Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji li jirrigwardaw il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsimiet B, C u D.

ARTIKOLU 191

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet B, C u D:

(a) “trasport marittimu internazzjonali" jinkludi operazzjonijiet ta' trasport bieb għal bieb u multimodali, li huwa l-ġarr tal-merkanzija fejn jintuża iktar minn mezz wieħed ta' trasport, li jinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar, b'dokument wieħed tat-trasport, u jinkludi għal dan il-għan id-dritt li jkun hemm kuntratt dirett ma' fornituri ta' mezzi oħra ta' trasport;

(b) “servizzi marittimi ta’ mmaniġġjar tal-merkanzija” tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta’ burdnara, inklużi l-operaturi ta’ terminal, iżda mhux inklużi l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna, meta din il-forza tax-xogħol tiġi organizzata b’mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi ta' terminal. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta’:

(i) it-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanzija fuq jew minn bastiment,

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija;

(iii) ir-riċeviment jew il-kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel id-dispaċċ jew wara r-rilaxx,

(c) "Servizzi ta’ żdoganar" (b’mod alternattiv "servizzi ta' sensara tad-dwana") tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f’isem parti oħra tal-formalitajiet doganali fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività prinċipali tal-fornitur tas-servizz jew akkumpanjament normali tal-attività prinċipali tiegħu.

(d) “servizzi ta’ stazzjon u depot tal-kontejners” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħżin ta’ kontejners, kemm fiż-żoni tal-port kif ukoll fl-intern ta’ pajjiż, bl-għan li jitgħabbew bil-merkanzija/jinħattu, jissewwew u jsiru disponibbli għat-tbaħħir;

(e) “servizzi ta' aġenzija marittima” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent, tal-interessi kummerċjali ta' linja jew kumpanija tat-tbaħħir waħda jew iktar, għall-iskopijiet li ġejjin:

(i) il-promozzjoni u l-bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tat-tagħbija f'isem il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi meħtieġa relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali; kif ukoll

(ii) taġixxi f’isem il-kumpaniji billi torganizza s-sejħa tal-vapur jew tieħu l-merkanziji meta jkun meħtieġ;

(f) "servizzi ta' aġenti tal-merkanzija" (freight forwarding) tfisser attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-operat tat-tbaħħir f’isem min jimbarka l-merkanzija, permezz tal-akkwist ta’ trasport u servizzi relatati, il-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-forniment ta’ informazzjoni tan-negozju. kif ukoll

(g) "servizzi reġjonali distributorji" tfisser it-trasportazzjoni ta’ qabel u dik segwenti ta’ merkanzija internazzjonali bil-baħar, notevolment f’kontejner, bejn portijiet li jinsabu f’Parti.

2. Fir-rigward tat-trasport marittimu internazzjonali, il-Partijiet għandhom jiżguraw applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta’ aċċess mhux ristrett għal tagħbija fuq bażi kummerċjali, il-libertà ta’ forniment ta’ servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, kif ukoll trattament nazzjonali fil-qafas tal-forniment ta’ servizzi bħal dawn.

3. Fid-dawl tas-sitwazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet fit-trasport internazzjonali marittimu, kull Parti għandha:

(a) tapplika b'mod effettiv il-prinċipju ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq marittimi internazzjonali u r-rotot kummerċjali fuq bażi kummerċjali u nondiskriminatorja; kif ukoll

(b) jagħtu lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew imħaddma minn fornituri ta' servizz tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess fir-rigward, fost l-oħrajn, l-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u s-servizzi tal-portijiet, kif ukoll is-servizzi marittimi awżiljari, u t-tariffi u l-ħlasijiet relatati, il-faċilitajiet tad-dwana u l-allokazzjoni ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt.

4. Fl-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fil-paragrafu 3, kull Partijiet għandha:

(a) ma jintroduċux arranġamenti ta' qsim bejniethom ta' merkanzija fi ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, inkluż kummerċ ta' tagħbija niexfa u likwida u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir, u jtemmu, f'perjodu raġonevoli ta' żmien, tali arranġamenti ta' qsim ta' merkanzija f'każ li jeżistu fi ftehimiet preċedenti; kif ukoll

(b) mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jabolixxu u ma jintroduċu l-ebda miżura unilaterali u l-ebda ostaklu amministrattiv, tekniku u ta' xort'oħra li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew li jkollhom effetti diskriminatorji fuq il-provvista libera tas-servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

5. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jkollhom stabbiliment fit-territorju tagħha b'kundizzjonijiet ta' stabbiliment u tħaddim mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess jew dawk ta' kwalunkwe pajjiż terz, skont liema jkunu l-aħjar.

6. Skont termini u kondizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, kull Parti għandha tagħmel aċċessibbli lill-fornituri ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra dawn is-servizzi fil-port: il-pilotaġġ, l-għajnuna għall-irmonk, il-provvista ta' bżonnijiet, fjuwil u ilma, il-ġbir taż-żibel u r-rimi tal-iskart tas-saborra, servizzi ta' kaptan portwali, għajnunijiet għan-navigazzjoni, faċilitajiet ta' tiswija tal-emerġenza, ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ kif ukoll servizzi operattivi bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni, provvisti ta' ilma u ta' elettriku.

7. Kull Parti għandha tippermetti l-moviment ta' tagħmir bħal kontejners vojta, li ma jingarrux bħala merkanzija bi ħlas, bejn portijiet tar-Repubblika tal-Armenja jew bejn portijiet ta' Stat Membru.

8. Kull Parti, suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti għandha tippermetti lil fornituri ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jipprovdu servizzi reġjonali distributorji bejn il-portijiet nazzjonali tagħhom.

ARTIKOLU 192

L-approssimazzjoni gradwali

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja dwar servizzi ta' trasport lejn dik tal-Unjoni Ewropea.

TAQSIMA F

KUMMERĊ ELETTRONIKU

SUBTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 193

L-objettiv u l-prinċipji

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li l-kummerċ elettroniku jżid l-opportunijiet kummerċjali f'bosta setturi, jimmiraw li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku bejniethom, partikolarment billi jikkooperaw rigward il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku għandu jkun għal kollox kompatibbli mal-oqħla standards internazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta, sabiex tkun żgurata l-kunfidenza tal-utenti tal-kummerċ elettroniku.

3. Il-Partijiet għandhom iqiesu t-trażmissjonijiet elettroniċi bħala provvista ta' servizzi, fit-tifsira tat-Taqsima C, li ma jistgħux ikunu suġġetti għal dazji doganali.

ARTIKOLU 194

Aspetti regolatorji tal-kummerċ elettroniku

1. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu dwar kwistjonijiet regolatorji mqajma mill-kummerċ elettroniku. Fost l-oħrajn, id-djalogu għandu jindirizza il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonixximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-faċilitazzjoni ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni transkonfinali;

(b) ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji fir-rigward tat-trażmissjoni jew il-ħażna tal-informazzjoni;

(i) it-trattament ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku mhux mitluba; kif ukoll

(ii) il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kummerċ elettroniku; kif ukoll

(c) kwalunkwe kwistjoni oħra relevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. Tali djalogu jista' jiġi implimentat permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni ta' kull Parti rigward il-materji msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni.

SUBTAQSIMA II

IR-RESPONSABBILTÀ TA' FORNITURI TAS-SERVIZZI INTERMEDJARJI

ARTIKOLU 195

Użu ta' servizzi ta' intermedjarji

Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-servizzi tal-intermedjarji jistgħu jintużaw minn partijiet terzi għal attivitajiet li jiksru l-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom. Biex jittieħed kont tal-possibbiltà li kull Parti għandha tadotta jew iżżomm forniturи intermedjarji ta’ servizzi il-miżuri ta’ responsabbiltà msemmija f’din is-subtaqsima.

ARTIKOLU 196

Responsabbilità tal-forniturи ta' servizzi intermedjarji "sempliċi mezz ta' trażmissjoni"

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fit-trażmissjoni f'netwerk ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, jew il-provvediment ta' aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni, kull Parti għandha tiżgura li l-fornitur tas-servizzi ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni trażmessa, sakemm il-fornitur:

(a) ma jibdiex it-trażmissjoni;

(b) ma jagħżilx ir-riċevitur tat-trażmissjoni; kif ukoll

(c) ma jagħżilx jew jimmodifika l-informazzjoni li tinstab fit-trażmissjoni.

2 L-atti tat-trażmissjoni u l-provvista ta' aċċess li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 jinkludu l-ħażna awtomatika, intermedjarja u tranżitorja tal-informazzjoni trażmessa sakemm din tkun seħħet għall-uniku skop li titwettaq it-trażmissjoni fin-netwerk tal-komunikazzjoni, u sakemm l-informazzjoni ma tkunx maħżuna għal perjodu itwal milli raġonevolment meħtieġ għat-trażmissjoni.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibbiltà li qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistema ġuridika ta' Parti, tkun tirrikjedi li l-fornitur ta' servizz jittermina jew ma jħallix li jsir ksur.

ARTIKOLU 197

Responsabbilità tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji: "caching"

1. Fejn jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fit-trażmissjoni f'netwerk tal-komunikazzjoni, ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-ħażna awtomatika, intermedja u temporanja ta' dik l-informazzjoni, imwettqa għall-iskop biss li t-trażmissjoni 'l quddiem tal-informazzjoni ssir iżjed effiċjenti għal riċevituri oħra tas-servizz meta jitolbuha, bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(a) ma jimmodifikax l-informazzjoni;

(b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni;

(c) jikkonforma mar-regoli rigward l-aġġornament tal-informazzjoni, speċifikati b'mod rikonoxxut u użat b'mod estensiv mill-industrija;

(d) ma jinterferix mal-użu legali ta' teknoloġija, rikonoxxuta u użata b'mod estensiv mill-industrija, sabiex tinkiseb dejta dwar l-użu tal-informazzjoni; kif ukoll

(e) jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni li l-fornitur ikun ħażen malli jikseb l-għarfien attwali tal-fatt li l-informazzjoni fis-sors inizjali tat-trażmissjoni tkun tneħħiet min-netwerk, jew li jkun ġie diżattivat l-aċċess għaliha, jew li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tkun ordnat tali tneħħija jew diżattivazzjoni.

2. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva li teżiġi li l-fornitur tas-servizz jittermina jew jipprevjeni ksur skont is-sistema legali ta' kull Parti.

ARTIKOLU 198

Responsabbilità tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji: "hosting"

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni maħżuna fuq talba ta' riċevitur tas-servizz, bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(a) ma jkollux għarfien attwali tal-attività illegali jew l-informazzjoni u, fir-rigward tat-talbiet għad-danni, ma jkunx jaf b'fatti jew ċirkustanzi li minnhom l-attività illegali jew l-informazzjoni tkun apparenti; jew,

(b) malli jikseb tali għerf jew għarfien jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax meta r-riċevitur tas-servizz ikun qiegħed jaġixxi bl-awtorità jew bil-kontroll tal-fornitur.

3. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, skont il-liġi nazzjonali, li teħtieġ li l-fornitur ta' servizz iwaqqaf jew jipprevjeni ksur, u lanqas ma jaffettwa l-possibbiltà għal Parti li tistabbilixxi proċeduri li jirregolaw it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni.

ARTIKOLU 199

Ebda obbligu ġenerali ta' monitoraġġ

1. Il-Partijiet m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq il-forniturі, meta dawn jipprovdu s-servizzi koperti mill-Artikoli 196, 197 u 198, sabiex jimmonitorjaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas obbligu ġenerali sabiex ifittxu attivament fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali.

2. Kull Parti tista' tistabbilixxi obbligi għall-forniturі ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni sabiex jinfurmaw fil-pront lill-awtoritajiet kompetenti dwar allegati attivitajiet illegali mwettqa jew informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz tagħhom, jew obbligi li jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jiġu mitluba, informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' riċevituri tas-servizz tagħhom li magħhom ikollhom ftehimiet ta' ħażna.

TAQSIMA G

EĊĊEZZJONIJIET

ARTIKOLU 200

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet ġenerali stipulati f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu huwa bla ħsara għall-eċċezzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 2 u 3.

2. Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew il-provvista transfruntiera ta' servizzi, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandux jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar min-naħa ta' kwalunkwe Parti ta' miżuri:

(a) meħtieġa biex iħarsu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubbliku;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) marbuta mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jistgħu jispiċċaw jekk tali miżuri jiġu applikati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-intraprendituri domestiċi jew fuq il-provvista jew il-konsum domestiku tas-servizzi;

(d) meħtieġa għall-ħarsien ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku;

(e) neċessarji sabiex tiġi assigurata konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti ma' dan it-Titolu, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u frodulenti jew it-trattament tal-effetti ta' inadempjenza ta' kuntratti;

(ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi fejn għandu x'jaqsam l-ipproċessar u t-tqassim tad-data personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzalità ta' rekords u kontijiet individwali; jew

(iii) is-sikurezza; jew

(f) inkonsistenti mal-Artikoli 144 u 150, bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, investituri jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra[1].

3. Dan il-Kapitolu u l-Anness VIII ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għas-sistemi ta' sigurtà soċjali rispettivi tal-Partijiet jew għal attivitajiet fit-territorju ta' kull Parti, li huma marbuta, ukoll okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.

[1] Il-miżuri li huma mmirati sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda mill-Parti taħt is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

(i) japplikaw għal imprendituri u fornituri ta' servizzi mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa ta' dawk li mhumiex residenti huwa determinat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli li jinkisbu jew jinsabu fit-territorju tal-Parti;

(ii) japplikaw għal persuni mhux residenti sabiex tiġi żgurata l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti;

(iii) japplikaw għal persuni mhux residenti jew għar-residenti sabiex jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità;

(iv) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fi jew mit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti;

(v) jiddistingwu bejn investituri u fornituri ta' servizzi suġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn investituri u fornituri ta' servizzi oħra, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew

(vi) jiddeterminaw, jallokaw jew iqassmu dħul, qligħ, gwadann, telf, tnaqqis jew kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi għat-taxxa tal-Parti.

It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa fil-punt (f) u f'din in-nota f'qiegħ il-paġna huma determinati skont id-definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġi nazzjonali tal-Parti li tieħu l-miżura.

ARTIKOLU 201

Il-miżuri ta' tassazzjoni

It-trattament tal-pajjiż l-iktar favorit mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikax għat-trattament tat-taxxa li l-Partijiet qed jipprovdu jew se jipprovdu fil-futur abbażi ta' ftehimiet bejn il-Partijiet imfasslin biex jevitaw it-tassazzjoni doppja.

Artikolu 202

Eċċezzjonijiet ta' Sigurtá

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat:

(a) jeħtieġ li ebda Parti tagħti kull informazzjoni, li hija tqis l-iżvelar tagħha bħala kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;

(b) jipprevjeni l-ebda Parti milli tieħu azzjoni li hija tikkunsidra neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtá essenzali tagħha:

(i) b'konnessjoni mal-produzzjoni jew il-kummerċ fl-armi, il-munizzjoni jew il-materjali tal-gwerra;

(ii) marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament biex jiġi fornut stabbiliment militari;

(iii) li għandha x'taqsam ma' materjali fissjonali u fużjonabbli jew materjali meħuda minnhom; jew

(iv) li tittieħed fi żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra f'relazzjonijiet internazzjonali. jew

(c) jimpedixxi lil kwalunkwe Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni sabiex tfittex li twettaq l-obbligi li aċċettat sabiex iżżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

TAQSIMA H

INVESTIMENT

ARTIKOLU 203

Rieżami

Sabiex jiġi ffaċilitat l-investiment bilaterali, il-Partijiet għandhom jirrevedu b'mod konġunt tal-ambjent u l-qafas legali għall-investiment, mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u suċċessivament f'intervalli regolari. Fuq il-bażi ta' dan ir-rieżami, huma għandhom jikkunsidraw l-opportunità li jibdew in-negozjati bl-għan li dan il-Ftehim ikun issupplementat b'dispożizzjonijiet dwar l-investiment, inkluż il-protezzjoni tal-investiment.

KAPITOLU 6

PAGAMENTI KURRENTI U MOVIMENT TAL-KAPITAL

ARTIKOLU 204

Ħlasijiet Kurrenti

Il-Partijiet għandhom jintrabtu li ma jimponu l-ebda restrizzjoni u għandhom jippermettu, f'munita liberament konvertibbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kwalunkwe pagamenti u trasferimenti fil-kont kurrenti ta' bilanċ ta' pagamenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 205

Movimenti tal-Kapital

1. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-moviment liberu ta' kapital relatat ma' investimenti diretti[1] f'kumpaniji ffurmati skont il-liġijiet tal-pajjiż ospitanti u investimenti magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5, u l-likwidazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' dawn l-investimenti u kwalunkwe profitt li joħroġ minnhom.

[1] Inkluż l-akwiżizzjoni ta' propjetà immobbli relatata ma' investiment dirett.

2. Fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti li ma jkunux koperti mill-paragrafu 1, mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura l-moviment liberu tal-kapital fir-rigward ta’:

(a) krediti marbuta ma' tranżazzjonijiet kummerċjali, inkluż il-provvediment ta' servizzi, li fihom ikun qiegħed jipparteċipa resident ta' waħda mill-Partijiet;

(b) self finanzjarju u krediti mill-investituri tal-Parti l-oħra; kif ukoll

(c) parteċipazzjoni kapitali f’persuna ġuridika, kif definit fl-Artikolu 142, mingħajr l-ebda intenzjoni ta’ stabbiliment jew żamma ta’ rabtiet ekonomiċi fit-tul.

3. Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet oħra f’dan il-Ftehim, il-Partijiet ma għandhomx idaħħlu l-ebda restrizzjonijiet ġodda fuq il-moviment ta’ kapital u pagamenti kurrenti bejn ir-residenti tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja u ma għandhomx jagħmlu l-arranġamenti eżistenti iktar restrittivi.

ARTIKOLU 206

Eċċezzjonijiet

Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikata bejn pajjiżi fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti ta' kapital, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar minn kull Parti, ta' miżuri:

(a) meħtieġa biex iħarsu s-sigurtà pubblika, il-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubbliku; jew

(b) neċessarji sabiex tiġi assigurata konformità ma' liġijiet u regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma':

(i) il-prevenzjoni ta' reati kriminali jew penali, prattiċi qarrieqa jew frodulenti, jew dawk neċessarji biex jindirizzaw l-effett ta' inadempjenza fuq kuntratti, bħal falliment, insolvenza u ħarsien tad-dritt tal-krediturі;

(ii) miżuri adottati jew miżmuma sabiex jassiguraw l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Parti;

(iii) il-ħruġ, il-kummerċ u n-negozjar f'titoli, opzjonijiet, futures jew derivattivi oħra;

(iv) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma tar-rekords tat-trasferimenti meta jkunu meħtieġa sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji; jew

(v) jassiguraw il-konformità ma' ordnijiet jew sentenzi fi proċedimenti ġuridiċi jew amministrattivi.

ARTIKOLU 207

Miżuri ta' salvagwardja

Fejn, f'każijiet eċċezzjonali, ma jkunx hemm diffikultajiet serji fir-rigward, fil-każ tar-Repubblika tal-Armenja, għall-operat ta' politika tar-rata tal-kambju jew politika monetarja jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, it-tħaddim tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew fejn Parti tesperjenza diffikultajiet serji fil-bilanċ tal-pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni, jew fejn ikun hemm theddida ta' diffikultajiet bħal dawn, il-Parti interessata tista' tieħu miżuri ta' salvagwardja li huma strettament meħtieġa fir-rigward ta' movimenti ta' kapital, pagamenti jew trasferimenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja għal perjodu ta' mhux iktar minn sena. Il-Parti li tadotta jew iżżom miżuri ta' salvagwardja għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja u tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, skeda taż-żmien għat-tneħħija tagħha.

ARTIKOLU 208

Faċilitazzjoni

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiffaċilitaw il-moviment tal-kapital bejn il-Partijiet sabiex jippromwovu l-objettivi ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 7

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

GĦANIJIET U PRINĊIPJI

ARTIKOLU 209

Għanijiet

L-għanijiet ta’ dan il-Kapitolu huma:

(a) li jiffaċilita l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti innovattivi u kreattivi bejn il-Partijiet, billi jikkontribwixxu għal ekonomija iktar sostenibbli u inklużiv għal kull Parti; kif ukoll

(b) li jintlaħaq livell adegwat u effikaċi ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

ARTIKOLU 210

Natura u kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni adegwata u effettiva tat-trattati internazzjonali dwar il-proprjetà internazzjonali li għalihom huma partijiet fosthom il-Ftehim tad-WTO dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim tad-WTO (il-"Ftehim TRIPS"). Dan il-Kapitolu għandhom jikkumplimentaw u jispeċifikaw ulterjorment id-drittijiet u l-obbligi bejn il-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS u trattati internazzjonali oħra fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "proprjetà intellettwali" jirreferi mill-inqas għall-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali msemmija fit-Taqsima B ta' dan l-Artikolu.

3. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi l-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmi fl-Artikolu 10(a) tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali tal-1883, kif riveduta u emendata mill-Att ta' Stokkolma tal-1067 ("il-Konvenzjoni ta' Pariġi (1967)").

ARTIKOLU 211

L-eżawriment

Kull Parti għandha tipprovdi għal reġim ta' eżawriment nazzjonali jew reġjonali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

TAQSIMA B

L-ISTANDARDS LI JIRRIGWARDAW ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUBTAQSIMA I

DRITTIJIET TAL-AWTUR U DRITTIJIET RELATATI

ARTIKOLU 212

Il-protezzjoni mogħtija

1. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali li ġejjin:

(a) il-Konvenzjoni ta’ Berna għall-Protezzjoni ta’ Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi ("il-Konvenzjoni ta’ Berna");

(b) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' Atturi, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir (“il-Konvenzjoni ta' Ruma”);

(c) il-Ftehim TRIPS;

(d) Trattat tal-WIPO dwar id-drittijiet ta'-awtur (WCT); kif ukoll

(e) it-Trattat tad-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi (WPPT).

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli biex japprovaw it-Trattat ta' Bejġing dwar ir-Rappreżentazzjonijiet Awdjoviżivi.

ARTIKOLU 213

L-Awturi

Kull Parti għandha, fir-rigward tal-awturi, tipprovdi għad-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u f'kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, bil-bejgħ jew b'xi mod ieħor tal-forom oriġinali ta' xogħlijiethom jew kopji tagħhom;

(c) kull komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiethom, b'mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluż li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħlijiethom b'mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom. kif ukoll

(d) għall-kiri jew self tal-oriġinal u kopji ta' xogħolijiet tagħhom.

ARTIKOLU 214

Artisti interpreti

Kull Parti għandha, fir-rigward tal-artisti interpreti, tipprovdi għad-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni[1] tar-rappreżentazzjoni tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma tar-reġistrazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom;

(c) id-distribuzzjoni għall-pubbliku,permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet tal-prestazzjonijiet tagħhom;

(d) id-disponibbiltà għall-pubbliku, ta' reġistrazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

(e) ix-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, għajr meta l-prestazzjoni nnifisha tkun diġà prestazzjoni mxandra jew tkun magħmula minn reġistrazzjoni.

(f) kiri u self tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom.

[1] Reġistrazzjoni tfisser it-tiswir ta' ħsejjes jew immaġini, jew ta' rappreżentazzjonijiet tagħhom, li minnha jistgħu jkunu perċepiti, riprodotti jew ikkomunikati permezz ta' apparat.

ARTIKOLU 215

Produtturi ta' fonogrammi

Kull Parti għandha, fir-rigward tal-awturi, tipprovdi għad-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma, sħiħa jew parti minnha, tal-fonogrammi tagħhom;

(b) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, bil-bejgħ jew b’xi mod ieħor, il-fonogrammi tagħhom, inklużi kopji tagħhom;

(c) id-disponibbiltà tal-fonogrammi tagħhom għall-pubbliku, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhoml kif ukoll

(d) kiri u self fir-rigward tal-fonogrammi tagħhom.

ARTIKOLU 216

L-organizzazzjonijiet tax-xandir

Kull Parti għandha, fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, tipprovdi għad-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawn ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili sew jekk bl-ajru, inklużi bil-cable jew bis-satellita;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew in parti, tal-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet ikunu trasmessi bil-fili jew bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita;

(c) id-disponibbiltà lill-pubbliku, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

(d) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet tat-trażmissjonijiet tagħhom; kif ukoll

(e) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk tali komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq pagament ta' tariffa għad-dħul.

ARTIKOLU 217

Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku

Kull Parti għandha tipprovdi dritt biex tiżgura li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent lill-artisti u l-prodotturi ta' fonogrammi, jekk tintuża fonogramma ppubblikata għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' din il-fonogramma, għax-xandir b'mezzi mingħajr wajers jew għal kull komunikazzjoni lill pubbliku. Kull Parti għandha tassigura li din ir-remunerazzjoni hija kondiviża bejn l-artisti u l-produtturi ta' fonogrammi. Kull Parti tista', fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti interpreti u l-produtturi tal-fonogrammi, tistipula l-kundizzjonijiet għat-tqassim tar-remunerazzjoni bejniethom.

ARTIKOLU 218

Terminu ta' protezzjoni

1. Id-drittijiet tal-awtur ta' xogħol artistiku jew letterarju skond it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna għandhom idumu tul il-ħajja tal-awtur u għal 70 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku.

2. Fejn id-dritt tal-awtur ikun ta' iktar minn awtur wieħed, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat mill-mewt tal-aħħar ko-awtur li jibqa' ħaj.

3. Fil-każ ta' xogħlijiet anonimi jew psewdonimi, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jdum mhux inqas minn 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, meta psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli l-ebda dubbju dwar l-identità tiegħu, jew jekk l-awtur jiżvela l-identità tiegħu matul il-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza, il-perjodu ta' protezzjoni applikabbli għandu jkun dak stipulat fil-paragrafu 1.

4. Fejn Parti tipprovdi għal dispożizzjonijet partikolari dwar drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet kollettivi jew sabiex persuna ġuridika tiġi maħtura bħala detentur tad-drittijiet, il-perjodu tal-protezzjoni għandu jkun ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, għajr jekk il-persuni fiżiċi li ħalqu x-xogħol ikunu identifikati bħala tali fil-verżjonijiet tax-xogħol li jkunu saru disponibbli għall-pubbliku. Dan il-paragrafu huwa mingħajr ħsara għad-drittijiet tal-awturi identifikati li l-kontributi identifikabbli tagħhom ikunu inklużi f'dawn ix-xogħlijiet, li għal liema kontributi għandhom japplikaw il-paragrafi 1 jew 2.

5. Fejn xogħol huwa ppubblikat f'volumi, partijiet, faxxikli, ħarġiet jew episodji u l-perjodu ta' protezzjoni jibda mill-mument meta x-xogħol kien legalment magħmul disponibbli għall-pubbliku, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jibda separatament għal kull oġġett.

6. Fil-każ ta’ xogħlijiet li għalihom il-perjodu ta’ protezzjoni ma jkunx ikkalkolat mill-mewt tal-awtur jew awturi u li ma jkunux saru disponibbli legalment għall-pubbliku fi żmien 70 sena mill-kreazzjoni tagħhom, il-protezzjoni għandha tintemm.

7. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi għandu jiskadi mhux qabel 70 sena wara l-mewt tal-aħħar mill-persuni li ġejjin li jkunu baqgħu ħajjin, sew jekk dawn il-persuni jiġux indikati jew le bħala ko-awturi: id-direttur prinċipali, l-awtur tal-iscreenplay, l-awtur tad-djalogu u l-kompożitur tal-mużika maħluqa speċifikament biex tintuża fix-xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv.

8. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li, wara l-iskadenza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, għall-ewwel darba tippubblika legalment jew tikkomunika legalment lill-pubbliku xogħol mhux ippubblikat qabel, għandha tibbenefika minn protezzjoni ekwivalenti għad-drittijiet ekonomiċi tal-awtur. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet għandu jkun ta' 25 sena minn meta x-xogħol ikun ippubblikat għall-ewwel darba jew komunikat legalment lill-pubbliku.

9. Id-drittijiet ekonomiċi tal-artisti awdjoviżivi għandhom jiskadu mhux inqas 50 sena mid-data tal-prestazzjoni. Madankollu, jekk l-iffissar ta' rappreżentazzjoni jkun ippubblikat legalment jew komunikat legalment lill-pubbliku f'dan il-perjodu, id-drittijiet għandhom jiskadu mhux qabel 50 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku, liema minnhom tkun l-ewwel.

10. Id-drittijiet ekonomiċi tal-prestaturi u l-produtturi tal-fonogrammi għandhom jiskadu 70 sena wara d-data tal-ewwel pubblikazzjoni jew l-ewwel komunikazzjoni għall-pubbliku, skont liema tiġi l-ewwel. Parti tista' tadotta miżuri effettivi biex jiġi żgurat li l-profitti ġġenerati matul 20 sena ta' protezzjoni lil hinn minn 50 sena huma kondiviżi b'mod ġust bejn l-artisti u l-produtturi.

11. Id-drittijiet ekonomiċi tal-produtturi tal-ewwel iffissar ta' film għandhom jiskadu mhux qabel 50 sena wara li jsir l-iffissar. Madankollu, jekk il-film ikun ippubblikat legalment jew ikun komunikat legalment lill-pubbliku matul dan il-perjodu, id-drittijiet għandhom jiskadu mhux qabel 50 sena mid-data ta' din l-ewwel pubblikazzjoni jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku, liema minnhom tkun l-ewwel.

12. Id-drittijiet ekonomiċi tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, kemm jekk din ix-xandira tiġi trażmessa bil-wajer jew fuq l-arja, fosthom bil-kejbil jew bis-satellita.

13. It-termini stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkolati mill-ewwel ta' Jannar tas-sena li ssegwi l-avveniment li jagħti bidu għalihom.

ARTIKOLU 219

Protezzjoni ta' miżuri teknoloġiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kull miżura teknoloġika effettiva, li l-persuna kkonċernata twettaq fl-għarfien, jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, li hija tkun qiegħda ssegwi dak l-għan.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni ġuridika adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, ir-reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparat, prodotti jew komponenti, jew il-provvista ta' servizzi li:

(a) ikunu pubbliċizzati, reklamati jew kummerċjalizzati għall-iskop ta' ċirkumvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva;

(b) ikollhom biss skop jew użu kummerċjali sinifikanti limitat ħlief li jevitaw kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva; jew

(c) ikunu primarjament iddisinjati, magħmula, adattati jew imwettqa għall-iskop li jippermettu jew jiffaċilitaw iċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-espressjoni "miżuri teknoloġiċi" tfisser kull teknoloġija, apparat jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, ikun imfassal biex jevita jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew suġġetti oħra, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati, hekk kif previst mil-leġiżlazzjoni domestika. Miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu "effettivi" fejn l-użu ta' xogħol protett jew materjal ieħor huwa kontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz ta' applikazzjoni ta' kontroll għal aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal kriptaġġ, taqlib jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew materjal ieħor jew mekkaniżmu ta' kontroll ta' ikkupjar li jilħaq l-objettiv ta' protezzjoni.

ARTIKOLU 220

Protezzjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li konxjament twettaq xi wieħed mill-atti li ġejjin mingħajr ma jkollha l-awtorità:

(a) it-tneħħija jew it-tibdil ta' kwalunkwe informazzjoni elettronika tal-immaniġġar tad-drittijiet;

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew affarijiet oħra protetti taħt dan il-Ftehim, li minnhom tkun tneħħiet jew ġiet mibdula mingħajr awtorizzazzjoni, informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar tad-drittijiet,

jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet biżżejjed sabiex tkun taf, li billi tagħmel dan il-persuna tkun qiegħda tikkawża, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi l-ksur ta' kwalunkwe drittijiet tal-awtur jew drittijiet marbuta mad-drittijiet tal-awtur kif previsti mil-lepiżlazzjoni nazzjonali.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "informazzjoni għall-immaniġġjar tad-drittijiet" ifisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew ħaġa oħra msemmija f'dan il-Kapitolu, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor ta' drittijiet, jew informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ħaġa oħra, u kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżentaw tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 1 japplika meta tali informazzjoni tkun assoċjata ma' kopja ta', jew tidher b'rabta mal-komunikazzjoni lill-pubbliku, ta' xogħol jew suġġett ieħor li huwa s-suġġett tal-protezzjoni skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 221

Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprovdi għal limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 213 sa 218 biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttar normali tal-materja u ma jippreġudikawx mingħajr raġuni l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet, skont il-konvenzjonijiet u t-trattati internazzjonali li għalihom huma partijiet.

2. Kull Parti għandha tipprovdi li l-atti temporanji ta' riproduzzjoni msemmija fl-Artikoli minn 213 sa 217, li huma temporanji jew inċidentali, li huma parti integrali u essenzjali ta' proċess teknoloġiku u li l-għan ewlieni tagħhom hu li jippermettu (a) trażmission f'netwerk bejn tliet partijiet permezz ta' intermedjarju, jew (b) użu legali ta' xogħol jew suġġett ieħor protett li għandhom isiru, u li ma għandhom l-ebda sinifikat ekonomiku indipendenti, għandhom ikunu eżenti mid-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikoli 213 sa 217.

ARTIKOLU 222

Dritt tal-Bejgħ mill-Ġdid tal-Artisti fix-Xogħlijiet tal-Arti

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti, id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li jiġi definit bħala d-dritt inaljenabbli, li ma jistax jiġi ċedut, lanqas minn qabel, sabiex jirċievi royalty ibbażata fuq il-prezz tal-bejgħ għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentament wara l-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur.

2. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvu bħala bejjiegħa, xerrejja jew intermedjarji professjonisti tas-suq tal-arti, bħal kmamar fejn jinbiegħu oġġetti bl-irkant, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjanti tax-xogħlijiet tal-arti.

3. Kull Parti tista' tipprovdi li d-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma jgħoddx għal atti ta' bejgħ mill-ġdid fejn il-bejjiegħ ikun kiseb ix-xogħol direttament mill-awtur inqas minn tliet snin qabel dak il-bejgħ mill-ġdid u fejn il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ma jkunx jaqbeż ċertu ammont minimu.

4. Ir-royalty għandu titħallas mill-bejjiegħ. Kull waħda mill-Partijiet tista' tipprovdi li waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 2, li ma tkunx il-bejjiegħ, għandha tkun responsabbli waħedha, jew taqsam ir-responsabbiltà mal-bejjiegħ għall-pagament tar-royalty.

5. Il-proċedura għall-ġbir u l-ammonti tar-royalty għandhom jiġu determinati mill-liġi domestika.

ARTIKOLU 223

Kooperazzjoni dwar l-immaniġġar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn is-soċjetajiet tal-immaniġġar kollettiv rispettivi tagħhom bil-għan li jippromwovu d-disponibbiltà tax-xogħlijiet u suġġetti oħra protetti fit-territorju tal-Partijiet u t-trasferiment ta' royalties għall-użu ta' dawn ix-xogħlijiet jew suġġett ieħor protett.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu t-trasparenza tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ġbir ta' royalties, it-tnaqqis applikat tar-royalties miġbura, l-użu tar-royalties miġbura, il-politika ta' distribuzzjoni u għar-repertorju tagħhom.

3. Il-partijiet jintrabtu li jiżguraw li, meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv stabbiliti fit-territorju ta' Parti waħda tirrappreżenta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra permezz ta' ftehim ta' rappreżentazzjoni, li tirrappreżenta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma tiddiskriminax kontra d-detenturi tad-dritt rappreżentati mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

4. L-organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv għandu jirrappreżenta b’mod preċiż, b’mod regolari u diliġenti u tħallas l-ammonti dovuti lil rappreżentati mill-organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv kif ukoll tipprovdi rappreżentati mill-organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv bl-informazzjoni dwar l-ammont ta’ royalties miġbura f’ismu u kwalunkwe tnaqqis magħmul għal dawn id-drittijiet.

SUBTAQSIMA II

MARKI KUMMERĊJALI

ARTIKOLU 224

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti għandha:

(a) jaderixxu mal-Protokoll rigward il-Ftehim ta' Madrid fir-Rigward tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Marki Kummerċjali;

(b) jikkonformaw mat-Trattat tal-Liġi dwar it-Trademark u l-Ftehim ta' Nizza rigward il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Prodotti u s-Servizzi għall-Iskop tar-Reġistrazzjoni tal-Marki; kif ukoll

(c) tagħmel l-isforzi kollha raġonevoli biex taċċedi għat-Trattat ta' Singapor dwar il-Liġi tat-Trademarks.

ARTIKOLU 225

Drittijiet konferiti minn trademark

Il-marka kummerċjali reġistrata għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi fuqha. Il-proprjetarju għandu l-jedd li jipprojbixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

(a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għat-trademark relatat mal-oġġeti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trademark tkun reġistrata; kif ukoll

(b) kwalunkwe sinjal li huwa identiku jew simili għat-trademark relatat mal-oġġeti jew servizzi li huma identiċi jew simili għal dawk li għalihom it-trademark hija rreġistrata, meta dan l-użu jista' jirriżulta fil-probabbilità ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku, li tinkludi l-probabbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark.

ARTIKOLU 226

Proċedura ta' reġistrazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi sistema għar-reġistrazzjoni tal-marki kummerċjali fejn kull deċiżjoni negattiva finali meħuda mill-amministrazzjoni relevanti tal-marki kummerċjali għandha tiġi kkomunikata bil-miktub u b'raġunijiet xierqa.

2. Kull Parti għandha tipprovdi l-possibbiltà li wieħed jopponi applikazzjonijiet għal trademark li l-applikant għat-trademark ikollu l-opportunità li jirrispondi għal tali oppożizzjoni.

3. Kull Parti għandha tipprovdi bażi tad-data elettronika li tkun disponibbli għall-pubbliku, tal-applikazzjonijiet għat-trademarks u reġistrazzjonijiet tat-trademarks. Il-bażi ta' data ta' applikazzjonijiet għal trademark għandha tkun aċċessibbli mill-inqas matul il-perjodu ta' oppożizzjoni.

ARTIKOLU 227

It-trademarks magħrufa

Għall-iskop li jingħata effett lill-protezzjoni ta' trademarks magħrufa, kif imsemmi fl-Artikolu 6(a) tal-Konvenzjoni ta' Pariġi (1967) u l-Artikolu 16(2) u (3) tal-Ftehim TRIPS, kull Parti għandha tapplika r-Rakkomandazzjoni Konġunta dwar Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Kummerċjali Magħrufa addottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u l-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) fl-Erbgħa u Tletin Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tad-WIPO tal-20-29 ta' Sttembru 1999.

ARTIKOLU 228

Eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtija minn trademark

Kull Parti:

(a) għandha tipprovdi għall-użu ġust ta' termini deskrittivi, inkluż l-użu ġust ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija minn trademark; kif ukoll

(b) tista' tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati għad-drittijiet mogħtija minn trademark.

Biex tipprovdi għal tali eċċezzjonijiet, kull Parti għandha tqis l-interessi leġittimi tas-sid tat-trademark u tal-partijiet terzi.

ARTIKOLU 229

Raġunijiet għal revoka

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li marka kummerċjali għandha tkun suġġettibbli għar-revoka jekk, f'perjodu ta' mill-inqas tliet snin, ma tkunx ġiet użata ġenwinament fit-territorju relevanti inkonnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, u ma hemmx raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu;

L-ebda persuna ma tista' titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju fi trademark jiġu revokati fejn, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu minimu ta' tliet snin u meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar revoka, l-użu ġenwin tat-trademark jibda jew ikompli.

Il-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu f'perjodu ta' tliet xhur qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka li beda l-iktar kmieni mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' tliet snin tan-nuqqas ta' użu, iżda, għandu jiġi injorat fejn preparazzjonijiet għall-bidu jew kontinwazzjoni jseħħu biss wara li l-proprjetarju jkun konxju li l-applikazzjoni għar-revoka tista' tiġi preżentata.

2. Trademark għandha wkoll tkun suġġetta għal revoka jekk, wara d-data li fiha ġiet reġistrata:

(a) b'konsegwenza tal-attività jew in-nuqqas ta' attività tal-proprjetarju, tkun saret l-isem komuni fil-kummerċ għal oġġett jew servizz li għalihom ġiet irreġistrata; jew

(b) b'konsegwenza tal-użu li għamel minnha l-proprjetarju tat-trademark jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward l-oġġetti jew servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, hija tista' tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, kwalità jew oriġini ġeografika tal-oġġetti jew is-servizzi.

SUBTAQSIMA III

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

ARTIKOLU 230

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet.

2. Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' Parti, li jridu jkunu protetti mill-Parti l-oħra, għandhom ikunu suġġetti biss għal dan il-Ftehim jekk kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 231.

Artikolu 231

Indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti

1. Wara li eżaminat il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja elenkata fil-Parti A tal-Anness IX, l-Unjoni Ewropea tikkonkludi li dik il-leġiżlazzjoni tissodisfa l-elementi stabbiliti fil-Parti B ta' dak l-Anness.

2. Wara li eżaminat il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea elenkata fil-Parti A tal-Anness IX, ir-Repubblika tal-Armenja tikkonkludi li dik il-leġiżlazzjoni tissodisfa l-elementi stabbiliti fil-Parti B ta' dak l-Anness.

3. Ir-Repubblika tal-Armenja, wara li lestiet proċedura ta' oġġezzjoni u eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness X, li ġew irreġistrati mill-Unjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni elenkata fil-Parti A tal-Anness IX, għandha tipproteġihom skont il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'dan il-Ftehim.

4. L-Unjoni Ewropea, wara li lestiet proċedura ta' oġġezzjoni u eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi tar-Repubblika tal-Armenja, elenkati fl-Anness X, li ġew irreġistrati mir-Repubblika tal-Armenja skont il-leġiżlazzjoni elenkata fil-Parti A tal-Anness IX, għandha tipproteġihom skont il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 232

Żieda ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda

1. Il-Partijiet jistgħu, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 240(3), iżidu indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda mal-lista tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti stabbiliti fl-Anness X. Dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda jistgħu jiżdiedu mal-lista wara l-proċedura ta' oġġezzjoni titlesta u indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda jkunu ġew eżaminati għas-sodisfazzjon ta' kull Parti, f'konformità mal-Artikolu 231, il-paragrafi 3 u 4.

2. Il-Partijiet m'għandhom l-ebda obbligu li tiżdied indikazzjoni ġeografika ġdida mal-lista msemmija fil-paragrafu 1, fejn:

(a) l-indikazzjoni ġeografika toħloq kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew ta' razza ta' annimal u minħabba f'hekk x'iktarx li tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott;

(b) fid-dawl ta' trademark li jkollha reputazzjoni jew li tkun magħrufa, il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika x'iktarx li tqarraq lill-konsumatur dwar l-identità vera tal-prodott; jew

(c) l-isem tat-terminu huwa ġeneriku.

ARTIKOLU 233

Kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness X, għandhom ikunu protetti minn kull Parti kontra:

(a) kwalunkwe użu dirett jew indirett ta' isem protett għal prodotti kumparabbli mhux konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett, jew għax jisfrutta r-reputazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika;

(b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew l-isem protett ikun tradott, traskritt jew translitterat jew akkumpanjat minn espressjoni bħal "stil", "tat-tip", "bil-metodu", "kif prodott fi", "imitazzjoni ta'", "bit-togħma", "bħal" jew simili;

(c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew qarrieqa oħra fir-rigward il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott li x'iktarx jagħti impressjoni falza rigward l-oriġini tiegħu, tqiegħdet fuq l-ippakkjar minn ġewwa jew minn barra, il-materjal ta' reklamar jew dokumenti relatati mal-prodott konċernat, jew fuq l-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur; kif ukoll

(d) kull prattika oħra li tista' tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

2. L-inidikazzjonijiet ġeografiċi protetti m'għandhomx isiru ġeneriċi fit-territorji tal-Partijiet.

3. Meta l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu totalment jew parzjalment omonimi, il-protezzjoni għandha tingħata lil kull indikazzjoni sakemm din tkun intużat bona fide u b'attenzjoni xierqa għall-użu lokali u tradizzjonali kif ukoll għar-riskju effettiv ta' konfużjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23 tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod reċiproku l-kundizzjonijiet prattiċi tal-użu li skonthom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi se jiddifferenzjaw wieħed mill-ieħor, b'kont meħud tal-bżonn li jkun żgurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

Isem omonimu li jqarraq bil-konsumatur billi jagħtih x'jifhem li l-prodotti jkunu ġejjin minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat anke jekk l-isem ikun preċiż sa fejn huwa kkonċernat it-territorju, ir-reġjun jew il-post tal-oriġini attwali tal-prodott inkwistjoni.

4. Meta Parti, fil-kuntest ta' negozjati ma' pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz li l-isem ikun omonimu ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra protetta skont din it-Subtaqsima, din tal-aħħar tkun mgħarrfa u għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta qabel ma l-isem ikun protett.

5. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jobbliga lil Parti li tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li mhijiex jew li ma għadhiex iktar protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.

Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha. Din in-notifika għandha sseħħ f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 240(3).

6. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, ħlief meta tali isem jintuża b'mod li jqarraq bil-konsumatur.

ARTIKOLU 234

Dritt tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Isem protett taħt din is-Subtaqsima jista' jintuża minn kull operatur li jqiegħed fis-suq prodotti agrikoli, oġġetti alimentari, inbejjed, inbejjed aromatizzati jew xarbiet spiritużi li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.

2. Ladarba indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont din is-Subtaqsima, l-użu ta' tali isem protett ma għandu jkun suġġett għall-ebda reġistrazzjoni tal-utenti jew għal imposti ulterjuri.

Artikolu 235

Relazzjoni mat-trademarks

1. Il-Partijiet għandhom jirrifjutaw li jirreġistraw jew għandhom jinvalidaw marka kummerċjali li tikkorrispondi mas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 233(1) ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika protetta għal prodotti simili, sakemm applikazzjoni biex tkun reġistrata l-marka kummerċjali tkun preżentata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistarzzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat.

2. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmmija fl-Artikolu 231, id-data ta' applikazzjoni għal protezzjoni għandha tkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Għal indikazzjonijiet ġeografiċi msemmijin fl-Artikolu 232, id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tkun id-data li fiha tintbagħat talba lill-Parti l-oħra għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.

4. Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-Artikolu 232(2), il-Partijiet għandhom jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness X anke meta jkun hemm trademark preċedenti. Trademark preċedenti tfisser trademark li l-użu tagħha jikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 233(1), li għaliha tkun saret applikazzjoni, tkun ġiet irreġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk dik il-possibbiltà tkun prevista mil-leġiżlazzjoni, b'rieda tajba, fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet qabel id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tkun ġiet ippreżentata mill-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim. Trademark bħal din tista' tibqa' tiġi wżata u mġedda minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, bil-kundizzjoni li fil-leġiżlazzjoni tal-Partijiet ma jkunux jeżistu raġunijiet għall-invalidità jew ir-revoka tat-trademark.

5. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 4, trademarks preċedenti tar-Repubblika tal-Armenja li jikkonsistu minn jew fihom l-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea “Cognac” jew “Champagne”, inkluż traskrizzjoni jew traduzzjoni, irreġistrata għal prodotti simili u li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni relevanti, għandhom jiġu invalidati, irrevokati jew immodifikata biex din id-denominazzjoni tiġi eliminata bħala element ta’ trademark sħiħ, sa mhux iktar tard minn 14-il sena għal “Cognac” u sentejn għal “Champagne”, wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 236

L-infurzar tal-protezzjoni

Kull Parti għandha tinforza l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikoli 233 sa 235 b’azzjonijiet amministrattivi xierqa mill-awtoritajiet pubbliċi tagħha. Kull Parti għandha wkoll tinforza tali protezzjoni fuq talba ta' xi parti interessata.

ARTIKOLU 237

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Prodotti li kienu prodotti u ttikkettati f’konformità mal-liġi nazzjonali qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, imma li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tiegħu, jistgħu jkomplu jinbiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

2. Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 24 sena li jingħaddu sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal "Cognac" u għal perjodu tranżitorju ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal "Champagne", il-protezzjoni skont dan il-Ftehim ta' dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex tipprekludi lil dawn l-ismijiet milli jintużaw fuq prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Armenja u esportati lejn pajjiżi terzi, fejn il-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż terz ikkonċernat jippermettu, sabiex jintagħżlu u jkunu preżentati prodotti kumparabbli li joriġinaw fir-Repubblika tal-Armenja, sakemm:

(a) l-isem huwa ttikkettat esklussivament f'karattri mhux Latini;

(b) l-oriġini vera tal-prodott tkun tikkettata b'mod ċar fl-istess parti viżiva: kif ukoll

(c) xejn fil-preżentazzjoni x'iktarx li jqarraq bil-pubbliku dwar l-oriġini vera tal-prodott.

3. Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 13-il sena li jingħaddu sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal "Cognac", u għal perjodu transitorju ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal "Champagne", il-protezzjoni skont dan il-Ftehim ta' dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex tipprekludi lil dawn l-ismijiet jiġu użati fir-Repubblika tal-Armenja sakemm:

(a) l-isem huwa ttikkettat esklussivament f'karattri mhux Latini;

(b) l-oriġini vera tal-prodott tkun tikkettata b'mod ċar fl-istess parti viżiva; kif ukoll

(c) xejn fil-preżentazzjoni x'iktarx li jqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

4. Għall-finijiet ta' ffaċilitar bla xkiel u effettiva t-tmiem tal-użu tal-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea "Cognac" għal prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Armenja, kif ukoll billi jgħinu l-industrija tar-Repubblika tal-Armenja li żżomm il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-swieq tal-esportazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi lir-Repubblika tal-Armenja għajnuna teknika u finanzjarja. Dik l-assistenza, li għandha tingħata f'konformità mal-liġi tal-UE, għandha tinkludi, b'mod partikolari, azzjonijiet għall-iżvilupp ta' isem ġdid u promozzjoni, riklamar u marketing, l-isem il-ġdid fis-suq domestiku kif ukoll fis-swieq tal-esportazzjoni tradizzjonali.

5. L-ammonti speċifiċi, it-tipi, il-mekkaniżmi u l-iskedi tal-assistenza tal-UE msemmija fil-paragrafu 4 għandhom jiġu definiti b'pakkett ta' assistenza finanzjarja u teknika li għandhom jiġu miftiehma definittivament mill-Partijiet fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw b'mod konġunt it-termini ta' referenza ta' tali pakkett ta' għajnuna, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa l-ħtiġijiet li għandhom jiġu koperti minn tali assistenza. Dik l-valutazzjoni għandha titwettaq permezz ta' ditta ta' konsulenza internazzjonali magħżula b'mod konġunt mill-Partijiet.

6. F'każ li l-Unjoni Ewropea ma tipprovdix tal-assistenza finanzjarja u teknika msemmija fil-paragrafu 4, ir-Repubblika tal-Armenja tista' tirrikorri għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previsti fil-Kapitolu 13 u, jekk dan ikun ta' suċċess, jissospendi l-obbligi li jirriżultaw minn paragrafi 2 u 3.

7. L-għajnuna finanzjarja u teknika tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi provduta mhux iktar tard minn tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 238

Regoli ġenerali

1. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti msemmija fl-Artikoli 231 u 232 għandhom jitwettqu f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti li japplikaw fit-territorju tal-Parti fejn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq.

2. Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit skont l-Artikolu 240 għandu jindirizza kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta’ indikazzjoni ġeografika rreġistrata li tkun ġiet approvata mill-awtoritajiet tal-Parti li fit-territorju tagħha joriġina l-prodott, inkluż xi emendi għaliha.

3. L-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont din is-Subtaqsima jistgħu jiġu kkanċellati biss mill-Parti fejn joriġina l-prodott.

ARTIKOLU 239

Kooperazzjoni u trasparenza

1. Il-Partijiet għandhom, jew direttament jew permezz tas-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit skont l-Artikolu 240, iżommu kuntatt dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u l-funzjonament ta’ din is-Subtaqsima. B'mod partikolari, Parti tista' titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra rigward speċifikazzjonijiet ta' prodott u l-modifika tagħhom, u punti ta' kuntatt għal dispożizzjonijiet ta' kontroll.

2. Kull Parti tista' tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti taħt din id-Subtaqsima jew ġabra fil-qosor tagħhom, u informazzjoni jew punti ta' kuntatt tal-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali, li jikkorrispondu ma' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra, protetti skont din is-Subtaqsima.

ARTIKOLU 240

Sottokumitat Konġunt fuq l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Il-Partijiet b'dan jistabilixxu Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja bil-għan li jimmonitorja l-iżvilupp ta' din is-Subtaqsima u li jintensifika l-kooperazzjoni u d-djalogu tagħhom dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Is-Sottokumitat dwar Indikazzjonijiet Ġeografiċi jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Dan għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Is-Sottokumitat dwar Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandu jiltaqa' fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, b'mod alternat fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Armenja, f'ħin u f'post u b'mod li jistgħu jinkludu permezz ta' vidjokonferenza, miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet, iżda sa mhux iktar tard minn 90 ġurnata wara li tkun saret it-talba.

3. Is-Sottokumitat dwar Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandu wkoll jieħu ħsieb il-funzjonament xieraq ta' din is-Subtaqsima u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u mat-tħaddim tiegħu. B'mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli sabiex:

(a) li jemenda l-Parti A tal-Anness IX fir-rigward tar-referenzi għal-liġi applikabbli fuq it-territorji ta' kull Parti;

(b) li jemenda l-Parti B tal-Anness IX, fir-rigward tal-elementi għar-reġistrazzjoni u l-kontroll tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(c) li jemenda l-Anness X, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi,

(e) jikkondividi informazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi sabiex tkun ikkunsidrata l-protezzjoni tagħhom skont din is-Subtaqsima,

SUBTAQSIMA IV

DISINJI

ARTIKOLU 241

Ftehimiet internazzjonali

Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-Att ta' Ġinevra tal-1999 tal-Ftehim tal-Aja dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Disinji Industrijali.

ARTIKOLU 242

Il-protezzjoni ta' disinji rreġistrati

1. Kull Parti għandha tipprovdi l-protezzjoni ta' disinji maħluqa indipendentement li huma oriġinali u ġodda. Din il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta’ reġistrazzjoni, u għandha tagħti drittijiet esklussivi lid-detenturi tagħhom skont din is-Subtaqsima.

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, Parti tista' tikkunsidra li disinn li jkollu karattru individwali jkun oriġinali.

2. Disinn li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jiġi kkunsidrat biss li jkun ġdid u oriġinali:

(a) jekk il-parti komponenti, ġaladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa’ tidher matul l-użu normali ta’ dan tal-aħħar; kif ukoll

(b) safejn dawk il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jwettqu fihom infushom il-ħtiġijiet dwar in-novità u l-oriġinalità.

3. L-espressjoni “użu normali” fil-paragrafu 2(a) tfisser użu mill-utent finali, eskluży l-manutenzjoni, servising jew tiswija.

4. Id-detentur ta' disinn irreġistrat għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tad-detentur tal-anqas milli jagħmlu, joffru għall-bejgħ, ibigħu, jimpurtaw, jesportaw, jistokkjaw jew jużaw prodott li jġorr jew li jinkorpora d-disinn protett meta dawn l-atti jsiru għal skopijiet kummerċjali, jippreġudikaw b'mod mhux ġustifikat l-użu normali tad-disinn, jew ma jkunux kompatibbli mal-prattiki tal-kummerċ ġust.

5. Id-dewmien tal-protezzjoni disponibbli għandu jkun ta' 25 sena.

ARTIKOLU 243

Protezzjoni mogħtija lil disinji mhux reġistrati

1. L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja għandhom jipprovdu l-mezzi legali sabiex jimpedixxu l-użu tad-dehra mhux irreġistrata ta' prodott, jekk l-użu kkontestat jirriżulta biss mill-ikkupjar tad-dehra mhux irreġistrata ta' tali prodott. Użu bħal dan għandu tal-anqas ikopri l-offerta għall-bejgħ, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodott.

2. Il-perjodu ta' protezzjoni disponibbli għad-dehra mhux irreġistrata għandu jammonta għal mill-inqas tliet snin mid-data meta d-disinn tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'waħda mill-Partijiet.

ARTIKOLU 244

Eċċezzjonijiet u esklużjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinji, bil-kundizzjoni li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt inġust mal-isfruttament normali tad-disinji protetti u ma jippreġudikawx inġustament l-interessi leġittimi tad-detentur tad-disinn protett, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi tal-partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinni m'għandhiex testendi għal disinni ddettati essenzjalment minn konsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali. B'mod partikolari, ma għandux ikun hemm dritt ta' disinn għall-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkunu meħtieġa jiġu riprodotti fil-forma u fil-qisien eżatti tagħhom biex il-prodott, li fih id-disinn ikun inkorporat jew li għalih ikun applikat, ikun jista' jitqabbad mekkanikament ma' jew jitqiegħed fi, madwar jew kontra prodott ieħor b'mod li ż-żewġ prodotti jkunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 245

Ir-relazzjoni mad-dritt tal-awtur

Disinn għandu jkun ukoll eliġibbli għall-protezzjoni skont il-liġi tad-dritt tal-awtur ta' Parti mid-data li fiha d-disinn ikun inħoloq jew iffissat fi kwalunkwe forma. Il-punt safejn, u l-kundizzjonijiet li fuqhom, din il-protezzjoni tiġi kkonferita, inkluż il-livell meħtieġ tal-oriġinalità, għandhom jiġu stabbiliti minn kull Parti, suġġett għal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha.

SUBTAQSIMA V

PRIVATTIVI

ARTIKOLU 246

Ftehimiet internazzjonali

Il-Partijiet għandhom iżommu mat-Trattat tal-Kooperazzjoni dwar il-Privattivi u jagħmlu kull sforz raġonevoli sabiex jikkonformaw mat-Trattat tal-Liġi dwar il-Privattivi.

ARTIKOLU 247

Privattivi u saħħa pubblika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont din is-Subtaqsima, il-Partijiet għandhom jiżguraw konsistenza ma' dik id-Dikjarazzjoni.

2. Il-partijiet għandhom jirrispettaw, u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika.

ARTIKOLU 248

Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prodotti mediċinali u dawk għall-protezzjoni tal-pjanti, protetti bi privattiva fit-territorju rispettiv tagħhom jistgħu jkunu suġġetti għal proċedura amministrattiva ta’ awtorizzazzjoni qabel ma jitpoġġew fis-suq tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-perjodu li jgħaddi bejn l-inkartar tal-applikazzjoni għal privattiva u l-ewwel awtorizzazzjoni biex il-prodott jitpoġġa fis-suq rispettiv tagħhom, kif definit għal dak l-iskop mil-leġiżlazzjoni relevanti, jista’ jqassar il-perjodu ta’ protezzjoni effettiva skont il-privattiva.

2. Kull Parti għandha tipprovdi għal perjodu ulterjuri ta’ protezzjoni għal prodott mediċinali jew wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti protett bi privattiva u li kien suġġett għal proċedura amministrattiva ta’ awtorizzazzjoni, b'dak il-perjodu li jkun ekwivalenti għall-perjodu msemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1, imnaqqas b'perjodu ta’ ħames snin.

3. Minkejja l-paragrafu 2, id-durata tal-perjodu ulterjuri ta' protezzjoni ma jistax jaqbeż il-ħames snin.

Fl-Unjoni, sitt xhur estenzjoni hija possibbli fil-każ ta’ prodotti mediċinali li għalihom twettqu studji pedjatriċi, u r-riżultati ta’ dawk l-istudji huma riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott.

SUBTAQSIMA VI

INFORMAZZJONI MHUX ŻVELATA

ARTIKOLU 249

L-ambitu ta’ protezzjoni ta’ sigrieti kummerċjali

1. Il-partijiet jaffermaw l-impenji tagħhom taħt il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS. Kull Parti għandha tipprovdi għal proċeduri ġudizzjarji ċivili u rimedji xierqa għal kwalunkwe detentur ta’ sigriet kummerċjali biex jipprevjeni, u jiksbu rimedju għal, l-akwiżizzjoni, l-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali meta mwettaq f’mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) “sigriet kummerċjali” jfisser informazzjoni li:

(i) hu sigriet fis-sens li mhux, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni preċiża u l-assemblaġġ tal-komponenti tiegħu, magħruf ġeneralment jew aċċessibbli b’mod faċli lill-persuni li ġeneralment jittrattaw din it-tip ta’ informazzjoni;

(ii) għandu valur kummerċjali minħabba li hu sigriet; kif ukoll

(iii) kien suġġett għal passi raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali tal-informazzjoni, biex jinżamm sigriet;

(b) "detentur tas-sigriet kummerċjali" jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li legalment tikkontrolla sigriet kummerċjali;

3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, minn tal-inqas dawn il-forom ta' kondotta għandhom jiġu kkunsidrati kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta:

(a) il-ksib ta' sigriet kummerċjali mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, kull meta jitwettaq permezz ta' aċċess mhux awtorizzat għal, l-approprjazzjoni ta', jew l-ikkupjar ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, li fihom sigrieti kummerċjali jew li minnhom wieħed jista' jiddeduċi sigrieti kummerċjali;

(b) l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali kull meta jitwettaq, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, minn persuna li tinstab li:

(i) kisbet is-sigriet kummerċjali b'mod msemmi fil-punt (a);

(ii) tkun qed tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dover ieħor biex ma tiżvelax is-sigriet kummerċjali; jew

(iii) tkun qed tikser kuntratt jew kull dover ieħor li jillimita l-użu tas-sigriet kummerċjali;

(c) l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali meta jitwettaq minn persuna li, fil-mument tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar, kienet taf, jew kellha, taħt iċ-ċirkostanzi, tkun taf li s-sigriet kummerċjali kien miksub direttament jew indirettament minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod illegali fis-sens tal-punt (b), inkluż meta persuna tkun indukiet lil persuna oħra biex twettaq l-azzjonijiet imsemmija f'dak il-punt.

4. Xejn f'din is-Subtaqsima għandha tinftiehem bħala li titlob lil xi Parti li tikkunsidra kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti minn persuna tal-informazzjoni relevanti;

(b) inġinerija inversa ta' prodott minn persuna li għandha legalment fil-pussess tagħha u li hija libera minn kwalunkwe dmir legalment validu biex jiġi limitat il-ksib ta' informazzjoni relevanti;

(c) l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' informazzjoni meħtieġa jew permessi mil-liġi nazzjonali relevanti;

(d) l-użu mill-impjegati tal-esperjenza u l-ħiliet miksuba b'mod onest matul l-impjieg tagħhom;

5. Xejn f'din is-Subtaqsima m'għandu jinftiehem bħala li jirrestrinġi l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, inkluż il-libertà tal-midja kif protett fil-ġuriżdizzjoni ta' kull waħda mill-Partijiet.

ARTIKOLU 250

Proċeduri ġudizzjarji ċivili u rimedji għan-nuqqas ta' sigrieti kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li tipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmija fl-Artikolu 249, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux permess biex juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu, b'rispons għal applikazzjoni debitament raġonata mill-parti interessata, identifikaw bħala kunfidenzjali u li jkunu saru konxji bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

2. Fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmija fl-Artikolu 249, kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità mill-inqas biex:

(a) jordnaw miżuri proviżorji sabiex jipprevjenu l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti;

(b) jordnaw mandat ta' inibizzjoni sabiex jipprevjenu l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti;

(c) jordnaw li persuna li kien jaf jew li messu kien jaf li hu, jew hi kienet qed takkwista, tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali d-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba b'riżultat ta' dak l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali;

(d) jieħdu miżuri speċifiċi biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali ppreżentati fi proċeduri ċivili li jikkonċernaw l-allegat akkwist, użu u żvelar ta' sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti; tali miżuri jistgħu jinkludu, f'konformità mal-liġi domestika tal-Parti relevanti, il-possibbiltà li:

(i) jillimitaw l-aċċess għal ċerti dokumenti b'mod sħiħ jew parzjali;

(ii) jirrestringu l-aċċess għas-seduti u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom; kif ukoll

(iii) jagħmlu disponibbli verżjoni mhux kunfidenzjali ta' deċiżjoni ġudizzjarja, li fiha s-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali jkunu tneħħew jew tgħattew; kif ukoll

(e) jimponu sanzjonijiet fuq partijiet, jew persuni oħra suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-qorti, għal ksur ta' miżuri korrettivi jew miżuri adottati mill-qorti skont il-paragrafu 1 jew il-punt (d) ta' dan il-paragrafu li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali jew allegati sigrieti kummerċjali ppreżentati f'dawk il-proċedimenti.

3. Il-partijiet m'għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu għal proċeduri ġudizzjarji u r-rimedji msemmija fl-Artikolu 249 meta mġieba kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta titwettaq, skont il-liġi nazzjonali relevanti tagħhom, biex jikxfu mġiba ħażina, għemil ħażin jew attività illegali jew għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mil-liġi.

ARTIKOLU 251

Il-protezzjoni tad-data ppreżentata biex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jitpoġġa prodott mediċinali fis-suq

1. Kull Parti għandha tipproteġi l-informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali sottomessa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jitqiegħed prodott mediċinali fis-suq ("awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq") kontra d-divulgazzjoni lil partijiet terzi, sakemm l-interessi tas-saħħa prevalenti ma jipprovdux mod ieħor. Kull informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali għandha wkoll tibbenefika minn protezzjoni kontra prattiki kummerċjali żleali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, għal perjodu ta' tmien snin li jibdew mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fil-Parti kkonċernata, l-entità pubblika responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq m'għandhiex tieħu kont ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew ir-riżultati ta' testijiet prekliniċi jew provi kliniċi pprovduti fl-ewwel applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u, sussegwentement, ippreżentat minn persuna jew entità, pubblika jew privata, oħra b'appoġġ ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jitqiegħed prodott mediċinali fis-suq mingħajr il-kunsens espliċitu tal-persuna jew l-entità li ppreżentat dik id-data, sakemm il-ftehimiet internazzjonali rikonoxxuti miż-żewġ Partijiet ma jipprovdux mod ieħor.

3. Matul perjodu ta’ għaxar snin, li jibda mid-data tal-għotja ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fil-Parti kkonċernata, l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal kull applikazzjoni sussegwenti bbażata fuq ir-riżultati ta’ testijiet prekliniċi jew ta’ provi kliniċi pprovduti fl-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq m’għandhiex tippermetti t-tqegħid fis-suq ta’ prodott mediċinali, sakemm l-applikant sussegwenti jippreżenta r-riżultati tiegħu tat-testijiet prekliniċi jew tal-provi kliniċi (jew ir-riżultati ta’ testijiet prekliniċi jew ta’ provi kliniċi użati bil-kunsens tal-parti li tkun ipprovdiet dik l-informazzjoni) li jissodisfaw l-istess rekwiżiti kif kien hemm l-ewwel rikorrent.

Prodotti li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet stabbiliti f’dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu permessi fis-suq.

4. B’żieda ma’ dan, il-perjodu ta’ għaxar snin imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi estiż għal massimu ta’ ħdax-il sena jekk, matul l-ewwel tmien snin wara li tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni inizjali, id-detentur jikseb awtorizzazzjoni għal wieħed jew iktar mill-indikazzjonijiet terapewtiċi ġodda li jitqiesu bħala ta’ benefiċċju kliniku sinifikanti meta mqabbla ma’ terapiji eżistenti.

ARTIKOLU 252

Il-protezzjoni tad-data dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

1. Kull Parti għandha tirrikonoxxi dritt temporanju tal-protezzjoni tad-data lis-sid ta' test jew rapport ta' studju ppreżentat għall-ewwel darba biex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Matul tali perjodu, ir-rapport ta’ test jew studju ma għandux ikun użat għall-benefiċċju ta’ kwalunkwe persuna oħra li tfittex li tikseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, għajt meta jkun mogħti l-kunsens espliċitu tal-ewwel sid. F’din is-Subtaqsima dan id-dritt temporanju jissejjaħ “protezzjoni tad-data”.

2. It-test jew rapport ta' studju msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew għall-emenda ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi permess l-użu fuq uċuħ tar-raba' oħra; kif ukoll

(b) ikunu ċertifikati bħala konformi mal-prinċipji ta' prattika tal-laboratorji tajba jew prattika esperimentali tajba.

3. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-data għandu jkun ta' mill-inqas għaxar snin li jibdew mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni fil-Parti kkonċernata. Għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, il-perjodu jista' jiġi estiż għal 13-il sena.

4. Il-perjodi msemmija fil-paragrafu 3 għandu jiġu estiżi bi tliet xhur għal kull estensjoni ta' awtorizzazzjoni għal użi minuri jekk l-applikazzjonijiet għal tali awtorizzazzjonijiet ikunu magħmula mid-detentur tal-awtorizzazzjoni mill-inqas ħames snin wara d-data tal-ewwel awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti. Il-perjodu totali ta' protezzjoni ta' data ma jista' fl-ebda ċirkostanzi jaqbeż it-tlettax-il sena. Għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, il-perjodu totali ta' protezzjoni tad-data ma jista' fl-ebda ċirkostanzi jaqbeż il-ħmistax-il sena.

It-terminu “użu minuri” tfisser użu fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet, ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fuq pjanti u prodotti tal-pjanti li mhumiex imkabbra b’mod estensiv f’dik il-Parti jew li jitkabbar ħafna biex tiġi sodisfatta ħtieġa eċċezzjonali ta’ protezzjoni tal-pjanti.

5. Test jew studju għandu jkun protett ukoll jekk ikun meħtieġ għat-tiġdid jew għar-rieżami ta' awtorizzazzjoni. F'dawk il-każijiet, il-perjodu għall-protezzjoni tad-data għandu jkun ta' 30 xahar.

6. Miżuri li jobbligaw lill-applikant u lid-detenturi ta’ awtorizzazzjonijiet preċedenti, stabbiliti fit-territorji rispettivi tal-Partijiet, biex jikkondividu informazzjoni ta’ proprjetà sabiex ikun evitat ittestjat dupplikattiv fuq annimali vertebri, għandu jkun stabbilit minn kull Parti.

SUBTAQSIMA VII

IL-VARJETAJIET TAL-PJANTI

ARTIKOLU 253

Il-varjetajiet tal-pjanti

1. Kull Parti għandha tipproteġi d-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti, b'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV), inkluż l-eċċezzjoni fakultattiva tad-dritt ta' min ikabbar kif imsemmi fl-Artikolu 15 tal-imsemmija Konvenzjoni, u jikkooperaw sabiex jippromwovu u jinfurzaw dawk id-drittijiet.

2. Għar-Repubblika tal-Armenja, dan l-Artikolu għandu japplika mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

TAQSIMA C

INFURZAR TAD-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETWALI

SUBTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 254

Obbligi Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom taħt il-Ftehim TRIPS, b'mod partikolarment il-Parti III tiegħu. Kull Parti għandha tipprevedi l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji kumplementari stabbiliti f'din it-Taqsima meħtieġa biex jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u ma għandhomx ikunu mhux neċessarjament kumplikati jew għaljin, jew li jwasslu għal-limiti ta' ħin mhux raġjonevoli jew dewmien mhux ordnat.

2. Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu wkoll effetttivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' ostakli biex jiġi leġitimiżżat il-kummerċ u biex jiġu provduti protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom.

3. Għall-finijiet tas-Subtaqsima II ta' din it-Taqsima, il-kunċett ta' "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" ikopri mill-inqas id-drittijiet segwenti:

(a) id-drittijiet tal-awtur;

(b) id-drittijiet relatati mad-dritt tal-awtur;

(c) id-dritt *sui generis* tal-ħallieq ta' bażi ta' data;

(d) drittijiet ta' min joħloq topografiji ta' prodott semikunduttur;

(e) drittijiet tat-trademarks;

(f) drittijiet tad-disinn;

(g) drittijiet tal-privattiva, inklużi d-drittijiet miksuba biċ-ċertifikati ta' ħarsien supplementari

(h) indikazzjonijiet ġeografiċi;

(i) drittijiet ta' mudell ta' utilità;

(j) id-drittijiet għal varjetajiet ta' pjanti; kif ukoll

(k) ismijiet kummerċjali sakemm dawn ikunu protetti bħala drittijiet esklussivi fil-liġi domestika kkonċernata.

Sigrieti kummerċjali huma esklużi mill-ambitu ta' din it-Taqsima. Infurzar ta' sigrieti kummerċjali hija indirizzata fl-Artikolu 250.

ARTIKOLU 255

L-applikanti intitolati

Kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala persuni intitolati biex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

(a) id-detenturi ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(b) il-persuni l-oħra kollha awtorizzati li jużaw dawk id-drittijiet, b'mod partikolari d-detenturi ta' liċenzja, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli u sa fejn ikun permess minnhom;

(c) l-entitajiet ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi tal-proprjetà intellettwali li jkunu regolarment rikonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli u sa fejn ikun permess minnhom;

(d) l-entitajiet professjonali ta' difiża li jkunu regolarment rikkonoxxuti bħala li jkollhom id-dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, safejn ikun permess u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.

SUBTAQSIMA II

INFURZAR ĊIVILI

ARTIKOLU 256

Miżuri għall-preservazzjoni tal-evidenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li, anke qabel il-bidu tal-proċedimenti fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba minn Parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-allegazzjonijiet tiegħu/tagħha li d-dritt tal-proprjetà intellettwali tiegħu/tagħha jkun inkiser jew ikun se jinkiser, jordnaw miżuri proviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza relevanti fir-rigward tal-allegat ksur, suġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Il-miżuri proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid ta' kampjuni jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-oġġetti kontraventorji, u f'każijiet xierqa, il-materjali u l-għodod użati fil-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti u d-dokumenti relatati magħhom. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn, mingħajr ma tinstema l-parti l-oħra, b'mod partikolari fejn kwalunkwe dewmien ikun probabbli li jikkawża dannu rreparabbli lid-detentur tad-dritt jew fejn ikun hemm riskju li jista' jintwera li qiegħda tinqered l-evidenza. Il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li tinstema’ fi żmien raġonevoli.

ARTIKOLU 257

Dritt għall-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tassigura li, fil-proċeduri ċivili fir-rigward ta' ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali u bi tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata mir-rikorrent, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw lil min iwettaq il-vjolazzjoni u/jew lil kwalunkwe persuna oħra li tkun parti f'tilwima jew xhieda tagħha, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-prodotti jew is-servizzi li jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "kull persuna oħra" tfisser persuna li:

(a) instabet fil-pussess tal-prodotti kontraventorji fuq skala kummerċjali;

(b) instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi kontraventorji fuq skala kummerċjali;

(c) instabet li kienet qiegħda tipprovdi fuq skala kummerċjali, servizzi użati f'attivitajiet kontraventorji; jew

(d) ġiet indikata mill-persuna msemmija f'dan il-paragrafu bħala li hija involuta fil-produzzjoni, il-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew fil-provvediment tas-servizzi.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, kif xieraq:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, il-manifatturi, id-distributuri, il-fornituri u detenturi preċedenti oħra tal-prodotti jew is-servizzi, kif ukoll il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati; kif ukoll

(b) informazzjoni dwar il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, ikkonsenjati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet statutorji oħra li:

(a) jagħtu lid-detentur tad-dritt id-drittijiet li jirċievi informazzjoni iktar sħiħa;

(b) jirregolaw l-użu fil-proċedimenti ċivili jew kriminali, tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-Artikolu;

(c) jirregolaw ir-responsabbiltà għall-użu ħażin tad-dritt tal-informazzjoni;

(d) jagħtu l-opportunità ta' rifjut li tingħata informazzjoni li ġġiegħel lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tammetti l-parteċipazzjoni tagħha jew dik ta' qraba viċin tagħha fi ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali; jew

(e) jirregolaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni jew l-ipproċessar tad-data personali.

ARTIKOLU 258

Miżuri proviżorji u kawtelatorji

1. Kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu, fuq it-talba tal-applikant, joħorġu kontra l-kontravventur mandat interlokutorju intiż biex jipprevjeni kontravenzjoni imminenti tad-dritt tal-proprjetà intellettwali. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jipprojbixxu wkoll, fuq bażi proviżorja u suġġetta, fejn ikun xieraq, għal pagament rikorrenti ta' penali fejn ikun previst fil-liġi domestika, il-kontinwazzjoni tal-ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tali kontinwazzjoni tkun suġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba biex ikun żgurat il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Mandat interlokutorju jista' jinħareġ wkoll, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn parti terzi biex issir kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali.

2. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll sabiex jiġi ordnat il-qbid jew iċ-ċessjoni ta' prodotti li dwarhom ikun hemm is-suspett li qed jiksru dritt ta’ proprjetà intellettwali sabiex jipprevjenu d-dħul fi jew il-movimenti tagħhom fil-mezzi kummerċjali.

3. Fil-każ ta' ksur allegat imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tiżgura li, jekk l-applikant juri ċirkustanzi li x'iktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw is-sekwestru prekawzjonarju tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, fosthom is-sekwestru tal-kontijiet bankarji u assi oħra tiegħu. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jordnaw il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni relevanti.

ARTIKOLU 259

Miżuri rimedjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u mingħajr preġudizzju għal kull dannu dovut lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kwalunkwe xorta, mill-inqas it-tneħħija definittiva mill-kanali kummerċjali jew il-qerda tal-prodotti li sabu li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u għodod użati b'mod predominanti fil-ħolqien jew il-manifattura ta' dawk il-prodotti.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Partijiet għandhom ikollhom is-setgħa jordnaw li dawk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu bl-ispejjeż għall-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex dan ma jsirx.

ARTIKOLU 260

Inġunzjonijiet

Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura li, meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta’ dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu joħorġu inġunzjoni, kontra min ikun kiser id-drittijiet, kif ukoll kontra kull intermedjarju li s-servizzi tiegħu jkunu ntużaw minn parti terza biex tikser dritt ta' proprjetà intellettwali, li tkun immirata sabiex tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur.

ARTIKOLU 261

Miżuri alternattivi

Kull Parti tista' tipprovdi li, f'każijiet xierqa u fuq talba tal-persuna responsabbli li tkunu suġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 259 jew l-Artikolu 260, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati l-miżuri previsti f'dawn l-Artikoli. Tali kumpens pekunarju għandu jitħallas jekk il-persuna li x'aktarx tkun suġġetta għal dawk il-miżuri tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonali u mingħajr negliġenza, u jekk l-eżekuzzjoni ta' dawk il-miżuri stipulati fl-Artikolu 259 u 260 toħloq ħsara sproporzjonata u kumpens pekunarju għal din il-persuna lill-parti li ssirilha l-ħsara tidher raġonevolment sodisfaċenti.

ARTIKOLU 262

Danni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji, fuq l-applikazzjoni tal-parti li sarulha d-danni, jordnaw lill-kontraventur li, jew kien jaf, jew kellu raġunijiet validi biex ikun jaf, daħal f'attività ta' ksur, biex iħallas il-kumpens għad-danni lid-detentur tad-dritt skont id-dannu attwali mġarrab minnu riżultat tal-ksur. Meta l-awtoritajiet ġudizzjarji jiddeterminaw id-danni:

(a) huma għandhom iqisu l-aspetti kollha xierqa, bħalma huma l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, fosthom il-profitti mitlufa, li tkun sofriet il-parti li ssofri dannu, kwalunkwe qligħ inġust li jkun għamel il-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi li ma jkunux fatturi ekonomiċi, bħall-ħsara morali kkawżata lid-detentur tad-dritt mill-ksur; jew

(b) bħala alternattiva għal punt (a), huma jistgħu, f'każijiet xierqa, jiddeterminaw id-danni bħala somma waħda f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħall-inqas ammont ta' ħlasijiet jew tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku min jikser id-drittijiet ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni.

2. Meta min jikser id-drittijiet ma jkunx involva ruħu konxjament, jew b'raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf, f'attività ta' ksur, Parti tista' tipprovdu li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw l-irkupru ta' profitti jew il-pagament ta' danni li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel favur il-persuna danneġġata.

ARTIKOLU 263

Spejjeż legali

Kull Parti għandha tiżgura li l-ispejjeż legali u spejjeż oħra raġonevoli u proprozjonati mħallsa mill-parti rebbieħa, bħala regola ġenerali, jitħallsu mill-parti telliefa, sakemm l-ekwità ma tippermettix li jsir dan.

ARTIKOLU 264

Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

Kull Parti għandha tiżgura li, fil-proċedimenti legali stabbiliti għall-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u għad-dannu tal-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, inkluż il-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha.

ARTIKOLU 265

Il-preżunzjoni tal-oriġini jew tas-sjieda

Il-partijiet jirrikonoxxu li għall-finijiet li jkunu applikati l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'din it-Taqsima huwa suffiċjenti li l-isem ta' awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku li jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu sabiex l-awtur jiġi kkunsidrat bħala tali, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, u konsegwentament biex ikunu intitolat li jiftaħ proċedimenti ta' ksur.

SUBTAQSIMA III

INFURZAR TRANSKONFINALI

ARTIKOLU 266

Infurzar transkonfinali

1. Meta jimplimentaw miżuri dwar il-fruntieri għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tiżgura l-konformità mal-obbligi tagħha taħt il-GATT 1994 u l-Ftehim TRIPS.

2. Bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fit-territorju doganali ta' kull waħda mill-Partijiet, l-awtoritajiet doganali għandhom, fi ħdan il-limiti tal-awtorità tagħhom, jadottaw firxa ta' approċċi sabiex jiġu identifikati kunsinni li jkollhom merkanzija suspettata li tikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Dawn l-approċċi għandhom jinkludu tekniki tal-analiżi tar-riskju bbażati, fost l-oħrajn, fuq informazzjoni mogħtija mid-detenturi tad-drittijiet, l-intelligence li tkun inġabret u l-ispezzjonijiet tal-merkanzija.

3. L-awtoritajiet doganali ta’ kull Parti għandhom, fuq talba minn detenturi tad-drittijiet, jieħdu miżuri biex iżommu jew jissospendu r-rilaxx ta’ merkanzija taħt kontroll doganali li tkun suspettata li tikser it-trademarks, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, indikazzjonijiet ġeografiċi, privattivi, mudelli ta’ utilità, disinni industrijali, topografiji ta’ ċirkwiti integrati u d-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti.

4. Mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jibdew diskussjonijiet rigward id-drittijiet relevanti tal-awtoritajiet doganali tagħhom li jżommu jew jissospendu, fuq l-inizjattiva tagħhom stess, ir-rilaxx tal-merkanzija taħt kontroll doganali suspettata li jikser it-trademarks, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, indikazzjonijiet ġeografiċi, privattivi, mudelli ta’ utilità, disinni industrijali, topografiji ta’ ċirkwiti integrati u d-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti.

5. Minkejja l-paragrafu 3, Parti m’għandha l-ebda obbligu iżda tista’ tiddeċiedi li tapplika dawn il-miżuri għall-importazzjonijiet ta’ prodotti mqiegħda fuq is-suq f’pajjiż ieħor minn jew bil-kunsens tad-detentur tad-dritt.

6. Il-Partijiet jaqblu li jikooperaw fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali ta’ merkanzija suspettata li tikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għal dak l-għan, kull Parti għandha tistabbilixxi punt ta’ kuntatt mal-amministrazzjoni doganali tagħha u tinnotifika lill-Parti l-oħra b’dan. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi skambji ta' informazzjoni rigward mekkaniżmi li jirċievu l-informazzjoni mingħand id-detenturi tad-drittijiet, l-aħjar prattiki u esperjenzi bi strateġiji ta' ġestjoni tar-riskju, kif ukoll informazzjoni ta' għajnuna fl-identifikazzjoni ta' kunsinni suspettati li fihom prodotti kontraventorji. Kull informazzjoni għandha tingħata b’mod li jirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data personali applikabbli fit-territorju ta’ kull Parti.

7. Mingħajr preġudizzju għal forom oħra ta’ kooperazzjoni, il-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f’Affarijiet Doganali għandu jkun applikabbli għall-finijiet tal-infurzar tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali fil-fruntieri.

8. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali dwar il-kompetenza ta’ Sħubija, is-Sottokumitat dwar id-Dwana msemmi fl-Artikolu 126 għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni ta’ dan l-Artikolu, li jistabbilixxi l-prijoritajiet u jipprevedi proċeduri adegwati għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet.

SUBTAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA TA' INFURZAR

ARTIKOLU 267

Kodiċijiet ta' kondotta

1. Kull Parti għandha tinkoraġġixxi:

(a) l-iżvilupp permezz tal-kummerċ jew assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet ta' kodiċi ta' kondotta bil-għan li jikkontribwixxu għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; kif ukoll

(b) is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti, ta' abbozz ta' kodiċijiet ta' mġiba u kwalunkwe evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn il-kodiċijiet ta' mġiba.

ARTIKOLU 268

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jaqblu li jikkoperaw bil-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi meħuda f'dan il-Kapitolu.

2. L-oqsma ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-qafas ġuridiku fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-regoli relevanti tal-protezzjoni u l-infurzar kif ukoll l-iskambju ta' esperjenzi fl-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-progress leġiżlattiv f'dawk l-oqsma;

(b) l-iskambju ta’ esperjenzi u informazzjoni dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprejtà intellettwali;

(c) l-iskambju ta’ esperjenzi dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali, il-pulizija, il-korpi amministrattivi u ġudizzjarji fuq livell ċentrali u subċentrali;

(d) il-koordinazzjoni ta’ azzjonijiet sabiex tiġi evitata l-esportazzjoni ta’ merkanzija falza, fosthom ma’ pajjiżi oħra;

(e) il-bini ta' kapaċità, l-iskambju u taħriġ tal-persunal;

(f) il-promozzjoni u t-tixrid ta’ informazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, fost l-oħrajn fi ċrieki kummerċjali u s-soċjetà ċivili, kif ukoll il-fatt li titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali fost il-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet;

(g) it-titjib tal-kooperazzjoni istituzzjonali, pereżempju bejn uffiċċji ta' proprjetà intellettwali taż-żewġ Partijiet;

(h) il-promozzjoni attiva ta’ inizjattivi ta’ sensibilizzazzjoni u edukazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali dwar politiki li jikkonċernaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż bil-formulazzjoni ta' strateġiji effettivi biex jiġu identifikati udjenzi ewlenin u l-ħolqien ta' programmi ta' komunikazzjoni biex jiżdied l-għarfien tal-konsumatur u tal-midja dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u l-konnessjoni mal-kriminalità organizzata.

3. Mingħajr preġudizzju u bħala kumpliment għall-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jaqblu li jistabbilixxu u jżommu djalogu effettiv dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali ("Djalogu dwar l-IP") sabiex jindirizzaw suġġetti relevanti għall-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni relevanti oħra.

KAPITOLU 8

AKKWIST PUBBLIKU

ARTIKOLU 269

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern

Il-partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom taħt il-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern tal-2012[1] ("il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tal-Gvern tad-WTO"). Dawk id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti mill-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet ta' kull Parti stabbilita fl-Annessi rispettivi tagħhom tal-Appendiċi I, isiru parti minn dan il-Ftehim u huma suġġetti ta' tilwim bilaterali kif previst fil-Kapitolu 13.

[1] L-Anness tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA/113).

ARTIKOLU 270

Kamp ta’ Applikazzjoni addizzjonali

1. Il-Partijiet għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli I sa IV, VI sa XV, XVI.1 sa XVI.3, XVII u XVIII tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO għal akkwisti koperti fl-Anness XI ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat ta’ Sħubija jista’ jiddeċiedi li jemenda l-Anness XI ta’ dan il-Ftehim. Fir-rigward tal-proċedura għal modifiki jew rettifiki ta’ dak l-Anness minn Parti, il-Partijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XIX tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO *mutatis mutandis*, suġġett għan-notifiki li qed isiru direttament lill-Parti l-oħra u r-referenza għal soluzzjoni tat-tilwim hija mifhuma bħala li tirreferi għall-Kapitolu 13.

ARTIKOLU 271

Dixxiplini addizzjonali

Il-Partijiet għandhom japplikaw kemm għal akkwisti koperti permezz fl-Annessi rispettivi tagħhom tal-Appendiċi I tal-Ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern tal-WTO u għal dawk koperti permezz tal-Anness XI ta’ dan il-Ftehim, id-dixxiplini addizzjonali li ġejjin:

Il-pubblikazzjoni elettronika tal-avviżi tal-akkwist

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-avviżi kollha ta' akkwist ippjanat huma direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi mingħajr ħlas permezz ta' punt uniku ta' aċċess fuq l-Internet. Barra minn hekk, avviżi jistgħu jiġu ppubblikati wkoll b'mod xieraq bil-karta. Tali mezz għandu jkun imxerred b'mod wiesgħa u tali avviżi għandhom jibqgħu faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-inqas sakemm jiskadi l-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż.

Rekwiżiti għall-proċeduri ta' rieżami

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri meħuda fir-rigward tal-proċeduri ta' reviżjoni speċifikati fl-Artikolu XVIII tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO jipprovdi s-setgħat meħtieġa biex:

(a) jittieħdu, mal-ewwel opportunità possibbli u permezz ta' proċeduri interlokutorji, miżuri intermedji bil-għan li jiġi korrett il-ksur allegat jew li ma jsirx dannu ulterjuri lill-interessi kkonċernati, inklużi miżuri għas-sospensjoni jew sabiex tiġi żgurata s-sospensjoni tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku jew l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtorità kontraenti;

(b) jitwarrbu jew jiġi żgurat it-twarrib ta' deċiżjonijiet meħuda illegalment, inkluż it-tneħħija ta' speċifikazzjonijiet diskriminatorji tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji fis-sejħa għall-offerti ppubblikata jew ippjanata, fid-dokumenti tal-kuntratt jew fi kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedura ta' l-għoti ta' kuntratt; kif ukoll

(c) jingħataw danni lil persuni li jġarrbu ħsara minn xi ksur.

3. Fil-każ ta' reviżjoni ta' deċiżjoni ta' għoti, kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità kontraenti ma tkunx tista' tikkonkludi l-kuntratt qabel ma l-korp ta' reviżjoni jkun ħa deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal miżuri interim jew għal reviżjoni. Is-sospensjoni m'għandhiex tintemm qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' waqfien imsemmi fil-paragrafu 6.

4. Kull Parti għandha tiżgura li deċiżjonijiet meħuda mill-korpi responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni jkunu jistgħu jiġu infurzati b'mod effettiv.

5. Il-membri indipendenti ta' korpi ta' reviżjoni m'għandhomx ikunu r-rappreżentanti ta' xi awtoritajiet kontraenti.

Għal dak li jirrigwarda l-korpi responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni li m'humiex ta' natura ġudizzjarja, kull Parti għandha tiżgura li:

(a) raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tagħhom jingħataw dejjem;

(b) kwalunkwe miżura allegatament illegali meħuda minn korp indipendenti ta' reviżjoni jew kwalunkwe allegat difett fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu jistgħu jkunu s-suġġett ta' reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni minn korp ieħor indipendenti li hija qorti jew tribunal u li tkun indipendenti kemm mill-awtorità kontraenti kif ukoll mill-entità tar-reviżjoni;

(c) il-membri ta' tali korp indipendenti għandhom jiġu maħtura u jħallu l-kariga tagħhom skont l-istess kundizzjonijiet tal-membri tal-ġudikatura f'dak li għandu x'jaqsam mal-awtorità responsabbli mill-ħatra tagħhom, il-perjodu tagħhom fil-kariga, u t-tneħħija tagħhom;

(d) tal-anqas il-President ta’ tali korp indipendenti għandu jkollu l-istess kwalifiki legali u professjonali bħall-membri tal-ġudikatura; kif ukoll

(e) il-korp indipendenti għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu wara proċedura li fiha jinstemgħu ż-żewġ naħat, u dawn id-deċiżjonijiet għandhom, b’mezzi ddeterminati minn kull Parti, ikunu vinkolanti.

Perjodu sospensiv

6. L-awtorità kontraenti ma tistax tikkonkludi kuntratt wara d-deċiżjoni li jingħata kuntratt li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu qabel:

(a) l-iskadenza ta’ perjodu ta’ waqfien ta’ mill-inqas għaxart-ijiem kalendarji b’effett mill-jum wara d-data li fiha d-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt tintbagħat lill-offerenti u l-kandidati kkonċernati jekk jintużaw fax jew mezz elettroniku; jew

(b) qabel l-iskadenza ta’ perjodu ta’ waqfien jew ta’ mill-inqas ħmistax-il jum kalendarji b’effett mill-jum wara d-data li fiha d-deċiżjoni ta’ għoti ta’ kuntratt tiġi mibgħuta lill-offerenti u l-kandidati kkonċernati jew mill-inqas għaxart-ijiem kalendarji b’effett mill-jum wara d-data tar-riċevuta tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt, jekk jintużaw mezzi ta’ komunikazzjoni oħrajn.

Alternattivament, Parti tista’ tipprovdi li l-perjodu ta’ waqfien ikun attivat permezz tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-għoti f’midja elettronika mingħajr ħlas, skont l-Artikolu XVI.2 tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO.

L-offerent għandu jitqies li jkun ikkonċernat sakemm ma jkunx definittivament eskluż. L-esklużjoni hija meqjusa definittiva jekk tiġi notifikata lill-offerenti konċernati u jew tkun meqjusa leċita minn korp ta' reviżjoni indipendenti jew ma tistax tkun suġġetta għal proċedura ta' reviżjoni. Il-kandidati għandhom jitqiesu li jkunu kkonċernati jekk l-awtorità kontraenti ma tkunx għamlet l-informazzjoni dwar ir-rifjut tal-applikazzjoni tagħhom aċċessibbli għall-offerenti interessati qabel in-notifika tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt.

7. Parti tista' tipprovdi li l-perjodi ta' waqfien imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 ma japplikawx fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-uniku offerent ikkonċernat fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 6 huwa dak li jiġi mogħti l-kuntratt u m'hemmx kandidati kkonċernati oħra;

(b) fil-każ ta' kuntratt ibbażat fuq ftehim qafas; kif ukoll

(c) fil-każ ta' kuntratt speċifiku bbażat fuq sistema dinamika ta' xiri.

Nuqqas ta' effettività

8. Kull Parti għandha tiżgura, jekk l-awtorità kontraenti tkun tat kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel mingħajr ma dan ikun permissibbli, li kuntratt ikun meqjus bħala ineffettiv minn korp ta' reviżjoni indipendenti mill-awtorità kontraenti jew korp ġudizzjarju, jew li l-ineffettività tiegħu hija r-riżultat ta' deċiżjoni ta' tali korp ta' valutazzjoni ta' konformità.

Il-liġi ta' kull Parti għandha tiddetermina l-konsegwenzi ta' meta kuntratt jitqies ineffettiv billi tipprevedi l-kanċellazzjoni retroattiva tal-obbligi kuntrattwali kollha jew il-kanċellazzjoni ta' dawk l-obbligi li kienu għadhom ma twettqux. F'dan il-każ tal-aħħar, kull Parti għandha tipprovdi għall-applikazzjoni ta' penali oħra.

9. Parti tista' tipprevedi li l-korp ta' reviżjoni jew korp ġudizzjarju ma jistax jikkunsidra kuntratt ineffettiv, minkejja li l-kuntratt ~~li~~ jkun ingħata illegalment, jekk l-imsemmi korp jew korp ġudizzjarju isib, wara li jkun eżamina l-aspetti relevanti kollha, li raġunijiet prevalenti relatati ma' interess ġenerali jirrikjedu li jinżammu l-effetti tal-kuntratt. F'dak il-każ, kull Parti għandha tipprovdi għal penali alternattivi.

Nondiskriminazzjoni ta' kumpaniji stabbiliti

10. Kull Parti għandha tassigura li l-fornituri tal-Parti l-oħra li jkunu stabbilixxew preżenza kummerċjali fit-territorju tagħha permezz tal-istabbiliment, l-akkwist jew iż-żamma ta' persuna ġuridika jingħataw trattament nazzjonali fir-rigward ta' kwalunkwe akkwist pubbliku tal-Parti li fit-territorju tagħha. Dan l-obbligu japplika irrispettivament minn jekk il-kuntratt huwiex kopert fl-Annessi tal-Partijiet għall-Appendiċi I tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi jew mill-Anness XI ta' dan il-Ftehim.

L-eżenzjonijiet ġenerali previsti fl-Artikolu III tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO japplikaw.

KAPITOLU 9

IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 272

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni

1. Il-partijiet ifakkru l-Aġenda 21 tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tal-1998, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU intitolat "Il-ħolqien ta' ambjent fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali li jwassal għall-ġenerazzjoni ta' impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli" tal-2006, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008, id-Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012 bit-titlu "Il-Futur li Rridu" u l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Nittrasformaw id-Dinja Tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" adottat fl-2015. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli, għall-benessri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u sabiex jiżguraw li dak l-objettiv ikun integrat u rifless f'kull livell tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jsegwu żvilupp sostenibbli, li s-sisien tiegħu – l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali – huma interdipendenti u jagħtu rinforz reċiproku. Huma jissottolinjaw il-benefiċċju li kwistjonijiet tax-xogħol u ambjentali relatati mal-kummerċ jiġu kkunsidrati bħala parti minn approċċ globali għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Meta f'dan il-Kapitolu ssir referenza għal "xogħol", dan jinkludi l-kwistjonijiet kollha relevanti għall-objettivi strateġiċi tal-ILO, li permezz tagħhom l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti hija espressa, kif miftiehma fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008.

ARTIKOLU 273

Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

Jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli tagħha, li tistabbilixxi l-livelli tagħha ta' protezzjoni domestika tal-ambjent u tax-xogħol, u li tadotta jew timmodifika kif xieraq il-liġi u l-politiki relevanti tagħha, b'mod konsistenti mal-impenn tagħha lejn l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet msemmija fl-Artikoli 274 u 275, kull Parti għandha tistinka sabiex tiżgura li l-liġijiet u l-politika tagħha jipprevedu u jinkoraġġixxu livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol u għandha tagħmel ħilitha biex tkompli ttejjeb dawk il-liġijiet u politiki u l-livelli sottostanti ta' protezzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 274

L-istandards u l-ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu impjiegi sħaħ u produttivi u xogħol deċenti għal kulħadd bħala elementi ewlenin għall-ġestjoni tal-globalizzazzjoni, u jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal impjiegi sħaħ u produttivi u xogħol deċenti għal kulħadd. F'dak il-kuntest, il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw u jikkooperaw ma' xulxin, kif xieraq, dwar kwistjonijiet ta' xogħol ta' interess reċiproku relatati mal-kummerċ.

2. Skont l-obbligi li għandhom bħala membri tal-ILO u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha tal-1998, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu fil-liġi u l-prattika tagħhom u fit-territorju kollu tagħhom l-istandards tax-xogħol ewlenin, kif inkorporati fil-konvenzjonijiet fundamentali u l-protokolli tal-ILO, u b'mod partikolari:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; kif ukoll

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u x-xogħol.

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jimplimentaw b'mod effettiv fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, il-konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u konvenzjonijiet oħra tal-ILO li ġew ratifikati mill-Istati Membri u r-Repubblika tal-Armenja, rispettivament.

4. Il-Partijiet għandhom ukoll jikkunsidraw ir-ratifika tal-konvenzjonijiet ta' prijorità li jifdal u oħrajn li huma kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO. F'dak il-kuntest, il-Partijiet għandhom regolarment jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjoni u l-progress rispettivi tagħhom fil-proċess ta' ratifikazzjoni.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ksur tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol ma jistgħux jiġu invokati jew inkella użati bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist.

ARTIKOLU 275

Il-governanza u l-ftehimiet ambjentali multilaterali internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet ambjentali internazzjonali bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-problemi ambjentali globali jew reġjonali u jenfasizzaw il-ħtieġa li jsaħħu l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki kummerċjali u dawk ambjentali. F'dak il-kuntest, il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw u jikkooperaw, kif xieraq, fir-rigward tan-negozjati dwar kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ u rigward kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ oħrajn ta' interess reċiproku.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv fil-liġijiet u l-prassi tagħhom, il-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs) li huma parti fihom.

3. Il-Partijiet għandhom regolarment jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjoni u żviluppi rispettivi tagħhom fir-rigward ir-ratifiki tal-MEAs jew emendi għal dawn il-ftehimiet.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jimplimentaw u jilħqu l-objettivi tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima tal-1992 (UNFCCC), u l-Protokoll ta' Kjoto tal-1998 u l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015. Huma jieħdu l-impenn li jaħdmu flimkien sabiex isaħħu r-reġim multilaterali, ibbażat fuq regoli tal-UNFCCC u li jikkooperaw dwar l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-qafas internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima skont l-UNFCCC u l-ftehimiet u d-deċiżjonijiet relatati miegħu.

5. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jżomm lill-Partijiet milli jadottaw jew iżommu miżuri għall-implimentazzjoni tal-MEAs li huma parti tagħhom, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

ARTIKOLU 276

Kummerċ u investiment li jiffavorixxu l-iżvilupp sostenibbli

Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom biex isaħħu l-kontribut tal-kummerċ lejn l-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom:

(a) jirrikonoxxu r-rwol benefiku li jista' jkollhom l-istandards ewlenin tax-xogħol u xogħol deċenti fuq l-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-produttività ekonomika, u għandhom ifittxu koerenza politika ikbar bejn il-politiki kummerċjali u l-politiki dwar ix-xogħol;

(b) jaħdmu sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu kummerċ u investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, inkluż billi jindirizzaw l-ostakli nontariffarji relatati;

(c) jaħdmu biex jiffaċilitaw it-tneħħija ta' ostakoli għall-kummerċ jew għall-investiment rigward oġġetti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz ta':

(i) jadottaw oqfsa ta' politika li jwasslu għall-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli;;

(ii) jippromwovu standards li jirrispondu għal ħtiġijiet ambjentali u ekonomiċi; kif ukoll

(iii) il-minimizzazzjoni tal-ostakli tekniċi għall-kummerċ;

(d) jaqblu li jippromwovu l-kummerċ fi prodotti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kondizzjonijiet soċjali u l-prassi ambjentali sodi, fosthom prodotti li jkunu s-suġġett ta' skemi volontarji tal-assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħalma huma skemi ta' kummerċ ġust u etiku u ekotikketti; kif ukoll

(e) jaqblu li jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattikki. F'dak ir-rigward, il-Partijiet jirreferu għal prinċipji u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-1977.

ARTIKOLU 277

Id-diversità bijoloġika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika bħala element ewlieni għall-kisba tal-iżvilupp sostenibbli, u jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkonservaw u jużaw b'mod sostenibbli d-diversità bijoloġika, skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-1992 u l-Protokolli ratifikati tagħha, il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu tal-1973 (CITES) u strumenti internazzjonali relevanti oħrajn li huma parti tagħhom.

2. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom:

(a) jippromwovu l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-bijodiversità meta jwettqu attivitajiet kummerċjali;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar azzjonijiet rigward il-kummerċ fil-prodotti naturali bbażati fuq ir-riżorsi maħsuba sabiex iwaqqfu t-telf tad-diversità bijoloġika u jnaqqsu l-pressjonijiet fuq il-bijodiversità u, fejn relevanti, jikkooperaw biex jimmassimizzaw l-impatt u biex jiżguraw l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom;

(c) tiġi promossa l-inklużjoni fl-Appendiċijiet ta' CITES l-ispeċijiet li jissodisfaw il-kriterji tas-CITES miftiehem għal tali inklużjoni;

(d) jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tal-organiżmi selavaġġi, inklużi l-ispeċijiet protetti CITES, u li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali;

(e) jikkooperaw fuq livelli reġjonali u globali bl-għan li jippromwovu:

(i) il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-ekosistemi naturali jew agrikoli, inklużi speċi fil-perikolu, tal-abitat tagħhom, żoni naturali protetti b'mod speċjali u d-diversità ġenetika;

(ii) ir-restawr tal-ekosistemi, u l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi naturali ħajjin u mhux ħajjin jew ta' ekosistemi. kif ukoll

(iii) aċċess għal riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' tali riżorsi.

ARTIKOLU 278

Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-kummerċ fil-prodotti tal-foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' foresti u l-importanza tal-kontribut li l-foresti jagħtu lill-objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-Partijiet.

2. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom:

(a) jippromwovu l-kummerċ fi prodotti tal-foresti li ġejjin minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli, maħsuda skont il-leġiżlazzjoni domestika tal-pajjiż tal-ħsad;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar miżuri biex jippromwovu l-konsum ta’ injam u prodotti tal-injam minn foresti mmaniġġati b’mod sostenibbli u, fejn relevanti, jikkooperaw biex jiżviluppaw dawn il-miżuri;

(c) jadottaw miżuri biex tiġi promossal-konservazzjoni tal-foresti u għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali ta' siġar u l-kummerċ relatat miegħu, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq;

(d) jaqsmu informazzjoni dwar azzjonijiet għat-titjib tal-governanza tal-foresti u, fejn ikun relevanti, jikkooperaw biex ikabbru l-impatt u jiżguraw l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom li jimmiraw li jeskludu l-injam u prodotti tal-injam maħsuda b'mod illegali mill-flussi ta' kummerċ;

(e) jippromwovu l-inklużjoni fl-Appendiċijiet tal-ispeċijiet tas-CITES tal-injam li jissodisfaw kriterji maqbula tas-CITES għal inklużjoni bħal din; kif ukoll

(f) jikkooperaw fuq il-livell reġjonali u globali bil-għan li jippromwovu l-konservazzjoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti, bl-użu ta' ċertifikazzjoni li tippromwovi l-ġestjoni responsabbli tal-foresti.

ARTIKOLU 279

Il-kummerċ u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar

Il-Partijiet, filwaqt li jikkunsidraw l-importanza li jiżguraw il-ġestjoni responsabbli tal-istokks tal-ħut b'mod sostenibbli kif ukoll jippromwovu governanza tajba fil-kummerċ, għandhom:

(a) jippromwovu l-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd bil-ħsieb li jiżguraw il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokks tal-ħut b'mod sostenibbli, u fuq il-bażi ta' approċċ ekosistemiku;

(b) jieħdu miżuri effettivi biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-attivitajiet ta' sajd;

(c) jippromwovu skemi koordinati ta' ġbir ta' data u kooperazzjoni xjentifika bilaterali sabiex jitjieb il-parir xjentifiku attwali għall-immaniġġar tas-sajd;

(d) jikkooperaw fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) u l-attivitajiet relatati miegħu b'miżuri komprensivi, effettivi u trasparenti. kif ukoll

(e) jimplimentaw politiki u miżuri li jeskludu prodotti IUU mill-flussi tal-kummerċ u s-swieq tagħhom, skont il-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni biex jiġi impedut, skoraġġut u eliminat is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

ARTIKOLU 280

Żamma tal-livelli ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li mhuwiex xieraq li jinkoraġġixxu l-kummerċ jew l-investiment billi jnaqqsu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi domestika ambjentali jew tax-xogħol.

2. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga minn, jew toffri li tirrinunzja jew tidderoga mil-liġi tax-xogħol jew ambjentali tagħha bħala inkoraġġiment għall-kummerċ jew l-istabbiliment, l-akkwist, l-espansjoni jew iż-żamma ta' investiment jew ta' investitur fit-territorju tagħha.

3. Parti ma għandhiex tonqos, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni rikorrenti jew sostnut, milli tinforza l-liġi ambjentali u tax-xogħol tagħha, bħala inkoraġġiment għall-kummerċ jew l-investiment.

ARTIKOLU 281

L-informazzjoni xjentifika

Meta jfasslu u jimplimentaw miżuri bil-għan li jħarsu l-kundizzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol li jistgħu jolqtu l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika u teknika li tkun disponibbli, u l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali relevanti, jekk dawn jeżistu, fosthom il-prinċipju ta' prekawzjoni.

ARTIKOLU 282

Trasparenza

Kull Parti, skont il-liġi u r-regolamenti domestiċi tagħha u l-Kapitolu 12 għandha tiżgura li kull miżura mmirata biex tipproteġi l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li tista' taffettwa l-kummerċ jew l-investiment tkun żviluppata, introdotta u implimentata b'mod trasparenti, b'avviż u konsultazzjoni pubblika xierqa, u b'komunikazzjoni xierqa u f'waqtha, u l-konsultazzjoni, ma' atturi mhux Statali.

ARTIKOLU 283

Ir-rieżami tal-impatti fuq is-sostenibbiltà

Il-Partijiet jintrabtu li jirrieżaminaw, jimmonitorjaw u jivvalutaw l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli, permezz tal-proċessi u l-istituzzjonijiet parteċipattivi rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk imwaqqfa skont dan il-Ftehim, pereżempju permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sostenibbiltà relatati mal-kummerċ.

ARTIKOLU 284

Ħidma flimkien dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki tal-ambjent u tax-xogħol sabiex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Huma jistgħu jikkooperaw fuq, fost l-oħrajn, dawn l-oqsma li ġejjin:

(a) aspetti tax-xogħol jew ambjentali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-qafas ta' fora internazzjonali, inkluż b'mod partikolari d-WTO, l-ILO, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UN Environment), il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u l-MEAs;

(b) il-metodoloġiji u l-indikaturi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tas-sostenibbiltà tal-kummerċ;

(c) l-impatt kummerċjali fuq ir-regolamenti, in-normi u l-istandards tax-xogħol u tal-ambjent, kif ukoll l-impatt ta' regoli tal-kummerċ u l-investiment fuq il-liġi tax-xogħol u ambjentali, inkluż fuq l-iżvilupp tar-regolamentazzjoni u l-politika tax-xogħol u ambjentali;

(d) l-impatti pożittivi u negattivi ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli u mezzi kif jissaħħu, jiġu prevenuti jew imnaqqsa, rispettivament, b'kont meħud ukoll tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sostenibbiltà mwettqa minn waħda mill-Partijiet jew mit-tnejn li huma;

(e) il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet fundamentali, prijoritajiet u aġġornati tal-ILO, u l-protokolli għal dawk il-konvenzjonijiet, kif ukoll l-MEAs ta' rilevanza f'kuntest kummerċjali;

(f) il-promozzjoni taċ-ċertifikazzjoni privata u pubblika, it-traċċabbiltà u skemi tal-ittikkettar, l-inkluż ekotikkettar;

(g) il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, pereżempju permezz ta' azzjonijiet li jikkonċernaw is-sensibilizzazzjoni, l-aderenza, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment;

(h) il-kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-Aġenda għax-Xogħol Deċenti tal-ILO, inkluż dwar l-interkonnessjoni bejn il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards ewlenin tax-xogħol, sistemi effettivi ta’ rimedju (inkluż spettorati tax-xogħol) għar-rispett tad-drittijiet tax-xogħol, l-istatistika tax-xogħol, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-tagħlim tul il-ħajja, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

(i) l-aspetti relatati mal-kummerċ tal-MEAs, inkluża l-kooperazzjoni doganali;

(j) l-aspetti relatati mal-kummerċ tar-reġim internazzjonali attwali u futur tal-bidla fil-klima, inklużi mezzi li jippromwovu teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-effiċjenza enerġetika;

(k) il-miżuri relatati mal-kummerċ biex jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluż il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tal-organiżmi selavaġġi;

(l) miżuri relatati mal-kummerċ sabiex jippromwovu l-konservazzjoni u l-foresti mmaniġġati b'mod sostenibbli, u b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq id-deforestazzjoni inkluż fir-rigward tal-qtugħ illegali; kif ukoll

(m) miżuri relatati mal-kummerċ biex jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u l-kummerċ fi prodotti tal-ħut ġestiti b'mod sostenibbli.

2. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u jaqsmu l-esperjenzi dwar l-azzjonijiet tagħhom biex jippromwovu l-koerenza u l-appoġġ reċiproku bejn il-kummerċ u għanijiet soċjali u ambjentali. Barra minn hekk, il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu tagħhom fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli li joħorġu mill-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom.

3. Kooperazzjoni u djalogu bħal dawn għandhom jinvolvu lill-partijiet interessati relevanti, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili stabbilita taħt l-Artikolu 366.

4. Il-Kumitat ta' Sħubija jista' jadotta regoli għal tali kooperazzjoni u djalogu.

ARTIKOLU 285

Riżoluzzjoni ta' Tilwim

Is-Subtaqsima II tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 13 ta' dan it-Titolu ma għandhiex tapplika għal tilwim taħt dan il-Kapitolu. Għal kull tilwima bħal din, wara li l-bord ta' arbitraġġ ikun ressaq ir-rapport finali tiegħu skont l-Artikoli 325 u 326, il-Partijiet, waqt li jikkunsidraw ir-rapport, għandhom jiddiskutu miżuri xierqa biex jiġu implimentati. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżuri ta' din ix-xorta u għandu jżomm il-kwistjoni taħt rieżami, inkluż permezz tal-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 284(3).

KAPITOLU 10

IL-KOMPETIZZJONI

TAQSIMA A

ARTIKOLU 286

Prinċipji

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta’ investiment tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li prattiki kummerċjali u interventi Statali antikompetittivi, inklużi sussidji, għandhom il-potenzjal li jxekklu l-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali.

TAQSIMA B

ANTITRUST U FUŻJONIJIET

ARTIKOLU 287

Qafas leġiżlattiv

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm il-liġi rispettiva tagħha li tapplika għas-setturi kollha tal-ekonomija[1] u tindirizza l-prattiki kollha li ġejjin b'mod effettiv:

(a) ftehimiet orizzontali u vertikali bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet tal-impriżi u prattiċi miftiehma, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni,

(b) kull abbuż min-naħa ta' impriża waħda jew iktar ta' pożizzjoni dominanti,

(c) konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

[1] Fl-Unjoni Ewropea, ir-regoli tal-kompetizzjoni japplikaw għas-settur agrikolu skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u l-emendi sussegwenti tagħha jew sostituzzjonijiet, jekk ikun hemm (ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671).

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, din il-liġi minn hawn 'il quddiem se jkunu msemmija bħala "il-liġi tal-kompetizzjoni"[1].

2. L-intrapriżi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-kompetizzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni m'għandhiex ixxekklel it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari tal-interess pubbliku mogħtija lill-intrapriżi inkwistjoni. Eżenzjonijiet mil-liġi tal-kompetizzjoni ta' Parti għandha tiġi limitata għal kompiti ta' interess pubbliku, proporzjonati u trasparenti għall-għan tal-politika pubblika mixtieq.

ARTIKOLU 288

Implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm awtoritajiet operazzjonalment indipendenti responsabbli, u mgħammra kif xieraq, bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa u l-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 287.

2. Il-Partijiet għandhom japplikaw il-liġi tal-kompetizzjoni rispettiva tagħhom b'mod trasparenti u nondiskriminatorju, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-drittijiet tad-difiża tal-intrapriżi kkonċernati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom jew status ta' sjieda..

[1] Għall-fini ta' din it-Taqsima, l-Armenja tikkunsidra r-referenza għal-liġi tal-kompetizzjoni li jinkludu s-sistema kollha tar-regoli dwar il-kompetizzjoni fl-oqsma tal-antitrust, il-kartelli, u l-fużjonijiet.

ARTIKOLU 289

Kooperazzjoni

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim u biex itejjbu l-infurzar ta' kompetizzjoni effettiva, il-Partijiet jirrikonoxxu li hu fl-interess komuni tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni u l-investigazzjoni ta' każijiet ta' antitrust u fużjonijiet.

2. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni tal-Partijiet għandhom jippruvaw jikkoordinaw, fejn possibbli u xieraq, l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom fir-rigward tal-istess każijiet jew każijiet relatati.

3. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni.

TAQSIMA C

SUSSIDJI

ARTIKOLU 290

Prinċipji

Il-partijiet jaqblu li s-sussidji jistgħu jingħataw minn Parti meta jkunu meħtieġa biex jinkiseb objettiv ta' politika pubblika. Madanakollu, il-Partijiet jirrikonoxxu li ċerti sussidji għanhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali. Fil-prinċipju, parti m'għandhiex tagħti sussidji lill-intrapriżi li jipprovdu oġġetti jew servizzi meta dawn is-sussidji jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetizzjoni u l-kummerċ, jew x'iktarx li jagħmlu dan.

ARTIKOLU 291

Definizzjoni u ambitu

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, sussidju huwa miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (il-"Ftehim dwar is-SCM"), irrispettivament minn jekk jingħatax lil intrapriża li tforni l-prodotti jew is-servizzi.

Is-subparagrafu 1 ma jippreġudikax ir-riżultat ta' diskussjonijiet futuri fid-WTO dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi. Skont il-progress ta' dawk id-diskussjonijiet fil-livell tad-WTO, il-Partijiet jistgħu jadottaw deċiżjoni fil-Kumitat ta' Sħubija biex taġġorna dan il-Ftehim f'dak ir-rigward.

2. Sussidju għandu jkun suġġett għal dan il-Kapitolu biss jekk dak is-sussidju huwa determinat li jkun speċifiku skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM. Kwalunkwe sussidju li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 295 ta' dan il-Ftehim għandu jitqies bħala speċifiku.

3. Sussidji mogħtija lill-impriżi kollha, fosthom impriżi pubbliċi u privati, għandhom ikunu suġġetti għal dan il-Kapitolu. L-applikazzjoni tar-regoli f'din it-Taqsima m'għandhomx ixekklu t-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari tal-interess pubbliku mogħtija lill-intrapriżi inkwistjoni. Eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tar-regoli f'din it-Taqsima għandhom ikunu limitati għal kompiti ta' interess pubbliku, ta' ordni pubbliku assenjati lilhom u trasparenti.

4. L-Artikolu 294 ta' dan il-Ftehim m'għandux japplika fir-rigward tas-sussidji marbuta mal-kummerċ ta' prodotti koperti bil-Ftehim dwar l-Agrikoltura, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO (il-"Ftehim dwar l-Agrikoltura").

5. L-Artikoli 294 u 295 m'għandhomx japplikaw għal settur awdjoviżiv.

ARTIKOLU 292

Ir-relazzjoni mad-WTO

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu huma bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont l-Artikolu XV tal-GATS, l-Artikolu XVI tal-GATT 1994, il-Ftehim SCM u l-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

ARTIKOLU 293

Trasparenza

1. Kull sentejn, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar il-bażi legali, il-forma, l-ammont jew il-baġit u fejn ikun possibbli, il-benefiċċjarji tas-sussidji mogħtija fil-perjodu ta' rappurtar.

2. Tali notifika għandha titqies li ġiet ipprovduta jekk l-informazzjoni relevanti ssir disponibbli minn Parti jew f'isimha fuq websajt aċċessibbli pubblikament, sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja sussegwenti.. L-ewwel notifika għandha tkun disponibbli sa mhux iktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Għal sussidji nnotifikati skont il-Ftehim SCM, notifika bħal din għandha tkun meqjusa li tkun ġiet sodisfatta kull meta Parti tkun tikkonforma mal-obbligi tan-notifika skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim SCM, sakemm in-notifika jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 294

Konsultazzjonijiet

1. Jekk parti tqis li sussidju mogħti mill-Parti l-oħra, li mhijiex koperta mill-Artikolu 295, tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi tagħha, dik il-Parti tista' tesprimi t-tħassib tagħha lill-Parti li tat is-sussidju u titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Il-Parti li ssirilha t-talba għandha tagħti kunsiderazzjoni sħiħa u l-attenzjoni mistħoqqa lil din it-talba.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta’ trasparenza stipulati fl-Artikolu 293 u bl-għan li tissolva l-kwistjoni, il-konsultazzjonijiet għandhom b’mod partikolari jkollhom l-għan li jistabbilixxu l-objettiv tal-politika jew l-għan li għalih ngħataw is-sussidji, l-ammont tas-sussidju in kwistjoni u data li tippermetti li jiġu evalwati l-effetti negattivi ta’ sussidju fuq il-kummerċ u l-investiment.

3. Sabiex jiġu ffaċilitati l-konsultazzjonijiet, il-Parti li ssirilha t-talba għandha tipprovdi informazzjoni dwar is-sussidju in kwistjoni fi żmien 60 jum mid-data tal-wasla tat-talba.

4. Jekk il-Parti rikjedenti, wara li tirċievi informazzjoni dwar is-sussidju inkwistjoni, tqis li s-sussidju inkwistjoni jaffettwa b'mod negattiv jew jista' jaffettwa negattivament l-interessi kummerċjali jew ta' investiment tal-Parti rikjedenti b'mod sproporzjonat, il-Parti li ssirilha t-talba għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tindirizza l-effetti negattivi fuq l-interessi kummerċjali jew ta' investiment tal-Parti rikjedenti kkawżati mis-sussidju inkwistjoni.

ARTIKOLU 295

Sussidji suġġetti għal kundizzjonijiet

Kull Parti għandha tapplika kundizzjonijiet għas-sussidji li ġejjin sa fejn dawn jaffettwaw b’mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment tal-Parti l-oħra, jew x’iktarx li jkunu se jagħmlu dan:

(a) arranġament legali li bih gvern, direttament jew indirettament, hija responsabbli sabiex ikopri d-djun jew obbligazzjonijiet ta’ ċerti impriżi huwa permess, sakemm il-kopertura ta’ djun u obbligazzjonijiet huwa limitat f’dak li jirrigwarda l-ammont ta’ dawk id-djun u obbligazzjonijiet jew it-tul ta’ żmien ta’ tali responsabbiltà;

(b) sussidji lil impriżi insolventi jew f'diffikultà f'diversi forom (inkluż self u garanziji, għotjiet ta' flus kontanti, injezzjonijiet ta' kapital, provvediment ta' assi taħt il-prezzijiet tas-suq, u eżenzjonijiet mit-taxxa) b'tul ta' żmien ta' iktar minn sena waħda huma permessi, sakemm pjan ta' ristrutturar kredibbli tħejja fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi bl-għan li jiġi żgurat ir-ritorn insolventi jew impriżi f'diffikultà għal vijabbiltà fit-tul fi żmien raġonevoli u mal-intrapriża jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' ristrutturar.[1] [2]

ARTIKOLU 296

Użu ta' sussidji

Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw sussidji mogħtija minn Parti biss għal għan ta' politika pubblika li għaliha ngħataw is-sussidji.

[1] Dan ma jwaqqafx lil Parti milli tipprovdi appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji fuq is-self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sempliċement sabiex impriża f'diffikultà tinżamm fin-negozju għall-perjodu neċessarju sabiex taħdem pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

[2] Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mhumiex mitluba jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' ristrutturar.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 297

Riżoluzzjoni ta' tilwim

Ebda Parti m'għandha tirrikorri għal soluzzjoni ta' tilwim kif previsti fil-Kapitolu 13 ta' dan il-Ftehim għal xi kwistjoni li tqum fl-ambitu tat-Taqsima B ta' dan il-Kapitolu jew skont l-Artikolu 294, il-paragrafu 4.

ARTIKOLU 298

Kunfidenzjalità

1. Meta jiskambjaw l-informazzjoni skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-limitazzjonijiet imposti permezz tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali u għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzali oħra.

2. Kull informazzjoni kkomunikata skont dan il-Kapitolu għandha tkun ittrattata bħala kunfidenzjali mill-Parti li qed tirċieviha, sakemm il-Parti l-oħra, skont il-liġi domestika tagħha, tkun awtorizzat l-iżvelar jew tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

ARTIKOLU 299

Klawsola ta' rieżami

Il-partijiet għandhom iżommu l-kwistjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu taħt reviżjoni kostanti. Kull Parti tista' tirreferi tali kwistjonijiet lill-Kumitat ta' Sħubija. Il-Partijiet għandhom jaqblu li jivvalutaw il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu kull ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

KAPITOLU 11

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT

ARTIKOLU 300

L-awtorità delegata

Għajr jekk ipprovvdut xorta oħra, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe intrapriża, inkluż mal-intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew ta' monopolju, li tkun ġiet delegata awtorità regolatorja, amministrattiva jew governattiva oħra minn Parti f'kull livell ta' gvern, taġixxi skont l-obbligi tal-Parti kif stabbilit f'dan il-Ftehim fl-eżerċizzju ta' dik l-awtorità.

ARTIKOLU 301

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "intrapriża tal-istat" tfisser intrapriża, inkluż kwalunkwe sussidjarja, li fiha Parti, direttament jew indirettament:

(i) għandha iktar minn 50 % tal-kapital sottoskritt tal-intrapriża jew tikkontrolla iktar minn 50 % tal-voti marbutin mal-ishma maħruġa mill-intrapriża;

(ii) tista' taħtar iktar minn nofs il-membri tal-bord tad-diretturi tal-intrapriża jew korp ekwivalenti; jew

(iii) tista' teżerċita kontroll fuq l-intrapriża;

(b) "intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali" tfisser kwalunkwe intrapriża, inkluża kull sussidjarja, pubblika jew privata, li ngħatat minn Parti, fil-liġi jew fil-fatt, drittijiet jew privileġġi speċjali. Drittijiet jew privileġġi speċjali jingħataw minn Parti meta taħtar jew tillimita għal tnejn jew iktar l-għadd ta' intrapriżi awtorizzati biex ifornu prodott jew servizz, għajr skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, li jaffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' kwalunkwe intrapriża oħra biex tipprovdi l-istess oġġett jew servizz fl-istess żona ġeografika taħt kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti;

(c) “monopolju speċifikat” tfisser entità involuta f'attività kummerċjali, inkluż grupp ta’ entitajiet jew aġenzija statali, jew kwalunkwe sussidjarja tagħha, li f'suq relevanti fit-territorju ta' Parti tinħatar fil-livell ċentrali jew subċentrali bħala l-uniku fornitur jew akkwirent ta' prodott jew servizz, iżda ma tinkludix entità li tkun ingħatat dritt esklussiv ta' proprjetà intellettwali purament minħabba tali għotja;

(d) “attivitajiet kummerċjali” tfisser attivitajiet li r-riżultat aħħari tagħhom huwa l-produzzjoni ta’ prodott jew il-provvista ta’ servizz li se jinbiegħu fis-suq relevanti fi kwantitajiet u prezzijiet stabbiliti mill-impriża u li jitwettqu b’orjentament lejn għan ta’ qligħ, iżda ma tinkludix attivitajiet imwettqa minn impriża li:

(i) topera fuq bażi mingħajr skop ta’ qligħ;

(ii) topera fuq bażi ta’ rupru ta’ kost; jew

(iii) tipprovdi servizzi pubbliċi;

(e) “kunsiderazzjonijiet kummerċjali” tfisser il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, kemm hu kummerċabbli, it-trasport u termini u kundizzjonijiet oħra tax-xiri jew tal-bejgħ, jew fatturi oħra li normalment jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta’ intrapriża li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq relevanti tan-negozju jew tal-industrija;

(f) taħtar tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li jiġi estiż il-kamp ta' monopolju, biex ikopri prodott jew servizz addizzjonali.

ARTIKOLU 302

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-partijiet jikkonfermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu XVII, il-paragrafi minn 1 sa 3 tal-GATT 1994, il-Qbil dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994, kif ukoll skont l-Artikolu VIII, il-paragrafi 1, 2 u 5 tal-GATS.

2. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe intrapriża speċifikati fl-Artikolu 300 involuti f'attività kummerċjali. Fejn intrapriża tgħaqqad l-attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali[1], huma biss l-attivitajiet kummerċjali ta' dik l-impriża huma koperti minn dan il-Kapitolu.

3. Dan il-Kapitolu japplika għall-impriżi kollha speċifikati f'Artikolu 300 fuq livelli ċentrali kif ukoll subċentrali tal-gvern.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal akkwist pubbliku minn Parti jew l-entitajiet tal-akkwist tagħha skont it-tifsira ta' akkwisti koperti bl-Artikoli 278 u 279.

5. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal kwalunkwe servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva fis-sens ta' GATS.

6. L-Artikolu 304:

(a) ma għandux japplika għas-setturi stabbiliti fl-Artikoli 143 u 148;

[1] Għal iktar ċertezza, u għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-għoti tas-servizzi pubbliċi ma tkunx ikkunsidrata bħala attività kummerċjali fi ħdan it-tifsira ta' punt (d) tal-Artikolu 301.

(b) ma għandux japplika għal kull miżura ta' Intrapriżi tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew ta' monopolju, jekk riżerva ta' Parti, meħuda fil-konfront ta' trattament nazzjonali jew trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit l-obbligu skont l-Artikolu 144, kif stipulat f'dik l-Iskeda tal-Parti pprovduta fl-Anness VIII-A għall-Unjoni Ewropea jew l-Anness VIII-E għar-Repubblika tal-Armenja, tkun tapplika jekk l-istess miżura kienet ġiet adottata jew miżmuma minn dik il-Parti; u

(c) għandu japplika għal attivitajiet kummerċjali ta' Intrapriżi tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali, jew maħtura monopolju, jekk l-istess attività tkun tolqot il-kummerċ fis-servizzi li għalihom Parti tkun daħlet għal impenn taħt l-Artikoli 149 u 150, suġġetti għal kundizzjonijiet jew kwalifiki f'dik l-Iskeda tal-Parti mniżżla fl-Anness VIII-B għall-Unjoni Ewropea u l-Anness VIII-F għar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 303

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Kapitolu, xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi lill-Partijiet milli jistabbilixxu jew iżommu intrapriżi tal-Istat jew intrapriżi tal-Istat jew milli jaħtru jew iżommu monopolji jew milli jagħtu lill-intrapriżi drittijiet jew privileġġi speċjali jew esklussivi.

2. L-ebda Parti ma għandha teħtieġ jew tinkoraġġixxi intrapriżi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu biex jaġixxu b'mod inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 304

In-nondiskriminazzjoni u kunsiderazzjonijiet kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li intrapriżi Statali, monopolji speċifikati u intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali meta jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali:

(a) taġixxi skont il-kunsiderazzjonijiet kummerċjali tagħha ta' xiri jew bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, minbarra li tissodisfa xi termini tal-mandat tagħhom ta' servizz pubbliku li ma jkunux konsistenti ma' punt (b);

(b) ix-xiri tagħhom ta' oġġetti jew servizzi:

(i) tagħti għal oġġetti jew servizzi fornuti minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli milli jagħtu lil merkanzija simili jew servizzi simili provduti minn intrapariżi tal-Parti; kif ukoll

(ii) tagħti lil merkanzija jew servizzi pprovduti minn intrapriżi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli milli tagħti lil prodotti simili jew servizzi simili provduti minn intrapariżi fis-suq relevanti fit-territorju tagħha li huma intrapriżi stabbiliti ta' dik il-Parti; kif ukoll

(c) il-bejgħ tagħhom ta' oġġetti jew servizzi:

(i) tagħti lill-impriżi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli milli tagħti lill-intrapriżi tal-Parti; kif ukoll

(ii) tagħti lill-intrapriżi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli milli tagħti lill-intrapriżi f'suq relevanti fit-territorju tagħha li huma intrapriżi stabbiliti ta' dik il-Parti.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprekludi intrapriżi statali, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali, jew monopolji speċifikati minn:

(a) li jixtru jew jipprovdu merkanzija jew servizzi fuq termini jew kundizzjonijiet differenti, inklużi dawk relatati mal-prezz, dment li tali termini jew kundizzjonijiet differenti huma skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali; kif ukoll

(b) li jirrifjutaw li jixtru jew jipprovdu l-oġġetti jew is-servizzi, sakemm tali ċaħda hija mwettqa skont konsiderazzjonijiet kummerċjali.

ARTIKOLU 305

Prinċipji Regolatorji

1. Kull Parti għandha tagħmel sforz biex tiżgura li l-intrapriżi speċifikati fl-Artikolu 300 josservaw standards rikonoxxuti internazzjonalment ta' governanza korporattiva.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, sabiex b'mod effikaċi u imparzjali twettaq funzjoni regolatorja f'ċirkostanzi simili fir-rigward tal-intrapriżi kollha li hija tirregola, inklużi l-intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji speċifikati, kull korp regolatorju li Parti tistabbilixxi jew iżżomm mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe intrapriża li hija tirregola[1].

Għandha tkun ivvalutata l-imparzjalità tal-korp regolatorju li jeżerċita l-funzjonijiet regolatorji tiegħu skont il-kriterji mudell ġenerali jew il-prattika ta' dak il-korp regolatorju.

Għal dawk is-setturi fejn il-Partijiet ikunu qablu dwar l-obbligazzjonijiet speċifiċi dwar il-korp regolatorju f'Kapitoli oħra, id-dispożizzjoni relevanti f'Kapitoli oħra għandhom jipprevalu.

3. Kull Parti għandha tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti u nondiskriminatorja tal-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti, inklużi l-liġijiet u r-regolamenti tagħha dwar intrapriżi speċifikati fl-Artikolu 300.

ARTIKOLU 306

Trasparenza

1. Meta Parti jkollha raġuni biex temmen li l-interessi tagħha skont dan il-Kapitolu qed jiġu affettwati b'mod negattiv mill-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriża speċifikata fl-Artikolu 300 tal-Parti l-oħra, u suġġett għall-ambitu ta' dan il-Kapitolu, hija tista' titlob bil-miktub li l-Parti l-oħra tagħti informazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' dik l-intrapriża relatata mal-attivitajiet koperti minn dan il-Kapitolu.

[1] Għal iktar ċertezza, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet ikunu qablu li l-obbligazzjonijiet speċifiċi dwar il-korp regolatorju f'Kapitoli oħra, id-dispożizzjoni relevanti f'Kapitoli oħra kif stabbilit f'dan il-Ftehim għandhom jipprevalu.

Talbiet għal tali informazzjoni għandhom jindikaw l-intrapriża, il-prodotti/servizzi u s-swieq ikkonċernati, u jinkludu indikazzjonijiet li l-intrapriża qed tinvolvi ruħha fi prattiki li jfixklu l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. L-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) is-sjieda u l-istruttura tal-voti tal-intrapriża, li jindika l-perċentwal ta' ishma u l-perċentwali tad-drittijiet tal-vot li Parti jew intrapriża speċifikata fl-Artikolu 300 b'mod kumulattiv għandha;

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe ishma speċjali jew drittijiet ta' votazzjoni speċjali jew drittijiet oħra li Parti jew intrapriża speċifikata fl-Artikolu 300 għandha, fejn dawn id-drittijiet huma differenti mid-drittijiet marbuta mal-ishma komuni ġenerali ta' tali entità;

(c) l-istruttura organizzattiva tal-intrapriża; il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta' korp ekwivalenti li jeżerċitaw kontroll dirett jew indirett f'impriża bħal din; u parteċipazzjonijiet inkroċjati u rabtiet oħra ma' intrapriżi differenti jew gruppi ta' intrapriżi, kif speċifikat fl-Artikolu 300;

(d) deskrizzjoni ta' liema dipartimenti tal-gvern jew korpi pubbliċi jirregolaw jew jissorveljaw l-intrapriża, deskrizzjoni tal-linji ta' rapportar[1], u d-drittijiet u l-prattiki ta' gvern jew korpi pubbliċi fil-ħatra, it-tkeċċija jew ir-remunerazzjoni tal-maniġers;

[1] Għal iktar ċertezza, Parti mhix obbligata tiżvela rapporti jew il-kontenut ta' kwalunkwe rapporti.

(e) dħul annwali jew it-total tal-assi, jew it-tnejn li huma; kif ukoll

(f) l-eżenzjonijiet, il-miżuri mhux konformi, l-immunitajiet u kwalunkwe miżura oħra, inkluż trattament iktar favorevoli, applikabbli fit-territorju tal-Parti li ssirilha t-talba għal kull intrapriża msemmija fl-Artikolu 300.

3. Il-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 2 ma japplikawx għall-SMEs, kif definit skont il-liġijiet u r-regolamenti.

4. Il-paragrafi 1 u 2 jeħtieġu li xi Parti tiddivulga informazzjoni kunfidenzjali li tkun inkonsistenti mal-liġi u r-regolamenti tagħha, timpedixxi l-infurzar tal-liġi jew b'xi mod ieħor tkun kontra l-interess pubbliku jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' xi intrapriżi partikolari.

KAPITOLU 12

TRASPARENZA

ARTIKOLU 307

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “miżura ta’ applikazzjoni ġenerali" tinkludi l-liġijiet, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji, id-deċiżjonijiet, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi li jistgħu jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

(b) “persuna interessata” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali li tista' tkun milquta direttament minn miżura ta’ applikazzjoni ġenerali.

ARTIKOLU 308

Għan u kamp ta’ applikazzjoni

Filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt li l-ambjent regolatorju rispettiv tagħhom jista’ jkollu fuq il-kummerċ u l-investiment bejniethom, il-Partijiet għandhom jipprovdu ambjent regolatorju prevedibbli għall-operaturi ekonomiċi u proċeduri effiċjenti, b’mod partikolari għall-SMEs.

ARTIKOLU 309

Il-pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri ta’ applikazzjoni ġenerali li jistgħu jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim:

(a) ikunu disponibbli minnufih u faċilment b'mezz magħżul uffiċjalment, inkluż b’mezz elettroniku, b'tali mod li kull persuna tkun tista' ssir familjari magħhom;

(b) jiddikjara b’mod ċar sa fejn possibbli, l-għan ta’ u r-raġuni għal dawn il-miżuri; kif ukoll

(c) jippermettu żmien suffiċjenti bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' tali miżuri ħlief f'każijiet ġustifikati kif xieraq.

2. Kull Parti għandha:

(a) tfittex li tippubblika, fi stadju kmieni u xieraq, kwalunkwe proposta biex tadotta jew temenda kull miżura ta' applikazzjoni ġenerali, li tinkludi spjegazzjoni tal-għan, u r-raġuni għall-proposta;

(b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli lill-persuni interessati biex jikkummentaw dwar it-tali proposta jew jadottaw jew jemendaw kwalunkwe miżuri ta’ applikazzjonijiet ġenerali u b’mod partikolari, tippermetti żmien suffiċjenti għal dawn l-opportunitajiet; kif ukoll

(c) tfittex li tikkunsidra l-kummenti li tirċievi mingħand persuni interessati fir-rigward tat-tali proposta.

ARTIKOLU 310

Il-mistoqsijiet u l-punti ta' kuntatt

1. Kull Parti għandha, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, taħtar punt ta’ kuntatt sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta’ dan il-Ftehim u sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

2. Fuq talba ta’ xi waħda mill-Partijiet, il-punt ta’ kuntatt tal-Parti l-oħra għandu jidentifika liema hu l-korp jew uffiċjal responsabbli għall-kwistjoni u għandu jassisti, skont il-ħtieġa, fl-iffaċilitar tal-komunikazzjoni mal-Parti li tagħmel it-talba.

3. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex twieġeb il-mistoqsijiet ta' kwalunkwe persuna rigward kwalunkwe miżura ta’ applikazzjoni ġenerali li tkun proposta jew fis-seħħ, inkluż dwar l-applikazzjoni ta’ tali miżuri. Id-domandi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta’ punti ta’ kuntatt stabbilit skont il-paragrafu 1 jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor, kif xieraq, sakemm mekkaniżmu speċifiku ma jiġix stabbilit f’dan il-Ftehim.

4. Kull Parti għandha tipprovdi għal proċeduri disponibbli għall-persuni li jfittxu soluzzjoni għal problemi li jinqalgħu mill-applikazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali taħt dan il-Ftehim. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' appell jew eżami li l-Partijiet jistabbilixxu jew iżommu taħt dan il-Ftehim. Huma għandhom ikunu wkoll mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 13.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li kwalunkwe tweġiba mogħtija skont dan l-Artikolu tista' ma tkunx definittiva jew legalment vinkolanti iżda għal skopijiet ta' informazzjoni biss, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom.

6. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi immedjatament informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali jew kwalunkwe proposta biex tiġi adottata jew emendata kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali li l-Parti li tagħmel it-talba tqis li tista' taffettwa t-tħaddim ta' dan il-Ftehim, irrispettivament minn jekk il-Parti li tagħmel it-talba tkunx ġiet innotifikata minn qabel b'dik il-miżura.

ARTIKOLU 311

L-amministrazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali

Kull Parti għandha tamministra b'mod uniformi, oġġettiv, imparzjali u raġonevoli l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali. Għal dak l-għan, kull Parti, fl-applikazzjoni ta' tali miżuri lil persuni, oġġetti jew servizzi partikolari tal-Parti l-oħra f'każijiet speċifiċi, għandha:

(a) tfittex li tipprovdi lill-persuni interessati, li jkunu affettwati direttament minn proċediment, b'avviż raġonevoli, skont il-proċeduri tagħha, meta jinbeda proċediment, li jinkludi deskrizzjoni tat-tip ta' proċediment, dikjarazzjoni tal-awtorità ġuridika li taħtha jinbeda l-proċediment, u deskrizzjoni ġenerali ta' kull kwistjoni li jkun hemm kontroversja dwarha;

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni interessati sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, safejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċedura u l-interess pubbliku; kif ukoll

(c) tiżgura li l-proċeduri tagħha jkunu bbażati fuq, u konformi mal-liġi domestika tagħha.

ARTIKOLU 312

Ir-Riezami u l-appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, kważi ġudizzjarji jew amministrattivi għall-iskopijiet ta' stħarriġ fil-pront u, fejn ikun meħtieġ, il-korrezzjoni ta' azzjoni korrettiva relatata ma' kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim. Tali tribunali jew proċeduri għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew l-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv, u dawk responsabbli għalihom ma għandu jkollhom l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, fi kwalunkwe tribunal jew proċedura bħal dawn, il-partijiet għall-proċedimenti jiġu pprovduti bi dritt:

(a) opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; kif ukoll

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u sottomissjonijiet ta' rekord jew, fejn ikun meħtieġ mil-liġi tagħha, ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha tassigura, suġġett għal appell jew eżami ulterjuri kif ipprovdut fil-liġi domestika tagħha, li tali deċiżjoni għandha tiġi implimentata minn, u għandha tirregola l-prattika ta', l-uffiċċju jew l-awtorità fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva inkwistjoni.

ARTIKOLU 313

Prattika regolatorja u imġiba amministrattiva tajba

1. Il-Partijiet għandhom jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi dwar il-proċessi ta' riforma regolatorja u l-evalwazzjonijiet tal-impatt regolatorju rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet jappoġġaw il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, u jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni ta' dawn il-prinċipji, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prassi.

ARTIKOLU 314

Kunfidenzjalità

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jirrekjedu lil xi Parti li tiżvela informazzjoni kunfidenzali li tista' timpedixxi l-infurzar tal-liġi jew b'xi mod ieħor tkun kontra l-interess pubbliku jew tista' tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

ARTIKOLU 315

Dispożizzjonijiet speċifiċi

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita f'Kapitoli oħra ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 13

SOLUZZJONI TA’ TILWIM

TAQSIMA A

GĦAN U KAMP TA’ APPLIKAZZJONI

ARTIKOLU 316

Għan

L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jistabbilixxi mekkaniżmu effettiv u effiċjenti biex tiġi evitata u riżolta kull tilwima bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim bl-għan li jaslu, fejn ikun possibbli, għal soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 317

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika fir-rigward ta' kull tilwima li tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu, għajr meta previst mod ieħor.

TAQSIMA B

KONSULTAZZJONIJIET U MEDJAZZJONI

ARTIKOLU 318

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu kull tilwim billi jikkonsultaw lil xulxin in bona fede bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni reċiproka.

2. Parti għandha tfittex konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra, b'kopja mibgħuta lill-Kumitat ta' Kooperazzjoni, u tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan it-Titolu li tikkunsidra applikabbli.

3. Il-konsultazzjonijiet għandhom jinżammu fi żmien 30 jum mid-data ta' meta tasal it-talba u jsiru, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li tkun saret it-talba lilha. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi fi żmien 30 jum mid-data ta' meta tasal it-talba, sakemm iż-żewg Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari l-informazzjoni kollha ddivulgata u l-pożizzjonijiet meħuda mill-Partijiet matul il-konsultazzjonijiet, għandhom ikunu kunfidenzjali, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' xi Parti f'kull proċediment ulterjuri.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta’ urġenza, fosthom dawk li jirrigwardaw prodotti li jmorru jew prodotti jew servizzi relatati mal-enerġija għandhom isiru fi żmien 15-il jum mid-data tal-wasla tat-talba għand il-Parti interpellata, u għandhom jitqiesu konklużi matul dawk il-15-il jum sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

5. Parti li tfittex konsultazzjonijiet tista’ tirrikorri għall-arbitraġġ skont l-Artikolu 319 jekk:

(a) il-Parti li ssirilha t-talba ma tweġibx għat-talba għall-konsultazzjonijiet fi żmien għaxart ijiem mill-wasla tagħha;

(b) il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta’ żmien stabbiliti fil-paragrafu 3 jew 4 ta’ dan l-Artikolu;

(c) il-Partijiet jaqblu li ma jkollhomx konsultazzjonijiet; jew

(d) il-konsultazzjonijiet ġew konklużi u ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni maqbula reċiprokament.

6. Matul il-konsultazzjonijiet kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni fattwali, biex tippermetti eżami sħiħ tal-mod li bih il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa t-tħaddim u l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu. Kull Parti għandha tagħmel sforz biex tiżgura l-parteċipazzjoni ta’ persunal ta’ awtoritajiet governattivi kompetenti tagħhom li għandhom il-kompetenza fil-kwistjoni suġġetti għall-konsultazzjonijiet.

ARTIKOLU 319

Il-Medjazzjoni

1. Kull Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra biex tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni rigward kull miżura li taffettwa ħażin il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tinbeda, titwettaq u tiġi tterminata skont il-Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni.

3. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jadotta d-Deċiżjoni dwar Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni fl-ewwel laqgħa tiegħu u jista' jiddeċiedi emendi għalih.

TAQSIMA C

PROĊEDURI GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM

SUBTAQSIMA I

PROĊEDURA TA' ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU 320

Bidu tal-proċedura tal-arbitraġġ

1. Meta l-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima wara li jkunu rrikorrew għall-konsultazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 318, il-Parti li tkun fittxet il-konsultazzjonijiet tista' titlob l-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ skont dan l-Artikolu.

2. It-talba għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ għandha issir permezz ta' talba bil-miktub mibgħuta lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Sħubija. Il-Parti lmentatriċi għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura inkwistjoni, u għandha tispjega kif tali miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan it-Titolu b'tali mod li tiġi ppreżentata b'mod ċar il-bażi legali tal-ilment.

ARTIKOLU 321

Kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ

1. Għandu jitwaqqaf bord tal-arbitraġġ magħmul minn tliet arbitri.

2. Fi żmien erbatax-il jum mid-data tat-twassil, lill-Parti konvenuta, tat-talba bil-miktub għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ.

3. Fil-każ li l-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kull Parti għandha, fi żmien ħamest ijiem mill-iskadenza taż-żmien stabbilit f'dak il-paragrafu, taħtar arbitru mil-lista sekondarja ta' dik il-Parti li tinsab fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 339. Jekk xi waħda mill-Partijiet tonqos milli taħtar arbitru, l-arbitru għandu, wara talba mill-Parti l-oħra, jintgħażel bil-polza mill-president tal-Kumitat ta' Sħubija, jew mid-delegat tal-president, mil-lista sekondarja ta' dik il-Parti li tinsab fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 339.

4. Sakemm il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar il-president tal-bord ta' arbitraġġ fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-president tal-Kumitat ta' Sħubija jew id-delegat tal-president għandu, wara talba ta' xi waħda mill-Partijiet, jagħżel bil-polza l-president tal-bord ta' arbitraġġ mil-lista sekondarja ta' presidenti li tinsab fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 339.

5. Il-president tal-Kumitat ta' Sħubija, jew id-delegat tal-president, għandu jagħżel l-arbitri fi żmien ħamest ijiem mit-talba imsemmija fil-paragrafu 3 jew 4.

6. Id-data meta jiġi stabbilit il-bord ta' arbitraġġ għandha tkun id-data meta jintgħażlu t-tliet arbitri u meta dawn ikunu aċċettaw il-ħatra tagħhom skont ir-Regoli ta' Proċedura.

7. F'każ li xi waħda mil-listi previsti fl-Artikolu 339 ma tkunx ġiet stabbilita jew ma tinkludix biżżejjed ismijiet fiż-żmien li fih issir it-talba skont il-paragrafu 3 jew il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-arbitri għandhom jintgħażlu bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet.

ARTIKOLU 322

Termini ta’ referenza

1. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-għażla tal-arbitri, it-termini ta' referenza tal-bord ta' arbitraġġ għandhom ikunu kif ġej:

“Biex jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Titolu V ta’ dan il-Ftehim invokat mill-oartijiet involuti fit-tilwima, il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ, biex jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet relevanti u biex jagħti rapport f'konformità mal-Artikoli 324, 325, 326 u 338 ta' dan il-Ftehim.”.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza maqbula lill-bord tal-arbitraġġ fi żmien tlett ijiem mill-ftehim tagħhom.

ARTIKOLU 323

Sentenza preliminari tal-bord ta’ arbitraġġ dwar l-urġenza

Jekk Parti titlob dan, il-bord ta' arbitraġġ, fi żmien għaxart ijiem mill-istabbiliment tiegħu, għandu jiddeċiedi dwar jekk iqisx il-każ bħala wieħed urġenti. Talba bħal din lill-bord ta’ arbitraġġ għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin.

ARTIKOLU 324

Ir-rapporti tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jagħmel rapport interim lill-Partijiet li jistabbilixxi r-riżultati tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet relevanti u r-raġunijiet bażiċi wara kull riżultat u rakkomandazzjoni li jagħmel.

2. Kull Parti tista' tissottometti talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ biex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim fi żmien erbatax-il ġurnata mill-ħruġ tiegħu. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin.

3. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kummenti bil-miktub mingħand il-Partijiet dwar ir-rapport interim, il-bord ta' arbitraġġ jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel eżami ulterjuri jekk iħoss il-ħtieġa.

4. Ir-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ għandu jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatt, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan it-Titolu u r-raġunijiet bażiċi wara kull sejba u l-konklużjonijiet li jasal għalihom. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni suffiċjenti tal-argumenti li jkunu ssemmew fl-istadju tar-rieżami interim, u għandu jkun fih tweġibiet ċari għall-mistoqsijiet u l-osservazzjonijiet tal-Partijiet.

ARTIKOLU 325

Ir-rapport interim tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jippreżenta rapport interim lill-Partijiet mhux iktar tard minn 90 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ. Fejn il-bord ta' arbitraġġ jikkunsidra li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord ta' arbitraġġ għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Kooperazzjoni, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord ta' arbitraġġ jippjana li joħroġ ir-rapport interim. Taħt l-ebda ċirkustanza ma għandu r-rapport interim jinħareġ iżjed tard minn 120 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ.

2. F'każijiet ta' urġenza, inklużi dawk li jinvolvu oġġetti li jitħassru biż-żmien jew oġġetti jew servizzi staġjonali, il-bord ta' arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex jinnotifika r-rapport interim tiegħu fi żmien 45 jum u, fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn 60 jum mid-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ.

3. Parti tista' tippreżenta talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ biex jirrieżamina l-aspetti preċiżi tar-rapport interim skont l-Artikolu 324, il-paragrafu 2 fi żmien erbatax-il jum mill-preżentazzjoni tar-rapport interim. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin. Parti tista' tikkummenta fuq talba tal-Parti l-oħra fi żmien sebat ijiem mill-preżentazzjoni ta' talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ.

ARTIKOLU 326

Ir-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jippreżenta r-rapport finali tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija fi żmien 120 jum mid-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ. Fejn il-bord ta' arbitraġġ jikkunsidra li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord ta' arbitraġġ għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord ta' arbitraġġ jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. Taħt l-ebda ċirkostanza r-rapport finali ma għandu jiġi notifikat iżjed tard minn 150 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ.

2. F'każijiet ta' urġenza msemmijin fl-Artikolu 323, inklużi dawk li jinvolvu oġġetti li jitħassru biż-żmien ~~jew~~ oġġetti jew servizzi staġjonali, il-bord ta' arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex jinnotifika s-sentenza tiegħu fi żmien 60 jum mid-data tal-istabbiliment tiegħu. Taħt l-ebda ċirkostanza r-rapport finali ma għandu jiġi ppreżentat iżjed tard minn 75 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ.

SUBTAQSIMA II

KONFORMITÀ

ARTIKOLU 327

Il-konformità mar-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ

Il-Parti li jsir l-ilment kontriha għandha tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tkun konformi minnufih, u f'bona fide mar-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ sabiex issir konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

ARTIKOLU 328

Perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità

1. Jekk il-konformità immedjata mhix possibbli, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-konformità mar-rapport finali. F'tali każ, il-Parti konvenuta għandha, mhux iktar minn 30 jum wara li jiġi riċevut ir-rapport finali, twassal notifika lill-Parti lmentatriċi u lill-Kumitat ta' Sħubija dwar iż-żmien li teħtieġ għall-konformità ("il-perjodu raġonevoli ta' żmien").

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-Partijiet rigward it-tul tal-perjodu raġonevoli ta’ żmien, il-Parti lmentatriċi tista’, fi żmien 20 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, tagħti talba bil-miktub biex il-bord oriġinali ta’ arbitraġġ jiddetermina t-tul tal-perjodu raġonevoli ta’ żmien. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Sħubija fl-istess ħin. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinnotifika r-riżultat tiegħu f’perjodu ta’ żmien raġonevoli lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla tat-talba.

3. Il-Parti konvenuta għandha tinforma bil-miktub lill-Parti lmentatriċi dwar il-progress tagħha sabiex tikkonforma mar-rapport finali. Din in-notifika għandha tingħata bil-miktub u tintbagħat mill-inqas xahar qabel ma jiskadi l-perjodu raġonevoli ta' żmien.

4. Il-perjodu ta' żmien raġonevoli jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 329

Ir-rieżami ta' kwalunkwe miżura meħuda għall-konformità mar-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-Parti konvenuta għandha tinforma lill-Parti lmentatriċi u lill-Kumitat ta' Sħubija, dwar kull miżura li hija tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord ta’ arbitraġġ. Din in-notifika għandha tingħata qabel tmiem il-perjodu raġonevoli ta' żmien.

2. F'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-eżistenza ta' xi miżura notifikata skont il-paragrafu 1, jew il-konsistenza ta’ tali miżura mad-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, il-Parti lmentatriċi tista' tagħmel talba bil-miktub lill-bord oriġinali ta' arbitraġġ sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tkun irċeviet l-ilment fl-istess ħin. Talba bħal din għandha tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni u tispjega kif tali miżura mhix konsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti, b'manjiera suffiċjenti biex tiġi ppreżentata l-bażi ġuridika għall-ilment b'mod ċar. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija fi żmien 45 jum mid-data tal-wasla tat-talba.

ARTIKOLU 330

Rimedji temporanji f'każ li ma jkunx hemm konformità

1. Jekk il-Parti konvenuta tonqos milli tinnotifika xi miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli, jew jekk il-bord ta' arbitraġġ jiddeċiedi li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda bi skop ta' konformità jew li l-miżura nnotifikata skont l-Artikolu 329(1) tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, il-Parti konvenuta għandha, jekk tintalab mill-Parti lmentatriċi u wara konsultazzjonijiet ma' dik il-Parti, tippreżenta offerta għal kumpens.

2. Jekk il-Parti li tressaq l-ilment tiddeċiedi li ma titlobx offerta għall-kumpens temporanju skont il-paragrafu 1 jew, fejn issir talba bħal din, ma jintlaħaq l-ebda ftehim dwar kumpens fi żmien 30 jum minn tmiem il-perjodu raġonevoli ta' żmien jew il-konsenja tar-rapport tal-bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 329(2), il-Parti li tressaq l-ilment għandha tkun intitolata, wara li tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Sħubija, li tissospendi l-obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu. In-notifika għandha tispeċifika l-livell ta' sospensjoni ta' obbligi li m'għandux jaqbeż il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew l-indeboliment ikkawżat mill-ksur. Il-Parti li tressaq l-ilment tista' timplimenta s-sospensjoni għaxart ijiem wara d-data tal-wasla tan-notifika għand il-Parti li sar l-ilment dwarha, sakemm il-Parti li sar l-ilment dwarha ma tkunx talbet arbitraġġ taħt il-paragrafu.

3. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun qed isir l-ilment tqis li l-livell ta' sospensjoni jeċċedi l-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew ħsara kkawżati mill-vjolazzjoni, din tista' titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni. Tali rikjesta għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat ta' Sħubija qabel ma jiskadi l-perjodu ta' għaxart-ijiem imsemmi fil-paragrafu 2. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fuq il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. L-obbligi m'għandhomx jiġu sospiżi sakemm il-bord oriġinali ta' arbitraġġ ma jkunx ippreżenta r-rapport tiegħu. Is-sospensjoni għandha tkun konsistenti mar-rapport tal-bord ta' arbitraġġ fuq il-livell ta' sospensjoni.

4. Is-sospensjoni tal-obbligi u l-kumpens previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu temporanji u ma għandhomx jiġu applikati wara li:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni maqbula reċiprokament skont l-Artikolu 334;

(b) il-Partijiet ikunu ftiehmu li l-miżura nnotifikata skont l-Artikolu 329(1) iġġib lill-Parti konvenuta f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan it-Titolu; jew

(c) kwalunkwe miżura li l-bord ta' arbitraġġ skont Artikolu 329(2) sab li hija inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan it-Titolu ġiet irtirata jew emendata sabiex tiġi konformi ma dawk id-dispożizzjonijiet.

ARTIKOLU 331

Rieżami ta' kwalunkwe miżura li tittieħed għall-konformità wara l-adozzjoni ta' rimedji temporanji għal nonkonformità

1. Il-Parti li jkun sar l-ilment kontriha għandha tinnotifika lill-Parti li tkun ressqet l-ilment u lill-Kumitat ta' Sħubija bil-miżura li tkun ħadet sabiex tkun konformi mas-sentenza tal-bord ta' arbitraġġ wara s-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew wara l-applikazzjoni ta' kumpens temporanju, skont il-każ. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li tressaq l-ilment igħandha ttemm is-sospensjoni tal-konċessjonijiet fi żmien 30 jum minn meta tirċievi n-notifika. F'każijiet fejn il-kumpens ġie applikat, u bl-eċċezzjoni ta' każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li sar l-ilment kontriha tista' ttemm l-applikazzjoni ta' tali kumpens fi żmien 30 jum mid-data ta' notifika tagħha li hi kkonformat mas-sentenza tal-bord ta' arbitraġġ.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura nnotifikata ġġibx il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment konformi mad-dispożizzjonijiet koperti fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tan-notifika, il-Parti li tilmenta għandha titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat ta' Sħubija fl-istess ħin. Ir-rapport tal-bord ta' arbitraġġ għandu jiġi ppreżentat lill-Partijiet u lill-Kumitat ta' Sħubija fi żmien 45 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. Jekk il-bord ta' arbitraġġ jiddeċiedi li l-miżura li tittieħed għall-konformità tkun skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, is-sospensjoni tal-obbligi jew kumpens, skont il-każ, għandha tintemm. Jekk il-bord ta' arbitraġġ jiddeċiedi li l-miżura notifikata mill-Parti konvenuta skont il-paragrafu 1 mhuwiex f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, il-livell ta' sospensjoni ta' obbligi jew ta' kumpens għandu jkun, fejn ikun relevanti, adattata fid-dawl tar-rapport tal-bord ta' arbitraġġ.

Subtaqsima III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU 332

Is-sostituzzjoni tal-arbitri

Jekk fi proċedimenti ta' arbitraġġ skont dan il-Kapitolu, il-bord oriġinali ta' arbitraġġ jew uħud mill-membri tiegħu ma jkunux jistgħu jipparteċipaw, jirtiraw, jew jeħtieġ li jiġu sostitwiti għax ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 321. Il-limitu ta' żmien għat-twassil tar-rapport jista' jiġi estiż għaż-żmien meħtieġ għall-ħatra ta' arbitru ġdid, iżda għal mhux iktar minn 20 jum.

ARTIKOLU 333

Is-sospensjoni u t-tmiem tal-proċeduri ta' arbitraġġ u ta' konformità

Wara talba miż-żewġ Partijiet, il-bord ta' arbitraġġ għandu jissospendi l-ħidma tiegħu f'kull ħin għal perjodu miftiehem mill-Partijiet li ma jaqbiżx it-12-il xahar konsekuttivi. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jkompli l-ħidma tiegħu qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu wara talba bil-miktub miż-żewġ Partijiet jew kif jintemm dak il-perjodu wara talba bil-miktub ta' kull Parti. Il-Parti rikjedenti għandha tinnotifika lill-President tal-Kumitat ta' Sħubija u lill-Parti l-oħra kif xieraq. Jekk Parti ma titlobx li titkompla l-ħidma tal-bord ta' arbitraġġ malli jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni li jkun sar qbil dwaru, il-proċedura għandha tintemm. F'każ ta' sospensjoni tal-ħidma tal-bord tal-arbitraġġ, il-perjodi ta' żmien relevanti taħt dan il-Kapitolu għandu jiġi estiż bl-istess perjodu ta' żmien li għalih ix-xogħol tal-bord ta' arbitraġġ kienet sospiża.

ARTIKOLU 334

Soluzzjoni li dwarha hemm qbil reċiproku

1. F'kwalunkwe ħin, il-Partijiet jistgħu jaslu għal soluzzjoni ta' tilwima maqbula b'mod reċiproku skont dan il-Kapitolu.

2. Jekk soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku tintlaħaq matul proċeduri tal-bord jew proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet għandhom jgħarrfu b'mod konġunt lill-Kumitat ta' Sħubija u l-president tal-bord tal-arbitraġġ jew medjatur, fejn applikabbli, dwar kull soluzzjoni bħal din. Wara tali notifika, il-proċeduri tal-bord ta' arbitraġġ jew proċeduri ta' medjazzjoni għandhom jiġu mitmuma.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta s-soluzzjoni bi qbil reċiproku fiż-żmien miftiehem perjodu. Mhux iktar tard mill-iskadenza ta' perjodu ta' żmien miftiehem, il-Parti li qed timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex timplimenta s-soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 335

Regoli ta' Proċedura u Kodiċi ta' Kondotta

1. Il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu għandhom ikunu rregolati minn dan il-Kapitolu, ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta.

2. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jadotta permezz ta' deċiżjoni ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta waqt l-ewwel laqgħa tiegħu u jista' jiddeċiedi dwar emendi għalih.

3. Kwalunkwe seduta ta' smigħ tal-bord ta' arbitraġġ għandha tkun miftuħa għall-pubbliku sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-Regoli ta' Proċedura.

ARTIKOLU 336

Informazzjoni u pariri tekniċi

1. Fuq talba ta’ xi Parti, innotifikata fl-istess ħin lill-bord tal-arbitraġġ u lill-Parti l-oħra, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, il-bord ta’ arbitraġġ jista’ jikseb kull informazzjoni li jqis xierqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, inkluż il-Partijiet involuti fit-tilwima. Il-Partijiet għandhom iwieġbu mill-ewwel u b’mod sħiħ għal kwalunkwe talba minghand il-bord tal-arbitraġġ għal informazzjoni bħal din.

2. Fuq talba ta’ xi Parti, innotifikata fl-istess ħin lill-bord tal-arbitraġġ u lill-Parti l-oħra, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, il-bord tal-arbitraġġ jista’ jfittex li jikseb kull informazzjoni li jqis xierqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jkollu wkoll id-dritt li jfittex l-opinjoni ta' esperti, kif iqis xieraq. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jikkonsulta l-Partijiet qabel ma jagħżel esperti bħal dawn.

3. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fit-territorju ta' Parti jistgħu jissottomettu sommarji tal-fatti amicus curiae quddiem il-bord ta' arbitraġġ skont ir-Regoli ta' Proċedura.

4. Kull informazzjoni miksuba skont dan l-Artikolu għandha tiġi divulgata lil kull waħda mill-Partijet u titressaq għall-kummenti tagħhom.

ARTIKOLU 337

Regoli ta' interpretazzjoni

Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu b'mod konformi mar-regoli abitwali ta' interpretazzjoni tad-dritt pubbliku internazzjonali, inklużi dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tal-1969. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet relevanti stabbiliti f'rapporti ta' Bordijiet u tal-Korp tal-Appell adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO. Ir-rapporti tal-bord ta' arbitraġġ ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet previsti skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 338

Id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta’ arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex kull deċiżjoni tittieħed b'kunsens. Madankollu, fejn ma tistax tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni kkonċernata għandha tiġi deċiża b'vot b'maġġoranza. Fl-ebda każ ma għandhom jiġu divulgati l-opinjonijiet kuntrarji tal-arbitri.

2. Ir-rapport finali tal-bord ta' arbitraġġ għandu jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatt, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet relevanti, u r-raġunijiet bażiċi wara kull sejba u konklużjoni li jasal għaliha.

3. Id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-bord ta’ arbitraġġ għandhom ikunu aċċettati mill-Partijiet mingħajr kundizzjonijiet u m’għandhom joħolqu l-ebda drittijiet jew obbligi għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

4. Il-Kumitat ta’ Sħubija għandu jagħmel ir-rapport tal-bord ta' arbitraġġ disponibbli pubblikament, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali kif previst fir-Regoli ta' Proċedura.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 339

Listi ta' arbitri

1. Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni, fuq il-bażi ta' proposti li saru mill-Partijiet, għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna li jkunu lesti u jkunu kapaċi jservu bħala arbitri, sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: lista sekondarja waħda għal kull Parti u lista sekondarja waħda ta' individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li li għandhom iservu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ. Kull sublista għandha tinkludi mill-inqas ħames persuni. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jassigura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

2. L-arbitri għandu jkollhom esperjenza espterta fil-liġi, fil-kummerċ internazzjonali, u kwistjonijiet oħra li jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu. Dawn għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdux struzzjonijiet minn xi organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma jkunu affiljati mal-gvern ta’ kwalunkwe waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-Kodiċi tal-Kondotta. Il-President għandu jkollu wkoll esperjenza fi proċeduri ta’ soluzzjoni ta’ tilwim.

3. Il-Kumitat ta' Sħubija jista' jistabbilixxi listi addizzjonali ta' 15-il individwu b'għarfien u esperjenza f'setturi speċifiċi koperti mid-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu. Suġġett għall-qbil mill-Partijiet, tali listi addizzjonali għandhom jintużaw biex jiffurmaw il-bord ta' arbitraġġ skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 321.

ARTIKOLU 340

Għażla tal-Forum

1. Fejn tinqala’ tilwima fir-rigward ta’ miżura partikolari f’allegat ksur ta’ obbligu skont dan il-Ftehim u ta’ obbligu sostanzjalment ekwivalenti taħt ftehim internazzjonali ieħor li ż-żewġ Partijiet huma parti għalih, inkluż il-Ftehim tad-WTO, il-Parti li qed tfittex rimedju għandha tagħżel il-forum li fih għandha tissolva t-tilwima.

2. Meta Parti tkun għażlet il-forum u tkun bdiet il-proċeduri ta’ soluzzjoni ta’ tilwim skont dan il-Kapitolu jew skont ftehim internazzjonali ieħor, il-Parti m’għandhiex tibda proċeduri ta’ soluzzjoni ta’ tilwim skont ftehim ieħor fir-rigward ta’ miżura partikolari msemmija fil-paragrafu 1, sakemm il-forum magħżul l-ewwel ma jirnexxilux jagħmel sejbiet għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 320;

(b) il-proċedimenti dwar is-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim WTO huma meqjusa li jkunu ġew mibdija mit-talba ta' Parti għal-istabbiliment ta' bord skont l-Artikolu 6 tal-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO;

(c) l-arranġamenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor jitqiesu li jinbdew skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta’ dak il-ftehim.

4. Bla ħsara għall-paragrafu 2, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jżomm lil Parti milli timplimenta s-sospensjoni ta' obbligi awtorizzati mill-Entità għas-Soluzzjonijiet tat-Tilwim tad-WTO. Il-Ftehim tad-WTO ma għandux jiġix invokat sabiex iwaqqaf Parti milli tissospendi obbligi skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 341

Limiti ta' Żmien

1. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fosthom l-iskadenzi sabiex il-bordijiet ta' arbitraġġ jippreżentaw ir-rapporti tagħhom, għandhom jingħaddu f'jiem tal-kalendarju, bl-ewwel jum ikun l-għada tal-att jew il-fatt li għalih jirreferu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

2. Kull limitu ta' żmien li jissemma f'dan il-Kapitolu jista' jiġi modifikat bi ftehim reċiproku tal-Partijiet involuti fit-tilwima. Il-bord ta' arbitraġġ jista' f'kull ħin jipproponi lill-Partijiet li jimmodifikaw kull limitu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dik il-proposta.

ARTIKOLU 342

Ir-rinviju għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

1. Il-proċedura li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 2 tapplika għal tilwim li jqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-approssimazzjoni tal-Artikoli 169, 180, 189 u 192.

2. Fejn tilwima msemmija fil-paragrafu 1 tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, il-bord ta' arbitraġġ għandu jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni sakemm il-kwistjoni tkun meħtieġa għad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ. F'tali każijiet, l-iskadenzi li japplikaw għas-sentenzi tal-bord ta' arbitraġġ għandhom jiġu sospiżi sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti s-sentenza tagħha. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun vinkolanti fuq il-bord ta' arbitraġġ.

TITOLU VII

ASSISTENZA FINANZJARJA, U DISPOŻIZZJONIJIET KONTRA L-FRODI, U TA' KONTROLL

KAPITOLU 1

GĦAJNUNA FINANZJARJA

ARTIKOLU 343

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha tibbenefika minn għajnuna finanzjarja permezz tal-mekkaniżmi u strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea relevanti. Ir-Repubblika tal-Armenja tista' tibbenefika wkoll minn self mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn. L-għajnuna finanzjarja għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Ftehim u għandha tkun prevista skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 344

1. Il-prinċipji ewlenin tal-assistenza finanzjarja għandhom ikunu f’konformità mar-regolamenti relevanti li tikkonċerna strumenti finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

2. L-oqsma prijoritarji tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea miftiehma mill-Partijiet għandhom jiġu stabbiliti fi programmi ta' azzjoni annwali, ibbażati kull meta applikabbli fuq oqfsa multiannwali li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi miftehma. L-ammonti ta' għajnuna stabbiliti f'dawk il-programmi għandhom iqisu l-ħtiġijiet tar-Repubblika tal-Armenja, il-kapaċitajiet tas-settur u l-progress bir-riformi, partikolarment f'oqsma koperti b'dan il-Ftehim.

3. Sabiex jiġi permess l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-għajnuna tal-Unjoni Ewropea tiġi implimentata b'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi donaturi oħra, organizzazzjonijiet ta' donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u f'konformità ma' prinċipji internazzjonali tal-effettività tal-għajnuna.

4. Fuq talba tar-Repubblika tal-Armenja u suġġett għal kundizzjonijiet applikabbli, l-Unjoni Ewropea tista’ tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 345

Il-bażi fundamentali ġuridika, amministrattiva u teknika tal-għajnuna finanzjarja għandha tkun stabbilita fil-qafas ta' ftehimiet relevanti bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 346

Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jkun infurmat dwar il-progress u l-implimentazzjoni tal-għajnuna finanzjarja, u l-impatt tagħha meta jiġu segwiti l-objettivi ta' dan il-Ftehim. Għal dak il-għan, il-korpi relevanti tal-Partijiet għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fuq bażi reċiproka u permanenti.

ARTIKOLU 347

Il-Partijiet għandhom jimplimentaw l-għajnuna f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jikkooperaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja skont il-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu.

KAPITOLU 2

DISPOŻIZZJONIJIET KONTRA L-FRODI U TA’ KONTROLL

ARTIKOLU 348

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fil-Protokoll ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 349

Kamp ta’ Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu jkun applikabbli għal kwalunkwe ftehim ulterjuri jew strument ta’ finanzjament li jiġi konkluż bejn il-Partijiet, u kwalunkwe strument ta’ finanzjament ieħor tal-Unjoni Ewropea li r-Repubblika tal-Armenja jew entitajiet jew persuni oħra taħt il-ġuriżdizzjoni tar-Repubblika tal-Armenja tista’ tkun assoċjata miegħu, mingħajr ħsara għal kwalunkwe klawżola addizzjonali oħra li tkopri l-awditjar, il-verifiki fuq il-post, l-ispezzjonijiet, il-kontrolli, u l-miżuri ta’ kontra l-frodi, fosthom dawk li jsiru mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF).

ARTIKOLU 350

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kulll attività illegali oħra

Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra f'rabta mal-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE, inkluż permezz ta’ għajnuna amministrattiva reċiproka u għajnuna legali reċiproka fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 351

L-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni ulterjuri fil-livell operattiv

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-UE u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jiskambjaw informazzjoni fuq bażi regolari u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-OLAF jista' jaqbel mal-kontropartijiet tiegħu tar-Repubblika tal-Armenja fuq iktar kooperazzjoni fil-qasam ta' kontra l-frodi, inklużi arranġamenti operattivi mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja.

3. Għat-trasferiment u l-ipproċessar tad-data personali, japplika l-Artikolu 13.

ARTIKOLU 352

Kooperazzjoni sabiex l-euro u d-dram jiġu protetti mill-iffalsifikar.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jikkooperaw bl-għan li jkun hemm protezzjoni effettiva tal-euro u dram kontra l-iffalsifikar. Din il-kooperazzzjoni għandha tinkludi l-għajnuna neċessarja biex tilqa' u tiġġieled l-iffalsifikar tal-euro u d-dram, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni.

ARTIKOLU 353

Il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-irregolaritajiet

1. Fejn ikunu fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jivverifikaw b'mod regolari li l-operazzjonijiet iffinanzjati b'fondi tal-UE jkunu ġew implimentati kif xieraq. Għandhom jieħdu kwalunkwe miżura xierqa biex jipprevenu u jirrimedjaw l-irregolaritajiet u l-frodi.

2. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jieħdu kwalunkwe miżura xierqa sabiex jevitaw u jirrimedjaw kwalunkwe prattiki ta' korruzzjoni attiva jew passiva u jeskludu l-kunflitt ta' interess fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri relatati mal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE.

3. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe miżura ta' prevenzjoni meħuda.

4. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni Ewropea b'kull informazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien b'kull bidla sostanzjali fil-proċeduri jew sistemi tagħhom.

ARTIKOLU 354

L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni

L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jiżguraw li ssir investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' każijiet suspettati, jew każijiet attwali, ta' frodi, korruzjoni jew kwalunkwe irregolarità oħra, inkluż il-kunflitt ta' interess, wara kontrolli nazzjonali jew tal-UE. Fejn xieraq, l-Uffiċju Ewropea kontra l-Frodi jista' jassisti l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja f'dak il-kompitu.

ARTIKOLU 355

Il-komunikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet

1. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr telf ta' żmien kull informazzjoni li jsiru jafu biha dwar każijiet suspettati, jew każijiet attwali, ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe irregolarità oħra, inkluż kunflitt ta' interess, f'rabta mal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE. Fejn hemm suspett ta’ frodi jew korruzzjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandu wkoll ikun infurmat.

2. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jirrappurtaw ukoll dwar kull miżura meħuda f'rabta mal-fatti kkomunikati skont dan l-Artikolu. F'każ li ma jkun hemm l-ebda każ sospett jew attwali ta' frodi, korruzzjoni, jew kwalunkwe irregolarità oħra x'jiġi rrappurtat, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja.

ARTIKOLU 356

Awditi

1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma intitolati jeżaminaw jekk in-nefqa kollha relatata mal-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE tkunx saret b'manjiera legali u regolari u jekk l-immaniġġjar finanzjarju kienx tajjeb.

2. L-awditi għandhom isiru abbażi kemm tal-impenji meħuda kif ukoll tal-ħlasijiet li jkunu saru. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti u, jekk ikun hemm bżonn, jitwettqu fuq il-post fl-uffiċċji ta' kull entità li tiġġestixxi jew tieħu parti fl-implimentazzjon tal-fondi tal-UE, inkluż il-benefiċjarji kollha, il-kuntratturi u subkuntratturi li rċevew fondi tal-UE direttament jew indirettament. L-awditi jistgħu isiru qabel għeluq il-kontijiet għas-sena finanzjarja inkwistjoni u għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ

3. L-ispetturi tal-Kummissjoni Ewropea jew persuni oħra maħtura mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jistgħu jwettqu verifiki ta' dokumenti jew verifiki fuq il-post u awditjar fl-uffċċji ta' kwalunkwe entità li timmaniġġja jew tieħu sehem fl-implimentazzjoni ta’ fondi tal-UE u tas-sottokuntratturi fir-Repubblika tal-Armenja.

4. Il-Kummissjoni Ewropea jew persuni oħra maħtura mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandu jkollhom aċċess għas-siti, ix-xogħlijiet u d-dokumenti, kif ukoll għall-informazzjoni kollha neċessarja, inkluża dik f'format elettroniku, biex iwettqu tali awditi. Dak id-dritt ta' aċċess għandu jkun ikkomunikat lill-istituzzjonijiet pubbliċi tar-Repubblika tal-Armenja u għandu jkun iddikjarat b'mod espliċitu fil-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

5. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom.

ARTIKOLU 357

Verifiki fuq il-post

1. Fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandu jkollu d-dritt li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

2. Kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitmexxew mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja.

3. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jiġu nnotifikati, fi żmien xieraq, bil-mira, l-iskop u l-bażi ġuridika tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha rikjesta. Għal dak il-għan, uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Armenja għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

4. Jekk l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja kkonċernati jesprimu l-interess tagħhom, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu b'mod konġunt mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u minnhom.

5. Meta operatur ekonomiku jirreżisti kontroll jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi l-għajnuna f'konformità mal-liġi tar-Repubblika tal-Armenja, skont kif meħtieġ biex ikun jista' jwettaq id-dover billi jagħmel kontroll jew spezzjoni fuq il-post.

ARTIKOLU 358

Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi

Il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi jistgħu jkunu imposti fuq l-operaturi ekonomiċi mill-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[1], ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u r-Regolament (UE) Nru 1268/2012[3]. Miżuri addizzjonali u sanzjonijiet li jikkumplimentaw dawk imsemmija fl-ewwel sentenza jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Eurotom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU UE L 312, 23.12.1995, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU UE L 298, 26.10.2012, p. 1).

[3] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU UE L 362, 31.12.2012, p. 1).

ARTIKOLU 359

Irkupru

1. Meta l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja jkunu fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea tkun intitolata li tirkupra fondi tal-UE li jkunu mħallsa meta ma kienx suppost, b'mod partikolari permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja għanhom jieħdu kull miżura xierqa biex jirkupraw fondi tal-UE li tħallsu meta ma kienx suppost. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja biex tipprevjeni t-telf tal-fondi tal-UE kkonċernati.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta mar-Repubblika tal-Armenja dwar il-kwistjoni, qabel ma tieħu xi deċiżjoni dwar l-irkupru. Disputi dwar l-irkupru għandhom jiġu diskussi fil-Kunsill ta' Sħubija.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, li jimponu obbligu finanzjarju fuq persuni apparti mill-Istati, għandhom ikunu infurzabbli fir-Repubblika tal-Armenja skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-infurzar għandu jkun immexxi mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fir-Repubblika tal-Armenja. L-ordni ta' infurzar għandu jinħareġ, mingħajr l-ebda kontroll ulterjuri għajr il-verifika tal-awtentiċità tal-att ta' infurzar, mill-awtoritajiet maħtura għal dan il-għan mill-gvern tar-Repubblika tal-Armenja. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Armenja għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-identità ta' dik l-awtorità nazzjonali.

(b) Meta l-formalitajiet imsemmija fil-punt (a) jiġu kompluti fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tista' tipproċedi għall-infurzar skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja, billi tressaq il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti.

(c) Il-legalità tad-deċiżjoni ta' infurzar għandha tkun suġġetta għall-kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-eżekuzzjoni tista' tiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Armenja dwar kwalunkwe deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex jissospendu l-eżekuzzjoni. Madankollu, il-qrati tar-Repubblika tal-Armenja għandu jkollhom ġuriżdizzjoni fuq l-ilmenti dwar il-fatt li l-infurzar ikun qed isir b'mod irregolari.

4. Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu infurzabbli bl-istess kundizzjonijiet.

ARTIKOLU 360

Kunfidenzjalità

L-informazzjoni kkomunikata jew akkwistata fi kwalunkwe għamla skont dan il-Kapitolu għandha tkun koperta bis-segretezza professjonali u protetta bl-istess mod ta' kif informazzjoni simili hija protetta bil-liġi tar-Repubblika tal-Armenja u bid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-UE. Tali informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata għajr lil persuni fl-istituzzjonijiet tal-UE, fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Armenja, li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafu biha, l-anqas ma tista' tintuża għal għanijiet oħra ħlief biex ikun żgurat il-ħarsien effettiv tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

ARTIKOLU 361

L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-atti tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti msemmija fl-Anness XII skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Dikjarazzjoni dwar il-Kapitolu 2 (dispożizzjonijiet għal kontra l-Frodi)

L-obbligu li jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jirrimedjaw għal kwalunkwe irregolaritajiet, frodi, jew prattiki ta' korruzzjoni attiva jew passiva u jeskludu l-kunflitt ta' interess fi kwalunkwe stadju tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE msemmija fil-Kapitolu 2 tat-Titolu VII mhijiex meqjusa bħala obbligazzjoni finanzjarja għar-Repubblika tal-Armenja fir-rigward tal-obbligi assunti minn entitajiet u persuni taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha.

L-Unjoni Ewropea, filwaqt li teżerċita d-dritt tagħha ta' kontroll skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu VII, għandha tirrispetta r-regoli nazzjonali dwar is-segretezza bankarja.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

KAPITOLU 1

IL-QAFAS ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 362

Kunsill ta’ Sħubija

1. B'dan qed jiġi stabbilit il-Kunsill ta’ Sħubija. Dan għandu jissorvelja u jirrieżamina regolarment l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jikkonsisti f’rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell ministerjali u jiltaqgħu f'intervalli regolari, mill-inqas darba fis-sena, u meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiltaqa' fi kwalunkwe konfigurazzjoni, bi ftehim reċiproku.

3. Il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jeżamina kull kwistjoni maġġuri li tinqala' fil-kuntest tal-qafas ta' dan il-Ftehim u kull kwistjoni bilaterali jew internazzjonali li tkun ta' interess reċiproku għall-finijiet tal-kisba tal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jwaqqaf ir-regoli tiegħu ta’ proċedura tiegħu stess.

5. Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jiġi ppresedut b'mod alternat minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tar-Repubblika tal-Armenja.

6. Għall-finijiet tal-kisba tal-objettivi ta’ dan il-Ftehim, il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu ta’ dan il-Ftehim, fil-każi previsti fih. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti għall-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentawhom. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Huwa għandu jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi.

7. Il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jkun forum għall-iskambju ta’ informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja, kemm taħt preparazzjoni u kif ukoll fis-seħħ, u dwar l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-miżuri ta’ konformità.

8. Il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jkollu s-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika taħt it-Titolu VI.

ARTIKOLU 363

Kumitat ta’ Sħubija

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat ta’ Sħubija. Huwa għandu jassisti lill-Kunsill ta’ Sħubija fid-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu.

2. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet, fil-prinċipju f'livell ta' uffiċjali pubbliċi anzjani.

3. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jiġi ppresedut b'mod alternat minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tar-Repubblika tal-Armenja.

4. Fir-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jiddetermina d-dmirijiet u l-funzjonament tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu għandu jinkludu t-tħejjija tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.

5. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Sħubija kull waħda mis-setgħat li għandu, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.

6. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet f'oqsma li fihom il-Kunsill ta' Sħubija jiddelega s-setgħat lilu u fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iwettquhom. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet, suġġett għat-twettiq tal-proċeduri interni rispettivi tal-Partijiet.

7. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha marbuta mat-Titolu VI. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jiltaqa' f'dik il-konfigurazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

ARTIKOLU 364

Sottokumitati u Korpi oħrajn

1. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jkun assistit minn sottokumitati u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe sottokumitati jew korp speċjali f'oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-operat ta' dawn il-korpi.

3. Is-sottokumitati għandhom jirraportaw regolarment dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat ta' Sħubija.

4. L-eżistenza ta' kwalunkwe sottokumitati ma għandhiex tipprevjeni lil xi waħda mill-Partijiet mill-tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat ta' Sħubija inkluż fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-Kummerċ.

ARTIKOLU 365

Kumitat Parlamentari ta' Sħubija

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat Parlamentari ta' Sħubija. Dan għandu jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew, min-naħa waħda, u Membri tal-Parlament tar-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, u għandu jkun forum għalihom sabiex jiltaqgħu u jiskambjaw il-fehmiet. Din għandha tiltaqa' f'intervalli li għandha tiddetermina hija stess.

2. Il-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. Il-Kumitat Parlamentari ta’ Sħubija għandu jiġi ppresedut b'rotazzjoni minn rappreżentant tal-Parlament Ewropew u rappreżentant tal-Parlament tar-Repubblika tal-Armenja rispettivament, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta’ proċedura tiegħu.

4. Il-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija jista' jitlob lill-Kunsill ta' Sħubija informazzjoni relevanti li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u l-Kunsill ta' Sħubija mbagħad għandu jagħti lill-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija l-informazzjoni mitluba.

5. Il-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija għandu jiġi infurmat bid-deċiżjonijiet u bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Sħubija.

6. Il-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Sħubija.

7. Il-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija jista' jistabbilixxi sottokumitati ta’ sħubija parlamentari.

ARTIKOLU 366

Pjattafoma tas-Soċjetà Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu wkoll laqgħat regolari tar-rappreżentanti tas-soċjetajiet ċivili tagħhom, sabiex iżommuhom infurmati, u jiġbru l-kontribut tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. B'dan hija stabbilita Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili. Għandha tkun forum biex jiltaqgħu u jiskambjaw il-fehmiet ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili min-naħa tal-Unjoni Ewropea, inklużi membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonoijiet tas-soċjetà ċivili, netwerks u pjattaformi min-naħa tar-Repubblika tal-Armenja, inklużi r-rappreżentanti tal-pjattaforma nazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant. Din għandha tiltaqa' f'intervalli li għandha tiddetermina hija stess.

3. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili għandha tistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tagħha stess. Dawk ir-regoli ta' proċedura għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, il-prinċipji ta' trasparenza, inklużività u rotazzjoni.

4. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili għandha tiġi ppreseduta b'rotazzjoni minn rappreżentant tas-soċjetà ċivili tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tas-soċjetà ċivili tar-Repubblika tal-Armenja rispettivament, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom ikunu stipulati fir-regoli ta' proċedura tagħha.

5. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili għandha tiġi infurmata bid-deċiżjonijiet u bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Sħubija.

6. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Sħubija, lill-Kumitat ta' Sħubija u l-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija.

7. Il-Kumitat ta' Sħubija u l-Kumitat Parlamentari ta' Sħubija għandhom jorganizzaw kuntatti regolari mar-rappreżentanti tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili sabiex jiksbu l-fehmiet tagħhom dwar il-kisba tal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 367

Aċċess għall-qrati u organi amministrattivi

Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, kull Parti timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess liberu minn diskriminazzjoni għall-qrati kompetenti u għall-korpi amministrattivi, fir-igward tal-persuni bin-nazzjonalità tagħha, sabiex jiddefendu d-drittijiet individwali u d-drittijiet tal-proprjetà tagħhom.

ARTIKOLU 368

Eċċezzjonijiet dwar is-Sigurtà

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jiġi interpretat li:

(a) jobbliga xi Parti sabiex tagħti xi informazzjoni li l-iżvelar tagħha hija tikkunsidra bħala li jmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha;

(b) ma jħallix lil xi Parti milli tieħu azzjoni li hija tikkunsidra neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) marbuta mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, munizzjoni jew materjal tal-gwerra;

(ii) marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament biex jiġi fornut stabbiliment militari;

(iii) li għandha x'taqsam ma' materjali fissjonali u fużjonabbli jew materjali meħuda minnhom; jew

(iv) li tittieħed fi żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra f'relazzjonijiet internazzjonali.

(c) li timpedixxi lil xi Parti milli tieħu xi tip ta' azzjoni biex tfittex li twettaq l-obbligi taħt il-Karta tan-NU biex iżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

ARTIKOLU 369

In-nondiskriminazzjoni

1. Fl-oqsma li huma koperti minn dan il-Ftehim u mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċjali li huma inklużi fihom:

(a) l-arranġamenti applikati mir-Repubblika tal-Armenja fir-rigward tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma għandhom jagħtu lok għall-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tagħhom; kif ukoll

(b) l-arranġamenti applikati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Istati Membri tagħha fir-rigward tar-Repubblika tal-Armenja ma għandhom jagħtu lok għall-ebda diskriminazzjoni bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tar-Repubblika tal-Armenja.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom għall-kontribwenti li mhumiex f'sitwazzjonijiet identiċi fejn għandu x'jaqsam il-post ta' residenza tagħhom.

ARTIKOLU 370

Approssimazzjoni gradwali

Ir-Repubblika tal-Armenja għandha twettaq l-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-liġi tal-UE kif imsemmi fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, abbażi ta' impenji identifikati f'dan il-Ftehim, u skont id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Annessi. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika taħt it-Titolu VI.

ARTIKOLU 371

Approssimazzjoni dinamika

F'konformità mal-għan ta' approssimazzjoni gradwali mir-Repubblika tal-Armenja lejn il-liġi tal-UE, il-Kunsill ta' Sħubija għandu perjodikament jirrevedi u jaġġorna l-Annessi ta' dan il-Ftehim f'ordni, fost l-oħrajn, inkluż sabiex jirriflettu l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE u l-istandards applikabbli stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa relevanti mill-Partijiet, u wara li jsiru l-proċeduri interni rispettivi tal-Partijiet. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika taħt it-Titolu VI.

ARTIKOLU 372

Monitoraġġ u valutazzjoni tal-approssimazzjoni

1. Monitoraġġ għandu jfisser il-valutazzjoni kontinwa tal-progress fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' miżuri koperti minn dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiffaċilitaw il-proċess ta' monitoraġġ fil-qafas tal-korpi istituzzjonali stabbiliti minn dan il-Ftehim.

2. L-Unjoni Ewropea għandha tivvaluta l-approssimazzjoni tal-liġi tar-Repubblika tal-Armenja mal-liġi tal-UE, kif imsemmi f'dan il-Ftehim. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti tal-implimentazzjoni u l-infurzar. L-Unjoni Ewropea tista' twettaq valutazzjonijiet bħal dawn individwalment jew bi ftehim mar-Repubblika tal-Armenja. Biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-valutazzjoni, ir-Repubblika tal-Armenja għandha tirrapporta lill-Unjoni Ewropea dwar il-progress fl-approssimazzjoni, fejn xieraq qabel it-tmiem tal-perjodi tranżizzjonali stipulati f'dan il-Ftehim fir-rigward tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea. Il-proċess tar-rappurtar u valutazzjoni, inklużi t-termini u l-frekwenza tal-valutazzjonijiet, għandu jieħu kont tat-termini speċifiċi stabbiliti f'dan il-Ftehim jew deċiżjonijiet mill-korpi istituzzjonali stabbiliti minn dan il-Ftehim.

3. Il-valutazzjoni tal-approssimazzjoni tista' tinkludi missjonijiet fuq il-post, bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, korpi mhux governattivi, awtoritajiet superviżorji, esperti indipendenti u oħrajn, kif meħtieġ.

ARTIKOLU 373

Ir-riżultati tal-monitoraġġ, inklużi valutazzjonijiet tal-approssimazzjoni

1. Ir-riżultati ta’ attivitajiet ta’ monitorapp, inkluż il-valutazzjonijiet ta’ approssimazzjoni msemmija fl-Artikolu 372, għandhom ikunu diskussi fil-korpi relevanti stabbilit skont dan il-Ftehim. Tali korpi jistgħu jadottaw rakkomandazzjonijiet konġunti, li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kunsill ta’ Sħubija.

2. Jekk il-Partijiet jaqblu li l-miżuri meħtieġa koperti bit-Titolu VI ġew implimentati u qed jiġu infurzati, il-Kunsill ta’ Sħubija, skont il-poteri mogħtija lilu fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 319 u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 335, għandhom jiddeċiedu dwar iktar ftuħ tas-suq kif previst fit-Titolu VI.

3. Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata lill-Kunsill ta’ Sħubija f’konformità mal-paragrafu 1, jew in-nuqqas ta’ lħiq ta’ tali rakkomandazzjoni, ma għandhiex tkun suġġetta għas-soluzzjoni tat-tilwima kif imsemmi fit-Titolu VI. Deċiżjoni meħuda mis-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, jew in-nuqqas li tittieħed deċiżjoni, ma għandhiex tkun suġġetta għal soluzzjoni tat-tilwim kif definit fit-Titolu VI.

ARTIKOLU 374

Restrizzjonijiet f'każ ta' bilanċ ta' pagamenti u diffikultajiet finanzjarji esterni

1. Fejn Parti tesperjenza diffikultajiet serji fil-bilanċ ta' pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni, jew fejn ikun hemm theddida ta' dan, hija tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja jew miżuri restrittivi li jaffettwaw il-movimenti ta' kapital, pagamenti jew trasferimenti ta' flus.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ma jittrattawx Parti b'mod inqas favorevoli minn entità li mhijiex Parti f'sitwazzjonijiet simili;

(b) ikunu konsistenti mal-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali tal-1944, kif applikabbli;

(c) jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra;

(d) ikunu temporanji u eliminati gradwalment b'mod progressiv hekk kif is-sitwazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 titjieb.

3. Fil-każ ta' kummerċ f'oġġetti, Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni tal-bilanċ ta' pagamenti jew il-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha. Tali miżuri għandhom ikunu skont il-GATT 1994 u l-Qbil dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-GATT 1994.

4. Fil-każ ta' kummerċ fis-servizzi, Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-bilanċ ta' pagamenti jew il-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha. Tali miżuri għandhom ikunu konformi mal-GATS.

5. Kull Parti li żżomm jew li tkun adottat miżuri restrittivi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra dwarhom u tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, skeda taż-żmien għat-tneħħija tagħhom.

6. Meta r-restrizzjonijiet jiġu adottati jew miżmuma skont dan l-Artikolu, għandhom isiru konsultazzjoni minnufih fil-Kumitat ta' Sħubija, jekk dawn il-konsultazzjonijiet ma jitwettqux b'xi mod ieħor barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

7. Il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw il-bilanċ ta' pagamenti jew id-diffikultajiet finanzjarji esterni li wasslu għall-miżuri rispettivi, waqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, fatturi bħal:

(a) in-natura u l-firxa tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; jew

(c) miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

8. Il-konsultazzjonijiet għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kull miżura restrittiva mal-paragrafi 1 u 2.

9. F’tali konsultazzjonijiet, is-sejbiet kollha ta' fatti statistiċi u fatti oħra ppreżentati mill-Fond Monetarju Internazzjonali relatati mal-kambju, ir-riżervi monetarji u l-bilanċ tal-pagamenti għandhom jiġu aċċettati kif inhuma u l-konklużjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-Fond Monetarju Internazzjonali tal-bilanċ tal-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

ARTIKOLU 375

Tassazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għall-miżuri ta' tassazzjoni sa fejn tali applikazzjoni tkun neċessarja biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar ta' xi miżura mmirata lejn l-impediment tal-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet tat-taxxa fi ftehimiet sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, arranġamenti oħra ta' taxxa jew leġiżlazzjoni fiskali domestika.

ARTIKOLU 376

L-awtorità delegata

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna, inkluż intrapriża tal-istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju li jkun ġie delegat awtorità regolatorja, amministrattiva jew governattiva oħra minn Parti f'kull livell ta' gvern, taġixxi skont l-obbligi tal-Parti kif stabbilit f'dan il-Ftehim fl-eżerċizzju ta' dik l-awtorità.

ARTIKOLU 377

It-twettiq tal-obbligi

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Għandhom jiżguraw li l-għanijiet li huma stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Il-Partijiet għandhom jaqblu li jikkonsultaw minnufih permezz tal-mezzi adatti fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet sabiex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u aspetti relevanti oħra tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

3. Kull Parti għandha tirreferi lill-Kunsill ta' Sħubija kull tilwima relatata mal-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 378.

4. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jtemm it-tilwima b'deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 378.

ARTIKOLU 378

Riżoluzzjoni ta’ tilwim

1. Meta tinqala' tilwima bejn il-Partijiet rigward l-interpertazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, waħda mill-Partijiet għandha tippreżenta talba formali lill-Parti l-oħra u lill-Kunsill ta’ Sħubija biex il-kwistjoni tat-tilwima tiġi solvuta. B’deroga, tilwimiet dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tat-Titolu VI għandhom jiġu rregolati esklussivament mill-Kapitolu 13 tat-Titolu VI.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu t-tilwima billi jikkonsultaw lil xulxin in bona fede fi ħdan il-Kunsill ta’ Sħubija bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni reċiproka fl-iqsar żmien possibbli.

3. Konsultazzjonijiet fuq tilwima jistgħu wkoll isiru fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Sħubija jew kwalunkwe korp relevanti ieħor imsemmi fl-Artikolu 364, kif maqbul bejn il-Partijiet jew fuq talba ta’ waħda mill-Partijiet. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll bil-miktub.

4. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lill-Kunsill ta' Sħubija, il-Kumitat ta’ sħubija u kwalunkwe sottokumitati jew korpi oħra relevanti bl-informazzjoni kollha neċessarja għal analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni.

5. Tilwima għandha titqies riżolta meta l-Kunsill ta' Sħubija jieħu deċiżjoni vinkolanti biex isolvi l-kwistjoni kif previst fl-Artikolu 377(4), jew meta huwa jkun iddikjara li t-tilwima waslet fi tmiemha.

6. Kull informazzjoni li tingħata waqt il-konsultazzjonijiet għandha tibqa' kunfidenzjali.

ARTIKOLU 379

Miżuri xierqa fil-każ tan-nuqqas ta’ twettiq ta’obbligi

1. Parti tista’ tieħu miżuri xierqa, jekk il-kwistjoni ma tissolviex fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika ta’ talba formali għal soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 378 u jekk il-Parti li tressaq l-ilment tibqa' tikkonsidra li l-Parti l-oħra naqset milli twettaq l-obbligu skont dan il-Ftehim. Ir-rekwiżit għal perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur ma għandux japplika għall-każijiet eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Fl-għażla tal-miżuri xierqa, għandha tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ixekklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Ħlief fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, dawn il-miżuri ma jistgħux jinkludu s-sospensjoni ta’ xi drittijiet jew obbligi previsti skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim stipulati fit-Titolu VI. Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu notifikati immedjatament lill-Kunsill ta' Sħubija u għandhom ikunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 377 u ta' soluzzjoni ta' tilwim skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 378.

3. L-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonċernaw:

(a) denunzja ta' dan il-Ftehim mhux sanzjonata mir-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali, jew

(b) ksur mill-Parti l-oħra ta' xi wieħed mill-elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim imsemmija fl-Artikoli 2 u 9(2).

ARTIKOLU 380

Relazzjoni ma' ftehimiet oħra

1. Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u l-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni"), ġie ffirmat il-Lussemburgu fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999. Ir-referenzi għall-FSK fi ftehimiet l-oħrajn kollha bejn il-Partijiet għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu għal dan il-Ftehim.

2. Sakemm ma jinkisbux drittijiet ekwivalenti għall-individwi u għall-operaturi ekonomiċi skont dan il-Ftehim, dan il-Ftehim ma għandux jaffetwa d-drittijiet li ġew żgurati lilhom permezz ta' ftehimiet eżistenti li jorbtu lil Stat Membru wieħed jew iktar, minn naħa, u lir-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra.

3. Ftehimiet eżistenti dwar oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu kkonsidrati bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif regolati b'dan il-Ftehim u bħala li jifformaw parti minn qafas istituzzjonali komuni.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkumplimentaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet speċifiċi fi kwalunkwe qasam li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dawn il-ftehimiet speċifiċi għandhom ikunu parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati b'dan il-Ftehim u għandhom jifformaw parti minn qafas istituzzjonali komuni.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, la dan il-Ftehim u lanqas kwalunkwe azzjoni li tittieħed skontu ma għandhom jaffettwaw b'xi mod is-setgħat tal-Istati Membri biex iwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali mar-Repubblika tal-Armenja jew biex jikkonkludu, fejn xieraq, ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 381

Tul ta' żmien

1. Dan il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu miftuħ.

2. Kwalunkwe Parti tista' ttemm il-Ftehim b'notifika bil-miktub mibgħuta lill-Parti l-oħra permezz ta' mezzi diplomatiċi. Dan il-Ftehim għandu jintemm sitt xhur wara d-data tal-wasla tat-tali notifika.

ARTIKOLU 382

Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu “il-Partijiet” ifisser l-Unjoni Ewropea, jew l-Istati Membri tagħha, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont is-setgħat rispettivi tagħhom kif derivat mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u, fejn relevanti, dan għandu jfisser ukoll il-Euratom, skont is-setgħat tagħha skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 383

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, bil-kundizzjonijiet stipulati f’dawk it-Trattati, u min-naħa l-oħra, għat-territorju tar-Repubblika tal-Armenja.

ARTIKOLU 384

Depożitarju tal-Ftehim

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 385

Id-dħul fis-seħħ, dispożizzjonijiet finali u applikazzjoni proviżorja

1. Il-Partijiet għandhom jirratifikaw jew japprovaw dan il-Ftehim skont il-proċeduri proprji. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu depożitati mad-depożitarju.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-miktub u bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Tali emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

4. L-Annessi u l-Protokolli għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

5. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja jistgħu japplikaw dan il-Ftehim b'mod proviżorju, b'mod sħiħ jew partijiet minnu, skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni interni rispettivi, kif applikabbli.

6. L-applikazzjoni proviżorja għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li d-depożitarju jirċievi dan li ġej:

(a) in-notifika tal-Unjoni Ewropea dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan l-għan, li tindika l-partijiet tal-Ftehim li għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju; kif ukoll

(b) Id-depożitu tal-istrument ta’ ratifika mir-Repubblika tal-Armenja f’konformità mal-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikappli.

7. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan il-Ftehim, inkluż l-Annessi u l-Protokolli rispettivi tiegħu, kwalunkwe referenza f'tali dispożizzjonijiet għad-"data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" għandha tinftiehem li hija d-"data minn meta dan il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju" skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

8. Id-dispożizzjonijiet tal-FSK, sakemm ma jkunux koperti mill-applikazzjoni proviżorja ta’ dan il-Ftehim, għandhom ikomplu japplikaw matul il-perjodu ta’ applikazzjoni proviżorja.

9. Kwalunkwe Parti tista' tagħti notifika bil-miktub lid-depożitarju tal-intenzjoni tagħha li ttemm l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim. It-terminazzjoni tal-applikazzjoni proviżorja għandha ssir effettiva sitt xhur wara r-riċezzjoni tan-notifika mid-depożitarju.

ARTIKOLU 386

Testijiet awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa magħmul b'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwanjana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, u Armena b'kull test ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

GĦAR-RENJU TAL-BELĠJU

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

GĦAR-REPUBBLIKA ĊEKA

GĦAR-RENJU TAD-DANIMARKA

GĦAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA

GĦALL-IRLANDA

GĦAR-REPUBBLIKA ELLENIKA

GĦAR-RENJU TA’ SPANJA

GĦAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA

GĦAR-REPUBBLIKA TALJANA

GĦAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA

GĦALL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU

GĦALL-UNGERIJA

GĦAR-REPUBBLIKA TA' MALTA

GĦAR-RENJU TAN-NETHERLANDS

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA

GĦAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA

GĦAR-RUMANIJA

GĦAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA

GĦAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

GĦAR-RENJU TAL-IŻVEZJA

GĦAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

GĦALL-UNJONI EWROPEA

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA